DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1773

tat-28 ta' Ġunju 2021

skont id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' *data* personali mir-Renju Unit

(notifikata bid-dokument C(2021) 4801)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(3) tagħha,

Billi:

1. INTRODUZZJONI

(1) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tistabbilixxi r-regoli għat-trasferiment ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni lil pajjiżi terzi u lil organizzazzjonijiet internazzjonali sa fejn tali trasferimenti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Ir-regoli dwar it-trasferimenti internazzjonali tad-*data* mill-awtoritajiet kompetenti huma stabbiliti fil-Kapitolu V tad-Direttiva (UE) 2016/680, b'mod aktar speċifiku fl-Artikoli 35 sa 40. Filwaqt li l-fluss ta' *data* personali lejn u minn pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea huwa essenzjali għal kooperazzjoni effiċjenti fl-infurzar tal-liġi, irid jiġi ggarantit li l-livell ta' protezzjoni mogħti lil *data* personali fl-Unjoni Ewropea ma jiġix imxekkel minn trasferimenti bħal dawn ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 36(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li pajjiż terz, territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni. Skont din il-kundizzjoni, it-trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiż terz jistgħu jsiru mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni ulterjuri (ħlief meta Stat Membru ieħor li minnu tkun inkisbet id-*data* jkollu jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu għat-trasferiment), kif previst fl-Artikolu 35(1) u fil-premessa 66 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(3) Kif speċifikat fl-Artikolu 36(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' adegwatezza trid tkun ibbażata fuq analiżi komprensiva tal-ordni ġuridiku tal-pajjiż terz. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni trid tiddetermina jekk il-pajjiż terz inkwistjoni jiggarantix livell ta' protezzjoni "essenzjalment ekwivalenti" għal dak żgurat fl-Unjoni Ewropea (il-premessa 67 tad-Direttiva (UE) 2016/680). L-istandard li fid-dawl tiegħu tiġi vvalutata l-"ekwivalenza essenzjali" huwa dak stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2016/680, kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ([3]). F'dan ir-rigward, anki r-referenzjal tal-adegwatezza tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* huwa ta' importanza ([4]).

(4) Kif iċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dan ma jeħtieġx li jinstab livell identiku ta' protezzjoni ([5]). B'mod partikolari, il-mezzi li għalihom il-pajjiż terz inkwistjoni jkollu rikors għall-protezzjoni ta' *data* personali jistgħu jvarjaw minn dawk imħaddma fl-Unjoni Ewropea, dment li juru bil-provi, fil-prattika, li jkunu effettivi fl-iżgurar ta' livell adegwat ta' protezzjoni ([6]). Għalhekk, l-istandard tal-adegwatezza ma jeħtieġx replikazzjoni minn punt għal punt tar-regoli tal-Unjoni. Minflok, il-prova hija jekk, permezz tas-sustanza tad-drittijiet tal-privatezza u l-implimentazzjoni, is-superviżjoni u l-infurzar effettivi tagħhom, is-sistema barranija kollha kemm hi tipprovdix il-livell ta' protezzjoni meħtieġ ([7]).

([1]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.
([2]) Ara l-premessa 64 tad-Direttiva (UE) 2016/680.
([3]) Ara, l-aktar reċentement, il-Kawża C-311/18, *Maximilian Schrems vs Data Protection Commissioner* ("*Schrems II*") ECLI:EU:C:2020:559.
([4]) Ara r-Rakkomandazzjonijiet 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adegwatezza skont id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, adottati fi Frar 2021, disponibbli fuq il-link li ġejja https://edpb.europa.eu/our-work-tools/general-guidance/police-justice-guidelines-recommendations-best-practices_mt
([5]) Il-Kawża C-362/14, *Maximilian Schrems vs Data Protection Commissioner* ("*Schrems*"), ECLI:EU:C:2015:650, il-punt 73.
([6]) *Schrems*, il-punt 74.
([7]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, L-Iskambjar u l-Protezzjoni tad-*Data* Personali f'Dinja Globalizzata, COM(2017)7 tal-10.1.2017, it-taqsima 3.1, p. 6-7, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017DC0007&from=mT

(5) Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa l-liġi u l-prattika rilevanti tar-Renju Unit (UK). Fuq il-bażi tas-sejbiet tagħha, stabbiliti hawn taħt, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-Renju Unit jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-*data* personali ttrasferita mill-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/680, lill-awtoritajiet kompetenti fir-Renju Unit li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 3 tad-Data Protection Act 2018 (DPA 2018) ([8]).

(6) Din id-Deċiżjoni għandha l-effett li tali trasferimenti jistgħu jsiru mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb xi awtorizzazzjoni oħra għal perjodu ta' erba' snin, soġġetta għal tiġdid possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

2. REGOLI LI JAPPLIKAW GĦALL-IPPROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI GĦALL-FINIJIET TAL-INFURZAR TAD-DRITT PENALI

2.1. Il-qafas kostituzzjonali

(7) Ir-Renju Unit huwa demokrazija parlamentari. Għandu Parlament sovran, li huwa suprem għall-istituzzjonijiet l-oħrajn kollha tal-gvern, eżekuttiv meħud mill-Parlament u responsabbli quddiemu u ġudikatura indipendenti. L-Eżekuttiv jieħu l-awtorità tiegħu mill-kapaċità tiegħu li jikseb il-fiduċja tal-House of Commons eletta u huwa responsabbli quddiem iż-żewġ Houses of Parliament (House of Commons u House of Lords) li huma responsabbli għall-iskrutinju tal-Gvern u għad-dibattitu u għall-promulgazzjoni tal-liġijiet. Il-Parlament tar-Renju Unit ta responsabbiltà b'devoluzzjoni lill-Parlament Skoċċiż, lill-Parlament ta' Wales (Senedd Cymru), u lill-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq għal-leġiżlazzjoni dwar ċerti kwistjonijiet domestiċi fl-Iskozja, f'Wales u fl-Irlanda ta' Fuq. Filwaqt li l-protezzjoni tad-*data* hija kwistjoni riżervata għall-Parlament tar-Renju Unit, jiġifieri tapplika l-istess leġiżlazzjoni madwar il-pajjiż kollu, oqsma oħrajn ta' politika rilevanti għal din id-Deċiżjoni huma devoluti. Pereżempju, is-sistemi tal-ġustizzja kriminali, inkluża l-pulizija (l-attivitajiet imwettqa mill-forzi tal-pulizija) tal-Iskozja u tal-Irlanda ta' Fuq huma devoluti lill-Parlament Skoċċiż u lill-Assemblea tal-Irlanda ta' Fuq rispettivament ([9]).

(8) Filwaqt li r-Renju Unit ma għandux kostituzzjoni kkodifikata fis-sens ta' dokument kostituttiv stabbilit, maż-żmien twaqqfu l-prinċipji kostituzzjonali tiegħu, meħudin b'mod partikolari mill-ġurisprudenza u mill-konvenzjoni. Ġie rikonoxxut il-valur kostituzzjonali ta' ċerti statuti, bħall-Magna Carta, il-Bill of Rights 1689 u l-Human Rights Act 1998. Id-drittijiet fundamentali tal-individwi ġew żviluppati, bħala parti mill-kostituzzjoni, permezz tad-dritt komuni, permezz tal-istatuti, u permezz tat-trattati internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), li r-Renju Unit irratifika fl-1951. Fl-1987, ir-Renju Unit irratifika wkoll il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (il-Konvenzjoni 108) ([10]).

(9) Il-Human Rights Act tal-1998 jinkorpora d-drittijiet li jinsabu fil-KEDB fid-dritt tar-Renju Unit. L-Att jagħti lil kwalunkwe individwu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali previsti fl-Artikoli 2 sa 12 u 14 tal-KEDB u fl-Artikoli 1 sa 3 tal-Ewwel Protokoll tiegħu u fl-Artikolu 1 tat-Tlettax-il Protokoll tiegħu, kif moqri mal-Artikoli 16 sa 18 tal-KEDB. Dan jinkludi d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, li min-naħa tiegħu jinkludi d-dritt għall-protezzjoni tad-*data*, u d-dritt ta' proċess ġust ([11]). B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-KEDB, awtorità pubblika tista' tinterferixxi biss mad-dritt għall-privatezza f'konformità mal-liġi, fejn meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, tas-sikurezza pubblika jew tal-benesseri ekonomiku tal-pajjiż, għall-prevenzjoni ta' disturb jew ta' kriminalità, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor.

([8]) Data Protection Act 2018, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2018/12/contents

([9]) UK Explanatory Framework for Adequacy Discussion, section F: Law enforcement, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/872237/F_-_Law_Enforcement_.pdf

([10]) Il-prinċipji tal-Konvenzjoni 108 oriġinarjament ġew implimentati fid-dritt tar-Renju Unit permezz tad-Data Protection Act tal-1984, li ġie ssostitwit bid-DPA 1998, u mbagħad, wara, mid-DPA 2018 (kif moqri mal-GDPR tar-Renju Unit). Ir-Renju Unit iffirma wkoll il-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (magħruf bħala l-"Konvenzjoni 108+") fl-2018 u bħalissa qed jaħdem fuq ir-ratifika tal-Konvenzjoni.

([11]) L-Artikoli 6 u 8 tal-KEDB (ara wkoll l-Iskeda 1 tal-Human Rights Act tal-1998).

(10) F'konformità mal-Human Rights Act tal-1998, kwalunkwe azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi trid tkun kompatibbli ma' dritt iggarantit skont il-KEDB ([12]). Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni primarja u subordinata trid tinqara u tingħata effett b'mod li jkun kompatibbli ma' dawk id-drittijiet ([13]). Sa fejn individwu jqis li d-drittijiet tiegħu, li jinkludu d-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*, inkisru mill-awtoritajiet pubbliċi, huwa jista' jikseb rimedju quddiem il-qrati tar-Renju Unit skont il-Human Rights Act tal-1998 u, eventwalment, wara li jkun ipprova r-rimedji nazzjonali kollha, huwa jista' jikseb rimedju quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għal ksur tad-drittijiet iggarantiti skont il-KEDB.

2.2. **Il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit**

(11) Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni fil-31 ta' Jannar 2020. Fuq il-bażi tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([14]), id-dritt tal-Unjoni kompla japplika fir-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. Qabel il-ħruġ u matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-qafas leġiżlattiv dwar il-protezzjoni ta' *data* personali fir-Renju Unit li jirregola l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluża s-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddidiet għas-sigurtà pubblika, kien jikkonsisti fil-partijiet rilevanti tad-Data Protection Act tal-2018), li ttrasponew id-Direttiva (UE) 2016/680.

(12) Sabiex iħejji għall-ħruġ mill-UE, il-Gvern tar-Renju Unit ippromulga l-European Union (Withdrawal) Act 2018 (EUWA) ([15]), li inkorpora l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni direttament applikabbli fid-dritt tar-Renju Unit u stabbilixxa li l-hekk imsejħa "leġiżlazzjoni domestika dderivata mill-UE" jibqa' jkollha effett wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Parti 3 tad-DPA 2018 ([16]) li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2016/680 tikkostitwixxi "leġiżlazzjoni domestika dderivata mill-UE" skont l-EUWA. Skont l-EUWA, il-"leġiżlazzjoni domestika dderivata mill-UE" mhux modifikata trid tiġi interpretata mill-qrati tar-Renju Unit f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni hekk kif kellhom effett immedjatament qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (imsejħa "ġurisprudenza tal-UE miżmuma" u "prinċipji ġenerali miżmuma tad-dritt tal-UE" rispettivament) ([17]).

(13) Skont l-EUWA, il-Ministri tar-Renju Unit għandhom is-setgħa li jintroduċu leġiżlazzjoni sekondarja, permezz ta' strumenti statutorji, sabiex jintroduċu l-modifiki meħtieġa għad-dritt tal-UE miżmum li jirriżultaw mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. The Data Protection, Privacy and Electronic Communications (Amendments eċċ.) (EU Exit) Regulations 2019 (DPPEC Regulations) ([18]) eżerċitaw din is-setgħa. Dawn jemendaw il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-*data*, li tinkludi d-DPA 2018, sabiex din taqdi l-kuntest domestiku ([19]).

([12]) It-Taqsima 6 tal-Human Rights Act tal-1998.

([13]) It-Taqsima 3 tal-Human Rights Act tal-1998.

([14]) Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika 2019/C 384 I/01, XT/21054/2019/INIT, ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1–177 ("Ftehim dwar il-Ħruġ" jew "WA"), disponibbli fuq il-link li ġejja: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:12019W/TXT(02)&from=MT

([15]) European Union Withdrawal Act 2018, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2018/16/contents

([16]) Data Protection Act 2018, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2018/12/contents

([17]) It-Taqsima 6 tal-EUWA 2018.

([18]) The Data Protection, Privacy and Electronic Communications (Amendments eċċ.) (EU Exit) Regulations 2019, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/uksi/2019/419/contents/made, kif emendati mid-DPPEC 2020, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukdsi/2020/9780348213522

([19]) L-Exit Regulations jagħmlu numru ta' emendi għall-Parti 3 tad-DPA 2018. Ħafna minn dawn huma bidliet tekniċi, bħat-tħassir ta' referenzi għal "Stat Membru" jew għad-"Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi" (ara, pereżempju, it-Taqsima 48(8) jew it-Taqsima 73(5)(a)) tad-DPA 2018 mal-"liġi domestika"), sabiex il-Parti 3 topera b'mod effettiv bħala liġi domestika wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni. F'xi postijiet kienu meħtieġa tipi oħra ta' bidliet, pereżempju, fir-rigward ta' "min" jadotta "deċiżjonijiet ta' adegwatezza" għall-finijiet tal-qafas leġiżlattiv tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-*data* (ara t-Taqsima 74 A tad-DPA 2018), jiġifieri s-Segretarju tal-Istat minflok il-Kummissjoni Ewropea.

(14) Konsegwentement, l-istandards legali dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tad-detezzjoni jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inklużi s-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddidiet għas-sigurtà pubblika fir-Renju Unit wara l-perjodu ta' tranżizzjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ se jkomplu jiġu stabbiliti fil-partijiet rilevanti tad-DPA 2018, iżda kif emendati bir-Regolamenti dwar id-DPPEC, b'mod partikolari fil-Parti 3 ta' dak l-Att. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tar-Renju Unit (UK GDPR) ma japplikax għal dan it-tip ta' pproċessar.

(15) Il-Parti 3 tad-DPA 2018 tipprovdi r-regoli għall-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet ta' infurzar tad-dritt penali, inklużi l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, ir-raġunijiet legali għall-ipproċessar (legalità), id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti bħala kontrolluri u r-restrizzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri. Fl-istess ħin, ir-regoli applikabbli dwar is-sorveljanza, l-infurzar u r-rimedju applikabbli għas-settur tal-infurzar tal-liġi huma pprovduti fil-Partijiet 5 u 6 tad-DPA 2018.

(16) Barra minn hekk, fid-dawl tar-rwol rilevanti li għandhom il-forzi tal-pulizija fis-settur tal-infurzar tal-liġi, jenħtieġ li jkunu kkunsidrati r-regoli li jirregolaw l-attivitajiet tal-pulizija. Peress li l-attivitajiet tal-pulizija huma kwistjoni devoluta, biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni li però spiss ikunu simili fir-rigward tal-kontenut tagħhom huma applikabbli għall-pulizija (a) fl-Ingilterra u f'Wales, (b) fl-Iskozja, u (c) fl-Irlanda ta' Fuq ([20]). Barra minn hekk, diversi tipi ta' dokumenti ta' gwida jipprovdu kjarifiki addizzjonali dwar kif jenħtieġ li jintużaw is-setgħat tal-pulizija. Hemm tliet forom ewlenin ta' gwida għall-pulizija: 1) gwida statutorja maħruġa skont il-leġiżlazzjoni, bħall-Code of Ethics ([21]) u l-Code of Practice on the Management of Police Information (MoPI Code of Practice) ([22]) maħruġa skont il-Police Act 1996 ([23]) jew il-kodiċijiet PACE ([24]) maħruġa skont il-Police and Criminal Evidence Act ([25]), 2) Authorised Professional Practice on the Management of Police Information (APP Guidance on the Management of Police Information) ([26]), maħruġa mill-College of Policing u 3) gwida operazzjonali (ippubblikata mill-pulizija stess). In-National Police Chiefs Council (korp ta' koordinazzjoni għall-forzi tal-pulizija tar-Renju Unit kollha) jippubblika gwida operazzjonali li l-forzi tal-pulizija kollha approvaw u li, għalhekk, tapplika fuq livell nazzjonali ([27]). L-għan ta' din il-gwida huwa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-forzi fil-mod kif tiġi ġestita l-informazzjoni ([28]).

(17) L-MoPI Code of Practice nħareġ mis-Segretarju tal-Istat fl-2005, billi uża s-setgħat previsti fit-Taqsima 39 A tal-Police Act 1996 ([29]). Kwalunkwe kodiċi ta' prattika maħruġ skont il-Police Act irid ikollu l-approvazzjoni tas-Segretarju tal-Istat u jkun soġġett għal konsultazzjoni man-National Crime Agency qabel ma jitressaq quddiem il-Parlament. It-Taqsima 39 A (7) tal-Police Act tirrikjedi li l-pulizija tqis kif xieraq il-kodiċijiet maħruġa skont l-Att u, għalhekk,

([20]) Għal spjegazzjoni aktar dettaljata dwar il-forzi tal-pulizija u s-setgħat tagħhom fir-Renju Unit, ara: Explanatory Framework for Adequacy Discussion tar-Renju Unit, it-taqsima F: Law Enforcement (ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna).

([21]) The Code of Practice for the Principles and Standards of Professional Behaviour for the Policing Profession of England and Wales, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.college.police.uk/What-we-do/Ethics/Documents/Code_of_Ethics.pdf; il-Police Service Northern Ireland Code of Ethic, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.nipolicingboard.org.uk/psni-code-ethics; il-Code of Ethic for policing in Scotland, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.scotland.police.uk/about-us/code-of-ethics-for-policing-in-scotland/

([22]) Code of Practice on the Management of Police Information, disponibbli fuq il-link li ġejja: http://library.college.police.uk/docs/APPref/Management-of-Police-Information.pdf

([23]) Police Act 1996, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1996/16/contents

([24]) Kodiċi tal-prattika Police and Criminal Evidence Act 1984 (PACE) disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.gov.uk/guidance/police-and-criminal-evidence-act-1984-pace-codes-of-practice

([25]) Police and Criminal Evidence Act 1984, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1984/60/contents

([26]) Authorised Professional Practice on the Management of Police Information, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.app.college.police.uk/app-content/information-management/management-of-police-information/

([27]) Data Protection Manual for Police Data Protection Professionals, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.npcc.police.uk/2019%20FOI/IMORCC/225%2019%20NPCC%20DP%20Manual%20Draft%200.11%20Mar%202019.pdf

([28]) Pereżempju, l-MoPI Code of Practice (ara n-nota 22 f'qiegħ il-paġna) japplika għaż-żamma ta' informazzjoni operazzjonali dwar l-attivitajiet tal-pulizija (ara l-premessa (47) ta' din id-deċiżjoni).

([29]) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, matul il-perjodu tat-taħditiet ta' adegwatezza, il-Kulleġġ tal-Pulizija kien fil-proċess li jabbozza Kodiċi ta' Prattika għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni u tar-Rekords sabiex jissostitwixxi l-MoPI. L-abbozz tal-kodiċi ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni pubblika fil-25 ta' Jannar 2021 u huwa disponibbli fuq il-link segwenti: https://www.college.police.uk/article/information-records-management-consultation

il-pulizija hija mistennija tikkonforma miegħu ([30]). Barra minn hekk, gwida mhux statutorja (bħall-APP Guidance on the Management of Police Information) dejjem trid tkun konsistenti mal-MoPI Code of Practice li huwa ġerarkikament fuqha ([31]). Fi kwalunkwe każ, filwaqt li jista' jkun hemm ċerti sitwazzjonijiet operazzjonali li fihom l-uffiċjali tal-pulizija jkollhom bżonn jiddevjaw minn din il-gwida, xorta jkunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Parti 3 tad-DPA 2018 ([32]).

(18) Gwida ulterjuri dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit għall-ipproċessar fis-settur tal-infurzar tal-liġi hija pprovduta mill-Kummissarju tal-Informazzjoni ("Kummissarju tal-Informazzjoni" jew "ICO") ([33]) (għal aktar dettalji dwar l-ICO, ara l-premessi (93) sa (109)). Għalkemm ma hijiex legalment vinkolanti, f'kawża tal-qorti, il-qrati jkunu marbuta li jqisu kwalunkwe ksur tal-gwida, peress li din għandha piż interpretattiv u turi kif il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tiġi interpretata u infurzata mill-Kummissarju fil-prattika ([34]).

(19) Finalment, kif imsemmi fil-premessi (8) sa (10), l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit jeħtiġilhom jiżguraw konformità mal-KEDB u mal-Konvenzjoni 108.

(20) Għalhekk, fl-istruttura u fil-komponenti ewlenin tiegħu, il-qafas legali li jirregola l-ipproċessar tad-*data* mill-awtoritajiet tal-infurzar tad-dritt penali tar-Renju Unit huwa simili ħafna għal dak li japplika fl-UE. Dan jinkludi l-fatt li tali qafas ma jiddependix biss fuq l-obbligi stabbiliti fid-dritt domestiku, li ssawwar mid-dritt tal-UE, iżda wkoll fuq l-obbligi stabbiliti fid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-aderenza mir-Renju Unit mal-KEDB u mal-Konvenzjoni 108, kif ukoll permezz tas-sottomissjoni tiegħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn l-obbligi li jirriżultaw minn strumenti internazzjonali legalment vinkolanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni ta' *data* personali, huma għalhekk element importanti partikolari tal-qafas legali vvalutat f'din id-Deċiżjoni.

2.3. **Kamp ta' applikazzjoni materjali u territorjali**

(21) Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Parti 3 tad-DPA 2018 jikkoinċidi mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2016/680 kif speċifikat fl-Artikolu 2(2) tagħha. Il-Parti 3 tapplika għall-ipproċessar minn awtorità kompetenti ta' *data* personali kompletament jew parzjalment permezz ta' mezzi awtomatizzati u għall-ipproċessar minn awtorità kompetenti b'mod differenti li ma jinvolvix mezzi awtomatizzati ta' *data* personali li tifforma parti minn sistema ta' arkivjar jew li hija maħsuba sabiex tifforma parti minn sistema ta' arkivjar.

(22) Barra minn hekk, sabiex jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-Parti 3, il-kontrollur jeħtieġlu jkun "awtorità kompetenti" u l-ipproċessar irid jitwettaq għal "fini ta' infurzar tal-liġi". Għaldaqstant, ir-reġim tal-protezzjoni tad-*data* li huwa vvalutat f'din id-Deċiżjoni japplika għall-attivitajiet kollha talinfurzar tal-liġi ta'dawn l-awtoritajiet kompetenti.

(23) Il-kunċett ta' "awtorità kompetenti" huwa ddefinit fit-Taqsima 30 tad-DPA bħala persuna elenkata fl-Iskeda 7 għad-DPA 2018 kif ukoll kwalunkwe persuna oħra sal-punt li l-persuna jkollha funzjonijiet statutorji għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi. L-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Iskeda 7 jinkludu mhux biss il-forzi tal-pulizija, iżda wkoll id-dipartimenti governattivi ministerjali kollha tar-Renju Unit kif ukoll awtoritajiet oħrajn b'funzjonijiet investigattivi (eż. il-Commissioner for Her Majesty's Revenue and Customs, il-Welsh Revenue

([30]) Fil-Kawża R vs Commission of Police of the Metropolis [2014] EWCA Civ 585, l-istatus legali tal-MoPI Code of Practice ġie kkonfermat u l-Lord Justice Laws iddikjaraw li l-Metropolitan Police Commissioner huwa obbligat li jqis il-MoPI Code of Practice u l-APP Guidance on Management of Police Information skont it-Taqsima 39 tal-Police Act 1996.

([31]) Il-pulizija tiġi spezzjonata fir-rigward tal-konformità tagħha mal-MoPI Code of Practice mill-Her Majesty's Inspectorate of Constabulary and Fire & Rescue Services (HMICFRS).

([32]) Ara, f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-College of Policing dwar il-konformità mal-gwida tal-APP dwar l-elementi kollha tal-attivitajiet tal-pulizija, li tispjega li "l-APP hija awtorizzata mill-korp professjonali għall-pulizija (il-College of Policing) bħala s-sors uffiċjali tal-prattika professjonali dwar l-attivitajiet tal-pulizija. L-uffiċjali tal-pulizija u l-persunal huma mistennija jikkunsidraw l-APP meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom. Madankollu, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn ikun hemm raġuni operazzjonali leġittima għal Forza sabiex tiddevja mill-APP, dment li jkun hemm raġuni loġika ċara għal dan. Ikun f'idejn il-Forza li tassumi r-responsabbiltà ta' kwalunkwe riskju lokali u nazzjonali meta topera barra mil-linji gwida miftiehma fuq livell nazzjonali, u jekk iseħħ inċident jew investigazzjoni bħala konsegwenza (bħal permezz tal-Independent Office of Police Conduct), il-Forza hija responsabbli għal kwalunkwe riskju.", disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.app.college.police.uk/faq-page/

([33]) Guide to Law Enforcement Processing, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/

([34]) Ara l-Kawżi *Bridges vs the Chief Constable of South Wales Police* [2019] EWHC 2341 (Admin) fejn, filwaqt li tinnota n-natura mhux statutorja tal-gwida tal-Kummissarju, il-High Court iddikjarat li "meta tikkunsidra jekk kontrollur tad-*data* kkonformax mal-obbligu tat-taqsima 64 [li jwettaq Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' riskju għoli], Qorti tqis il-gwida li nħarġet mill-Kummissarju tal-Informazzjoni fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data*".

Authority, il-Competition and Markets Authority jew il-Her Majesty's Land Register jew in-National Crime Agency), l-aġenziji tal-prosekuzzjoni, aġenziji oħrajn tal-ġustizzja kriminali u detenturi jew organizzazzjonijiet oħrajn li jwettqu attivitajiet ta' infurzar tal-liġi ([35]). Il-Parti 3 tad-DPA 2018 tapplika wkoll għall-qrati u għat-tribunali meta jeżerċitaw il-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom, ħlief għall-parti relatata mad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u mas-sorveljanza tal-ICO ([36]). Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti pprovduta mill-Iskeda 7 ma hijiex definittiva u tista' tiġi aġġornata mis-Segretarju tal-Istat b'Regolamenti li jqisu l-bidliet fl-organizzazzjoni tal-uffiċċji pubbliċi ([37]).

(24) L-ipproċessar inkwistjoni jrid ikun ukoll għal "fini ta' infurzar tal-liġi", iddefinit bħala l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluża s-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddidiet għas-sigurtà pubblika ([38]). L-ipproċessar minn awtorità kompetenti ma huwiex irregolat bil-Parti 3 tad-DPA 2018 fejn ma jseħħx għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Dan se jkun il-każ, pereżempju, meta l-Competition and Markets Authority tinvestiga każijiet li ma jkunux kriminalizzati (eż. fużjonijiet bejn kumpaniji). F'dak il-każ, ikunu japplikaw il-GDPR tar-Renju Unit, flimkien mal-Parti 2 tad-DPA 2018, peress li l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti jitwettaq għal finijiet oħrajn li ma jkunux finijiet ta' infurzar tal-liġi. Sabiex jiġi ddeterminat liema reġim ta' protezzjoni tad-*data* japplika (Parti 3 jew Parti 2 tad-DPA 2018) għall-ipproċessar ta' *data* personali inkwistjoni, l-awtorità kompetenti, jiġifieri l-kontrollur, jeħtiġilha tikkunsidra jekk l-"fini primarju" ta' tali pproċessar ikunx wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi skont id-DPA 2018.

(25) Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Parti 3 tad-DPA 2018, it-Taqsima 207(2) tipprovdi li d-DPA japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-attivitajiet ta' persuna li jkollha stabbiliment fit-territorju kollu tar-Renju Unit. Dan jinkludi l-awtoritajiet pubbliċi tat-territorji tal-Ingilterra, ta' Wales, tal-Iskozja u tal-Irlanda ta' Fuq li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Parti 3 tad-DPA 2018 ([39]).

2.3.1. *Definizzjoni ta' data personali u ta' pproċessar*

(26) Il-kunċetti ewlenin ta' *data* personali u ta' pproċessar huma ddefiniti fit-Taqsima 3 tad-DPA 2018 u japplikaw fid-DPA kollu. Id-definizzjonijiet isegwu mill-qrib id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/680. Skont id-DPA 2018, *data* personali tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' individwu ħaj identifikat jew identifikabbli ([40]). Skont it-Taqsima 3(3) tad-DPA 2018, individwu jkun identifikabbli jekk ikun jista' jiġi identifikat direttament jew indirettament mill-informazzjoni, inkluż b'referenza għal isem jew għal identifikatur jew b'referenza għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tal-persuna. Il-kunċett ta' "pproċessar" huwa ddefinit bħala operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu fuq informazzjoni, jew fuq settijiet ta' informazzjoni, bħal (a) ġbir, reġistrazzjoni, organizzazzjoni, strutturar jew ħżin; (b) adattament jew alterazzjoni; (c) sejbien, konsultazzjoni jew użu; (d) żvelar permezz ta' trażmissjoni, disseminazzjoni jew tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mod ieħor; (e) allinjament jew kombinazzjoni; jew (f) restrizzjoni, tħassir jew qerda. Barra minn hekk, l-Att jiddefinixxi "pproċessar sensittiv" bħala "(a) l-ipproċessar ta' *data* personali li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku jew sħubija fi trade union; (b) l-ipproċessar ta' *data* ġenetika, jew ta' *data* bijometrika, għall-fini ta' identifikazzjoni unika ta' individwu; (c) l-ipproċessar ta' *data* dwar is-saħħa; (d) l-ipproċessar ta' *data* li tikkonċerna l-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' individwu" ([41]). F'dan ir-rigward, it-Taqsima 205 tad-DPA 2018 tipprovdi d-definizzjoni ta' "*data* bijometrika" ([42]), ta' "*data* li tikkonċerna s-saħħa" ([43]) u ta' "*data* ġenetika" ([44]).

([35]) Fost dawn, l-Iskeda 7 tad-DPA 2018 telenka d-Directors of Public Prosecutors, id-Director of Public Prosecutors for Northern Ireland jew l-Information Commission.

([36]) It-Taqsima 43(3) tad-DPA 2018.

([37]) It-Taqsima 30(3) tad-DPA 2018. Is-servizzi tal-intelligence (is-Secret Intelligence Service, is-Security Service u l-Government Communications Headquarters) ma humiex awtoritajiet kompetenti (ara t-Taqsima 30(2) tad-DPQ 2018) u l-Parti 3 tad-DPA 2018 ma tapplika għall-ebda waħda mill-attivitajiet tagħhom. L-attivitajiet tagħhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 4 tad-DPA 2018.

([38]) It-Taqsima 31 tad-DPA 2018.

([39]) Dan ifisser li d-DPA 2018 u għaldaqstant din id-deċiżjoni ma japplikawx għad-Dipendenzi tal-Kuruna tar-Renju Unit u għat-Territorji ekstra-Ewropej, bħall-Gżejjer Falkland u t-territorju ta' Ġibiltà.

([40]) *Data* personali relatata ma' persuna deċeduta ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DPA 2018.

([41]) It-Taqsima 35(8) tad-DPA 2018.

([42]) "*Data* bijometrika" tfisser *data* personali li tirriżulta minn ipproċessar tekniku speċifiku relatat mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew tal-imġiba ta' individwu, li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta' dak l-individwu, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ jew *data* dattiloskopika.

([43]) "*Data* li tikkonċerna s-saħħa" tfisser *data* personali relatata mas-saħħa fiżika jew mentali ta' individwu, inkluż l-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, li tiżvela informazzjoni dwar l-istatus tas-saħħa tiegħu.

([44]) "*Data* ġenetika" tfisser *data* personali relatata mal-karatteristiċi ġenetiċi li jintirtu jew jinkisbu ta' individwu li tagħti informazzjoni unika dwar il-fiżjoloġija jew is-saħħa ta' dak l-individwu u li tirriżulta, b'mod partikolari, minn analiżi ta' kampjun bijoloġiku mill-individwu inkwistjoni.

(27) It-Taqsima 32 tad-DPA 2018 tiċċara d-definizzjonijiet ta' "kontrollur" u ta' "proċessur" fil-kuntest tal-ipproċessar ta' *data* personali għal finijiet ta' infurzar tal-liġi billi ssegwi mill-qrib id-definizzjonijiet ekwivalenti fid-Direttiva 2016/680. Il-kontrollur tfisser l-awtorità kompetenti, li tiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali. Meta l-ipproċessar ikun meħtieġ bil-liġi, il-kontrollur ikun l-awtorità kompetenti li fuqha tali obbligu jkun impost minn dik il-liġi. Proċessur huwa ddefinit bħala kwalunkwe persuna li tipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur (minbarra persuna li tkun impjegata tal-kontrollur).

2.4. **Salvagwardji, drittijiet u obbligi**

2.4.1. *Legalità u ġustizzja tal-ipproċessar*

(28) Skont it-Taqsima 35 tad-DPA 2018, l-ipproċessar ta' *data* personali jrid ikun legali u ġust, b'mod simili għall-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2016/680. F'konformità mat-Taqsima 35(2) tad-DPA 2018, l-ipproċessar ta' *data* personali għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet tal-infurzar tal-liġi jkun legali biss jekk ikun ibbażat fuq il-liġi u jew is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar għal dak il-fini, jew l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu mwettaq għal dak il-fini minn awtorità kompetenti.

2.4.1.1. Ipproċessar fuq il-bażi tal-liġi

(29) B'mod simili għall-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/680, sabiex tiġi żgurata l-legalità ta' pproċessar li jaqa' taħt il-Parti 3 tad-DPA 2018, tali pproċessar irid ikun "ibbażat fuq il-liġi". Ipproċessar "legali" tfisser awtorizzat minn statut, minn dritt komuni jew minn prerogattivi rjali ([45]).

(30) Is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti huma ġeneralment irregolati bi statuti, li jfisser li l-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom huma stabbiliti b'mod ċar fil-leġiżlazzjonijiet adottati mill-Parlament ([46]). F'ċerti każijiet, il-pulizija kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħrajn elenkati taħt l-Iskeda 7 tad-DPA 2018 jistgħu jibbażaw fuq liġi komuni sabiex jipproċessaw id-*data* ([47]). Id-dritt komuni nbena permezz ta' preċedenti stabbiliti b'deċiżjonijiet tal-qrati. Id-dritt komuni huwa rilevanti fil-kuntest tas-setgħat disponibbli għall-pulizija li tislet minn dan is-sors tad-dritt id-dmir ewlieni tagħha li tipproteġi lill-pubbliku billi ssib u tipprevjeni l-kriminalità ([48]). Madankollu, il-forzi tal-pulizija għandhom is-setgħat tad-dritt komuni

([45]) In-Noti ta' Spjegazzjoni għad-DPA 2018, il-paragrafu 181, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2018/12/pdfs/ukpgaen_20180012_en.pdf.

([46]) In-National Crime Agency, pereżempju, tislet is-setgħat tagħha mill-Crime and Courts Act 2013, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2013/22/contents. Bl-istess mod, is-setgħat tal-Food Standards Agency huma previsti mill-Food Standards Act 1999, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1999/28/contents. Eżempji oħrajn jinkludu l-Prosecution of Offenders Act 1985, li ħoloq il-Crown Prosecution Service (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1985/23/contents); il-Commissioners for Revenue and Customs Act 2005 li stabbilixxa l-Her Majesty's Revenue and Customs (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2005/11/contents); il-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995, li ħoloq l-iScottish Criminal Cases Review Commission (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1995/46/contents); il-Justice (Northern Ireland) Act 2002, li stabbilixxa l-Public Prosecution Service fl-Irlanda ta' Fuq (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2002/26/contents) u s-Serious Fraud Office nħoloq u ngħata s-setgħat tiegħu skont il-Criminal Justice Act 1987 (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1987/38/contents).

([47]) Pereżempju, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, fi ħdan il-Crown Office and Procurator Fiscal Service, responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' każijiet fl-Iskozja, id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi, li huwa l-kap tas-sistema ta' prosekuzzjoni fl-Iskozja, jislet is-setgħat tiegħu sabiex jinvestiga l-imwiet u jressaq reati mid-dritt komuni, filwaqt li wħud mill-funzjonijiet tiegħu huma stabbiliti fl-istatut. Barra minn hekk, il-Kuruna u, b'estensjoni, diversi dipartimenti tal-gvern u Ministri, ukoll jiksbu s-setgħat tagħhom minn taħlita ta' leġiżlazzjoni, ta' liġi komuni u tal-prerogattiva rjali (dawn huma setgħat tad-dritt komuni vestiti fil-Kuruna iżda li huma eżerċitati mill-Ministri).

([48]) UK Explanatory Framework for Adequacy Discussion, it-taqsima F: Law Enforcement, paġna 8 (ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna).

leġiżlattivi ([49]) sabiex jeżegwixxu tali dmir. Meta l-pulizija jkollha setgħa statutorja, din tieħu post kwalunkwe setgħa tad-dritt komuni ([50]).

(31) Il-firxa tas-setgħat u tal-obbligi tal-uffiċjali tal-pulizija skont id-dritt komuni ġiet rikonoxxuta mill-qrati sabiex tinkludi "l-passi kollha li jidhrulhom meħtieġa sabiex iżommu l-paċi, jipprevjenu l-kriminalità jew jipproteġu l-proprjetà minn dannu kriminali" ([51]). Is-setgħat skont id-dritt komuni ma humiex setgħat mhux kwalifikati. Dawn huma soġġetti għal firxa ta' limitazzjonijiet, li jinkludu limiti stabbiliti mill-qrati ([52]) u mil-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari l-Human Rights Act 1998 u l-Equality Act 2010 ([53]). Barra minn hekk, għall-awtoritajiet kompetenti li jipproċessaw id-*data* skont il-Parti 3 tad-DPA 2018, dan jinkludi l-eżerċitar ta' setgħat skont id-dritt komuni b'mod konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fid-DPA 2018 ([54]). Barra minn hekk, deċiżjoni sabiex jitwettaq kwalunkwe tip ta' pproċessar tad-*data* trid tikkunsidra r-rekwiżiti tal-gwida applikabbli, bħall-MoPI Code of Practice kif ukoll gwida speċifika għal wieħed mill-pajjiżi tar-Renju Unit ([55]). Inħarġu diversi dokumenti ta' gwida mill-gvern u mill-pulizija operazzjonali sabiex jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-pulizija jeżerċitaw is-setgħat ta' pproċessar tagħhom fil-limiti stabbiliti mid-dritt komuni jew mill-istatut rilevanti ([56]).

(32) Il-prerogattivi rjali jirrappreżentaw komponent ieħor tal-"liġi" u jirreferu għal ċerti setgħat vestiti fil-Kuruna u eżerċitabbli mill-eżekuttiv li ma humiex ibbażati fuq statut, iżda li jidderivaw mis-sovranità tal-monarkija ([57]). Ftit li xejn hemm eżempji ta' setgħat prerogattivi li huma rilevanti fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi. Dawn jinkludu, pereżempju, il-qafas ta' assistenza legali reċiproka li jippermetti l-kondiviżjoni tad-*data* minn Segretarju ta' Stat ma'

([49]) Is-siltiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni li jipprovdu r-reġim dwar is-setgħat ewlenin tal-pulizija (arrest, tiftix, awtorizzazzjoni ta' detenzjoni kontinwa, teħid tal-marki tas-swaba', teħid ta' kampjuni intimi, interċettazzjoni tal-mandati, aċċess għad-*data* tal-komunikazzjoni) huma: (i), għall-Ingilterra u għal Wales, il-Police and Criminal Evidence Act 1984 (PACE), disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1984/60/contents (kif emendat mill-Protection of Freedoms Act 2012 (PoFA), disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2012/9/contents) u l-Investigatory Powers Act 2016 (IPA), disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2016/25/contents), (ii) għall-Iskozja, il-Criminal Justice (Scotland) Act 2016, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/asp/2016/1/contents u l-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1995/46/contents) (iii) għall-Irlanda ta' Fuq, il-Police and Criminal Evidence (Northern Ireland) Order 1989, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/nisi/1989/1341/contents.

([50]) L-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li s-supremazija tal-liġi statutorja ilha stabbilita fir-Renju Unit, u tmur lura għas-sentenza f'*Entick vs Carrington* [1765] EWHC KB J98, li rrikonoxxiet li kien hemm limiti fuq l-eżerċizzju tas-setgħat mill-eżekuttiv u stabbiliet il-prinċipju li s-setgħat tad-dritt komuni u s-setgħat ta' prerogattiva tal-monarki u tal-gvern huma subordinati għal-liġi tal-art.

([51]) Ara l-Kawża *Rice vs Connolly* [1966] 2 QB 414.

([52]) Ara l-Kawża *R(Catt) vs Association of Chief police Officers [2015] AC 1065*, fejn fir-rigward tas-setgħa tal-pulizija li tikseb u żżomm l-informazzjoni ta' individwu (li wettaq reat), Lord Sumption iddikjara li fid-dritt komuni l-pulizija għandha s-setgħa li tikseb u taħżen informazzjoni għal finijiet ta' attivitajiet tal-pulizija, jiġifieri b'mod ġenerali għaż-żamma tal-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni u għad-detezzjoni ta' reati. Dawn is-setgħat ma jawtorizzawx metodi intrużivi ta' ksib ta' informazzjoni, bħad-dħul fi proprjetà privata jew atti (minbarra arrest skont is-setgħat tad-dritt komuni) li jikkostitwixxu attakk. L-imħallef qies li, f'dan il-każ, is-setgħat tad-dritt komuni kienu biżżejjed sabiex jawtorizzaw il-kisba u l-ħżin tat-tip ta' informazzjoni pubblika inkwistjoni dwar dawn l-appelli.

([53]) Equality Act 2010, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2010/15/contents

([54]) Għal eżempju ta' każ fejn is-setgħat tad-dritt komuni tal-pulizija jiġu vvalutati taħt il-qafas tad-DPA 1998, ara d-deċiżjoni tal-High Court fi *Bridges vs the Chief Constable of South Wales Police* (ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna). Ara wkoll il-kawżi *Vidal-Hall vs Google Inc* [2015] EWCA Civ 311 u *Richard vs BBC* [2018] EWHC 1837 (Ch).

([55]) Ara pereżempju l-gwida tal-Police Service of Northern Ireland dwar l-istruzzjoni tas-servizzi ta' ġestjoni tar-rekords, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.psni.police.uk/globalassets/advice–information/our-publications/policies-and-service-procedures/records-management-080819.pdf

([56]) Il-House of Commons ippubblikat dokument ta' tgħarrif li jistabbilixxi d-dritt komuni u s-setgħat statutorji ewlenin tal-pulizija fl-Ingilterra u f'Wales (ara https://researchbriefings.files.uk/documents/CBP-8637/CBP-8637.pdf). Skont dan id-dokument, pereżempju, filwaqt li s-setgħat ta' żamma tal-"paċi tal-Kuruna" huma setgħa dderivata mid-dritt komuni u hekk ukoll "l-użu tal-forza", "is-setgħat ta' waqfien u ta' tiftix" dejjem ikunu dderivati mill-Istatut. Barra minn hekk, il-Gvern Skoċċiż jipprovdi informazzjoni fuq is-sit web tiegħu dwar is-setgħat ta' arrest u ta' waqfien għat-tiftix tal-pulizija (ara https://www.gov.scot/policies/police/police-powers/).

([57]) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, is-setgħat prerogattivi eżerċitati mill-gvern jinkludu, pereżempju, it-tfassil u r-ratifika tat-trattati, it-twettiq tad-diplomazija, l-użu tal-forzi armati fir-Renju Unit għaż-żamma tal-paċi b'appoġġ għall-pulizija.

pajjiżi terzi għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u s-setgħa li tiġi kondiviża d-*data* b'dan il-mod mhux dejjem tkun stabbilita fl-istatut ([58]). Il-prerogattivi rjali huma marbutin bil-prinċipji tad-dritt komuni ([59]) u huma subordinati għal statut, u għalhekk huma soġġetti għal-limiti previsti mill-Human Rights Act 1998 u mid-DPA 2018 ([60]).

(33) B'mod simili għall-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/680, ir-reġim tar-Renju Unit jeħtieġ li, sabiex iżommu konformità mal-prinċipju tal-legalità, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li, meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-liġi, irid ikun "neċessarju" wkoll li l-kompitu jitwettaq għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi. F'dan ir-rigward, l-ICO jagħti gwida li tiċċara li "jrid ikun mod immirat u proporzjonat sabiex jintlaħaq l-għan. Il-bażi legali ma tapplikax jekk wieħed ikun jista' jilħaq l-għan b'mod raġonevoli b'xi mezz ieħor anqas intruživ. Ma huwiex biżżejjed li wieħed jargumenta li l-ipproċessar ikun meħtieġ minħabba li jkun għażel li jopera n-negozju tiegħu b'ċertu mod. Il-kwistjoni hija jekk l-ipproċessar ikunx meħtieġ għall-fini ddikjarat" ([61]).

2.4.1.2. Ipproċessar fuq il-bażi tal-"kunsens" tas-suġġett tad-*data*

(34) Kif imsemmi fil-premessa (28), it-Taqsima 35(2) tad-DPA 2018 tipprovdi għall-possibbiltà li tiġi pproċessata *data* personali fuq il-bażi tal-"kunsens" tal-individwu.

(35) Madankollu, il-kunsens ma jidhirx li huwa bażi ġuridika rilevanti għall-operazzjonijiet ta' pproċessar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, l-operazzjonijiet ta' pproċessar koperti minn din id-deċiżjoni dejjem jikkonċernaw *data* li ġiet ittrasferita skont id-Direttiva (UE) 2016/680 minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru lil awtorità kompetenti tar-Renju Unit. Għalhekk, tipikament dawn ma jinvolvux it-tip ta' interazzjoni diretta (ġbir) bejn awtorità pubblika u suġġetti tad-*data* li jistgħu jkunu bbażati fuq kunsens skont it-Taqsima 35(2)(a) tad-DPA 2018.

(36) Filwaqt li, għalhekk, id-dipendenza fuq il-kunsens ma titqiesx rilevanti għall-valutazzjoni mwettqa skont din id-Deċiżjoni, ta' min jinnota li, għal raġunijiet ta' kompletezza, f'kuntest ta' infurzar tal-liġi, l-ipproċessar qatt ma jkun ibbażat biss fuq il-kunsens peress li awtorità kompetenti dejjem jeħtiġilha jkollha setgħa sottostanti li tippermettilha tipproċessa d-*data* ([62]). B'mod aktar speċifiku, u b'mod simili għal dak li huwa permess skont id-Direttiva (UE) 2016/680 ([63]) dan ifisser li l-kunsens iservi bħala kundizzjoni addizzjonali sabiex jippermetti ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar limitati u speċifiċi li, kieku, ma jkunux jistgħu jitwettqu, pereżempju l-ġbir u l-ipproċessar ta' kampjun tad-DNA ta' individwu li ma jkunx persuna suspettata. F'dan il-każ, l-ipproċessar ma jsirx jekk il-kunsens ma jingħatax jew jiġi rtirat ([64]).

([58]) F'dan ir-rigward, ara l-valutazzjoni tar-reġim ta' trasferiment ulterjuri tar-Renju Unit fil-premessi (74) sa (87).

([59]) Ara l-Kawża *Bancoult v Secretary of State for Foreign and Commonwealth Affairs* [2008] UKHL 61 fejn il-qrati sostnew li s-setgħa prerogattiva li jsiru Ordnijiet fil-Kunsill kienet soġġetta wkoll għar-raġunijiet ordinarji ta' stħarriġ ġudizzjarju.

([60]) Ara l-Kawża *Attorney-General vs De Keyser's Royal Hotel Ltd* [1920] [1920] AC 508 fejn il-qorti sostniet li s-setgħat prerogattivi ma jistgħux jintużaw meta s-setgħat statutorji jieħdulhom posthom; il-Kawża *Laker Airways Ltd vs Department of Trade* 1977] QB 643,] fejn il-qorti kkonstatat li s-setgħat prerogattivi ma jistgħux jintużaw sabiex tiġi mxekkla l-liġi statutorja; il-Kawża *R vs Secretary of State for the Home Department, ex p. Fire Brigades Union* [1995] UKHL 3 fejn il-qorti sostniet li s-setgħat prerogattivi ma jistgħux jintużaw meta dawn ikunu f'kunflitt mal-leġiżlazzjoni promulgata, anki meta dik il-leġiżlazzjoni adottata tkun għadha ma hijiex fis-seħħ; il-Kawża *R (Miller) vs Secretary of State for Exiting the European Union* [2017] UKSC 5 fejn il-qorti kkonfermat il-kapaċità għad-dritt statutorju li jaġġusta u jabolixxi s-setgħat prerogattivi. Għal ħarsa ġenerali lejn ir-relazzjoni bejn il-prerogattivi Rjali u s-setgħat tad-dritt statutorju u dak komuni ara d-dokument ta' tgħarif tal-House of Commons, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://researchbriefings.files.parliament.uk/documents/SN03861/SN03861.pdf

([61]) Guide to Law Enforcement Processing, "What is the first principle about?" disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/principles/#ib2

([62]) Dan jirriżulta mil-lingwaġġ tad-dispożizzjoni rilevanti tad-DPA 2018, li skontha l-ipproċessar ta' *data* personali għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet tal-infurzar tal-liġi jkun legali biss jekk u sa fejn "ikun ibbażat fuq il-liġi" u jew (a) is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar għal dak il-fini, jew (b) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu mwettaq għal dak il-fini minn awtorità kompetenti".

([63]) Ara l-premessi 35 u 37 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

([64]) L-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li eżempju wieħed ta' meta l-kunsens jista' jkun bażi xierqa għall-ipproċessar huwa meta l-pulizija tikseb kampjun tad-DNA fir-rigward ta' persuna nieqsa sabiex tqabblu ma' ġisem, jekk jinstab wieħed. F'ċirkostanzi bħal dawn, ma jkunx xieraq li l-pulizija tobbliga lis-suġġett tad-*data* jipprovdi kampjun; minflok, il-pulizija titlob il-kunsens tal-individwu, li jingħata b'mod liberu u li jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe punt. Jekk il-kunsens jiġi rtirat, id-*data* ma tkunx tista' tiġi pproċessata, sakemm ma tkunx ġiet stabbilita bażi ġuridika ġdida sabiex tkompli tipproċessa l-kampjun (eż. is-suġġett tad-*data* sar persuna suspettata). Jista' jinħoloq eżempju ieħor meta forza tal-pulizija tinvestiga reat li fih vittma (tista' tkun vittma ta' serq aggravat bil-vjolenza, ta' reat sesswali, ta' vjolenza domestika, qraba ta' omiċidju jew vittma oħra ta' reat) tista' tibbenefika minn riferiment għal Victim Support (għaqda tal-karità indipendenti ddedikata għall-appoġġ ta' persuni affettwati mill-kriminalità u minn inċidenti trawmatiċi). F'ċirkostanzi bħal dawn, il-pulizija taqsam l-informazzjoni personali bħall-isem u d-dettalji ta' kuntatt ma' Victim Support biss jekk ikollha l-kunsens tal-vittma.

(37) F'każijiet li jeħtieġu l-kunsens tal-individwu, tali kunsens irid ikun mingħajr ambigwità u jinvolvi azzjoni affermattiva ċara ([65]). Il-forzi tal-pulizija huma meħtieġa jkollhom stqarrija ta' privatezza li tinkludi, fost l-oħrajn, l-informazzjoni meħtieġa relatata mal-użu validu tal-kunsens. Barra minn hekk, uħud minnhom jippubblikaw materjal addizzjonali dwar kif jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, inkluż kif u meta jużaw il-kunsens bħala bażi ġuridika ([66]).

2.4.1.3. Ipproċessar sensittiv

(38) Jenħtieġ li jkunu jeżistu salvagwardji speċifiċi fejn ikunu qed jiġu pproċessati "kategoriji speċjali" ta' *data*. F'dan ir-rigward, b'mod simili għal dak previst mill-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-Parti 3 tad-DPA 2018 tipprovdi salvagwardji aktar b'saħħithom għall-hekk imsejjaħ "ipproċessar sensittiv" ([67]).

(39) Skont it-Taqsima 35(3) tad-DPA 1998, id-*data* sensittiva tista' tiġi pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi biss f'żewġ każijiet: (1) is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar għall-fini ta' infurzar tal-liġi u fiż-żmien meta jitwettaq l-ipproċessar, il-kontrollur ikollu dokument ta' politika xieraq fis-seħħ ([68]); jew (2) l-ipproċessar ikun strettament meħtieġ għall-fini ta' infurzar tal-liġi, l-ipproċessar jissodisfa tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet fl-Iskeda 8 tad-DPA 2018, u fil-mument li fih jitwettaq l-ipproċessar, il-kontrollur ikollu dokument ta' politika xieraq fis-seħħ ([69]).

(40) Fir-rigward tal-ewwel każ u kif spjegat fil-premessa (38), id-dipendenza fuq il-kunsens ma titqiesx rilevanti fit-tip ta' sitwazzjoni ta' trasferiment soġġetta għal din id-Deċiżjoni. ([70])

(41) Meta l-ipproċessar ta' *data* sensittiva ma jiddependix fuq il-kunsens, dan jista' jitwettaq bl-użu ta' waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Iskeda 8 tad-DPA 2018. Dawn il-kundizzjonijiet huma relatati mal-ipproċessar meħtieġ għal finijiet statutorji; l-amministrazzjoni tal-ġustizzja; il-protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' xi individwu ieħor; is-salvagwardar tat-tfal u tal-individwi f'riskju; it-talbiet legali; l-atti ġudizzjarji; il-prevenzjoni ta' frodi; l-arkivjar; meta d-*data* personali tkun magħmula pubblika manifestament mis-suġġett tad-*data*. Minbarra l-każ meta d-*data* tkun magħmula pubblika manifestament, il-kundizzjonijiet kollha pprovduti mill-Iskeda 8 huma soġġetti għal test ta' "neċessità stretta". Kif iċċarat mill-ICO, "strettament neċessarju f'dan il-kuntest tfisser li l-ipproċessar irid ikun relatat ma' ħtieġa soċjali urġenti, u li dan ma jkunx jista' jinkiseb b'mod raġonevoli permezz

([65]) Ma hemm l-ebda definizzjoni separata ta' "kunsens" għall-finijiet tal-ipproċessar ta' *data* personali skont il-Parti 3 tad-DPA 2018. L-ICO pprovda gwida dwar il-kunċett ta' "kunsens" skont il-Parti 3 tad-DPA 2018, fejn iċċara li għandu l-istess tifsira u jenħtieġ li jkun allinjat mad-definizzjoni pprovduta mill-GDPR, b'mod partikolari li "l-kunsens irid ikun mogħti liberament, speċifiku u informat u jrid ikun hemm għażla ġenwina dwar il-qbil dwar id-*data* li tkun qed tiġi pproċessata" (Guide to Law Enforcement Processing, "What is the first principle about?" (ara n-nota 64 f'qiegħ il-paġna) u Guide to Data Protection on consent, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organisations/guide-to-data-protection/guide-to-the-general-data-protection-regulation-gdpr/lawful-basis-for-processing/consent/).

([66]) Ara, pereżempju, l-informazzjoni fuq il-paġna web tal-pulizija ta' Lincolnshire (ara https://www.lincs.police.uk/resource-library/data-protection/law-enforcement-processing/) jew fuq il-paġna web tal-Pulizija ta' West Yorkshire (ara https://www.westyorkshire.police.uk/sites/default/files/2018-06/data_protection.pdf).

([67]) It-Taqsima 35(8) tad-DPA 2018.

([68]) It-Taqsima 35(4) tad-DPA 2018.

([69]) It-Taqsima 35(5) tad-DPA 2018.

([70]) Għal raġunijiet ta' kompletezza, ta' min jinnota li, meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens, dan irid jingħata liberament, ikun speċifiku u informat u jrid ikun hemm għażla speċifika dwar il-qbil għall-ipproċessar tad-*data*. Barra minn hekk, il-kontrollur, meta jipproċessa fuq il-bażi tal-kunsens tas-suġġett tad-*data*, huwa meħtieġ li jkollu fis-seħħ "dokument ta' politika xieraq" (APD). It-Taqsima 42 tad-DPA 2018 tiddeskrivi r-rekwiżiti li l-APD irid jissodisfa. Tagħmilha ċara li d-dokument irid, bħala minimu, jispjega l-proċeduri tal-kontrollur sabiex jiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u jispjega l-politiki tal-kontrollur fir-rigward taż-żamma u tat-tħassir ta' *data* personali. Skont it-Taqsima 42 tad-DPA 2018, dan ifisser li l-kontrollur jeħtieġlu jipproduċi dokument li (a) jispjega l-proċeduri tal-kontrollur sabiex jiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*; u (b) jispjega l-politiki tal-kontrollur fir-rigward taż-żamma u tat-tħassir ta' *data* personali pproċessata fuq il-bażi tal-kunsens tas-suġġett tad-*data* jew jagħti indikazzjoni taż-żmien li għalih x'aktarx li tinżamm *data* personali bħal din. B'mod partikolari, id-Dokument ta' Politika jirrikjedi li l-kontrollur, fir-rispett tad-dmir tiegħu li jirreġistra l-attivitajiet ta' pproċessar, jenħtieġ li dejjem jinkludi l-elementi msemmija fil-punti a) u b). L-ICO ppubblika mudell ta' dokument (Guide to Law Enforcement Processing. "Conditions for sensitive processing", disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organisations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/conditions-for-sensitive-processing) u jista' jieħu azzjoni ta' infurzar jekk il-kontrolluri jonqsu milli jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti. L-APD jiġi eżaminat ukoll mill-qrati meta jikkunsidraw ksur potenzjali tad-DPA 2018. Pereżempju, fil-kawża riċenti *R (Bridges) vs Chief Constable of South Wales Police*, il-qrati stħarrġu l-APD tal-kontrollur u kkonstataw li kien adegwat iżda kien aħjar li kieku kien fih aktar dettall. B'riżultat ta' dan, il-Pulizija ta' South Wales irrieżaminat l-APD u aġġornatu f'konformità mal-gwida l-ġdida tal-ICO (ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna). Barra minn hekk, skont it-Taqsima 42(3) tad-DPA 2018, l-APD jenħtieġ li jinżamm taħt rieżami regolari mill-kontrollur. Fl-aħħar nett, bħala salvagwardja addizzjonali, skont it-Taqsima 42(4) tad-DPA 2018, il-kontrollur huwa meħtieġ iżomm rekord miżjud tal-attivitajiet ta' pproċessar, inklużi elementi addizzjonali meta mqabbla mal-obbligu ġenerali li jaqa' fuq il-kontrollur li jżomm rekords dwar l-attivitajiet ta' pproċessar stabbiliti fit-Taqsima 61 tad-DPA 2018.

ta' mezzi anqas intruživi" ([71]). Barra minn hekk, uħud mill-kundizzjonijiet huma soġġetti għal restrizzjonijiet addizzjonali. Pereżempju, sabiex wieħed jibbaża fuq il-kundizzjoni ta' "finijiet statutorji" u l-"kundizzjoni ta' salvagwardja" (l-Iskeda 8, il-paragrafu 1 u l-paragrafu 4), hemm test ta' interess pubbliku sostanzjali addizzjonali li għandu jiġi ssodisfat. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kundizzjonijiet rigward is-salvagwardja tat-tfal (l-Iskeda 8, il-paragrafu 4), is-suġġett tad-*data* jeħtieġlu jkun ukoll ta' età speċifika u meqjus f'riskju. Barra minn hekk, il-kontrollur jista' japplika biss il-kundizzjoni prevista fil-paragrafu 4 tal-Iskeda 8 f'każ ta' ċirkostanzi speċifiċi ([72]). Bl-istess mod, hemm restrizzjonijiet għall-kundizzjonijiet tal-"atti ġudizzjarji" u tal-"prevenzjoni ta' frodi" (l-Iskeda 8, il-paragrafi 7 u 8 rispettivament). It-tnejn huma applikabbli biss għal kontrolluri speċifiċi. Fil-każ ta' atti ġudizzjarji, qorti jew awtorità ġudizzjarja oħra biss tista' tuża tali kundizzjoni, u fil-każ ta' prevenzjoni tal-frodi, il-kontrolluri li huma organizzazzjonijiet kontra l-frodi biss jistgħu jiddependu fuq din il-kundizzjoni.

(42) Finalment, meta l-ipproċessar jiddependi fuq waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Iskeda 8 u skont it-Taqsima 42 tad-DPA 2018 rispettivament, irid ikun hemm fis-seħħ "dokument ta' politika xieraq" – li jispjega l-proċeduri tal-kontrollur sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u mal-politiki tal-kontrollur fir-rigward taż-żamma u tat-tħassir ta' *data* personali – u japplikaw l-obbligi ta' rekord miżjuda.

2.4.2. *Limitazzjoni tal-fini*

(43) Id-*data* personali jenħtieġ li tiġi pproċessata għal fini speċifiku u sussegwentement tintuża biss sakemm dan ma jkunx inkompatibbli mal-iskop tal-ipproċessar. Dan il-prinċipju ta' protezzjoni tad-*data* huwa ggarantit bit-Taqsima 36 tad-DPA 2018. Din id-dispożizzjoni, b'mod simili għall-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/680, tirrikjedi li (a) il-fini ta' infurzar tal-liġi li għalih tinġabar *data* personali fi kwalunkwe okkażjoni jrid ikun speċifikat, espliċitu u leġittimu, u (b) id-*data* personali miġbura b'dan il-mod ma tistax tiġi pproċessata b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-fini li għalih inġabret.

(44) Meta l-awtoritajiet kompetenti jipproċessaw *data* għal fini ta' infurzar tal-liġi, dan jista' jinkludi finijiet ta' arkivjar, ta' riċerka xjentifika jew storika u ta' statistika ([73]). F'dawn il-każijiet, id-DPA 2018 jiċċara wkoll li l-arkivjar (jew l-ipproċessar għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika u ta' statistika) ma jkunx permess meta jitwettaq fir-rigward ta' deċiżjonijiet magħmula fir-rigward ta' suġġett tad-*data* partikolari jew jekk aktarx li dan jikkawżalu ħsara jew tbatija sostanzjali ([74]).

2.4.3. *Akkuratezza u minimizzazzjoni tad-data*

(45) Id-*data* trid tkun akkurata u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata. Trid tkun ukoll adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva fir-rigward tal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata. B'mod simili għall-Artikolu 4(1)(c), (d) u (e) tad-Direttiva (UE) 2016/680, dawn il-prinċipji huma żgurati fit-Taqsimiet 37 u 38 tad-DPA 2018. Irid jittieħed kull pass raġonevoli sabiex jiġi żgurat li d-*data* personali li ma tkunx preċiża ([75]) titħassar jew tiġi rrettifikata

([71]) Guide to Law Enforcement Processing, "Conditions for sensitive processing" (ara n-nota 70 f'qiegħ il-paġna).

([72]) L-ipproċessar jitwettaq mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-*data* meta: (a) il-kunsens għall-ipproċessar ma jistax jingħata mis-suġġett tad-*data*; (b) il-kontrollur ma jistax ikun raġonevolment mistenni jikseb il-kunsens tas-suġġett tad-*data* għall-ipproċessar: (c) l-ipproċessar irid isir mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-*data* minħabba li l-kisba tal-kunsens tas-suġġett tad-*data* tkun tippreġudika l-għoti tal-protezzjoni msemmija fis-subparagrafu (1)(a).

([73]) Ara t-Taqsima 41(1) tad-DPA 2018.

([74]) Ara t-Taqsima 41(2) tad-DPA 2018.

([75]) It-Taqsima 205 tad-DPA 2018 tiddefinixxi t-terminu "mhux akkurat" bħala *data* personali "mhux korretta jew qarrieqa". L-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li huwa tipiku li *data* relatata ma' investigazzjonijiet kriminali spiss ma tkunx kompluta, iżda minkejja dan xorta waħda tista' tkun akkurata.

mingħajr dewmien ([76]), filwaqt li jitqies il-fini ta' infurzar tal-liġi li għalih tiġi pproċessata ([77]), u sabiex jiġi żgurat li d-*data* personali li ma tkunx preċiża, kompleta jew li ma tkunx għadha aġġornata ma tiġix trażmessa jew ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni ta' xi wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi ([78]).

(46) Barra minn hekk, b'mod simili għall-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2016/680, ir-reġim tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit jispeċifika li d-*data* personali bbażata fuq il-fatti trid, sa fejn possibbli, tkun distinta minn *data* personali bbażata fuq valutazzjonijiet personali ([79]). Fejn ikun rilevanti u sa fejn ikun possibbli, trid issir distinzjoni ċara bejn *data* personali relatata ma' kategoriji differenti ta' suġġetti tad-*data*, bħal persuni suspettati, persuni kkundannati għal reat kriminali, vittmi ta' reat kriminali u xhieda ([80]).

2.4.4. *Limitazzjoni tal-ħżin*

(47) Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2016/680, jenħtieġ li, fil-prinċipju, id-*data* tinżamm għal mhux aktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali. Skont it-Taqsima 39 tad-DPA 2018 u b'mod simili l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva, huwa pprojbit li tinżamm *data* personali pproċessata għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi għal aktar żmien milli jkun meħtieġ fir-rigward tal-fini li għalih tiġi pproċessata. Ir-reġim legali tar-Renju Unit jeħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien xierqa għar-rieżami perjodiku tal-ħtieġa għall-ħżin kontinwu ta' *data* personali għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi. Regoli ulterjuri dwar prattiki relatati maż-żamma ta' *data* personali u l-limiti ta' żmien applikabbli ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni u fil-gwida rilevanti li jirregolaw is-setgħat u l-funzjonament tal-pulizija. Pereżempju, fl-Ingilterra u f'Wales, il-MoPI Code of Practice tal-College of Policing, flimkien mal-APP Guidance on the Management of Police Information, jipprovdu qafas sabiex jiġi żgurat proċess konsistenti ta' żamma, ta' rieżami u ta' tneħħija bbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni tal-informazzjoni operazzjonali dwar l-attivitajiet tal-pulizija ([81]). Dan il-qafas jistabbilixxi aspettattivi ċari fis-servizz dwar kif jenħtieġ li tinħoloq, tiġi kondiviża, tintuża u tiġi ġestita l-informazzjoni fi ħdan u bejn il-forzi individwali tal-pulizija u aġenziji oħrajn ([82]). Il-pulizija hija mistennija tikkonforma mal-Kodiċi ta' Prattika u l-konformità tiġi vverifikata mill-Her Majesty's Inspectorate of Constabulary and Fire & Rescue Services ([83]).

(48) Il-Police Service of Northern Ireland (PSNI) ma huwiex meħtieġ bil-liġi li jsegwi l-MoPI Code of Practice. Madankollu, il-qafas tal-MoPI adottat fl-2011 huwa ssupplimentat minn Manwal tal-PSNI ([84]), li jistabbilixxi politiki u proċeduri dwar il-mod li bih il-MoPI Code of Practice jiġi applikat fl-Irlanda ta' Fuq.

([76]) It-Taqsima 38(1)(b) tad-DPA 2018.

([77]) Skont l-Explanatory Framework for Adequacy Discussion tar-Renju Unit, "dan jiżgura li jiġu rikonoxxuti kemm id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* kif ukoll il-ħtiġijiet operazzjonali tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Il-punt ta' hawn fuq tqies b'attenzjoni matul l-istadji tal-abbozzar tad-Data Protection Bill, peress li jista' jkun hemm raġunijiet operazzjonali speċifiċi u limitati għaliex id-*data* ma tkunx tista' tiġi rrettifikata. X'aktarx dan ikun il-każ jekk id-*data* personali mhux akkurata inkwistjoni tkun teħtieġ li tiġi ppreservata fil-forma oriġinali tagħha għal skopijiet ta' evidenza" (ara l-Explanatory Framework for Adequacy Discussions tar-Renju Unit, it-taqsima F: Law Enforcement, il-paġna 21, ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna).

([78]) It-Taqsima 38(4) tad-DPA 2018. Barra minn hekk, fit-Taqsima 38(5) tad-DPA 2018, il-kwalità tad-*data* personali trid tiġi vverifikata qabel ma tiġi trażmessa jew issir disponibbli, fit-trażmissjonijiet kollha tad-*data* personali, l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti lir-riċevitur jivvaluta l-grad ta' akkuratezza, il-kompletezza u l-affidabbiltà tad-*data* u l-punt sa fejn din tkun aġġornata jridu jkunu inklużi, u jekk, wara li d-*data* personali tkun ġiet trażmessa, jirriżulta li d-*data* ma kinitx korretta jew li t-trażmissjoni kienet illegali, ir-riċevitur jeħtieġlu jiġi nnotifikat mingħajr dewmien.

([79]) It-Taqsima 38(2) tad-DPA 2018.

([80]) It-Taqsima 38(3) tad-DPA 2018.

([81]) Dan il-qafas jiżgura konsistenza fl-applikazzjoni tal-ħżin tad-*data* personali miksuba. Il-perjodu ta' rieżami jiddependi fuq ir-reati li huma maqsuma f'4 gruppi: 1) ċerti kwistjonijiet ta' protezzjoni pubblika; 2) reati sesswali vjolenti u serji oħrajn; 3) ir-reati l-oħrajn kollha; 4) mixxellanji. Aktar dettalji huma disponibbli fl-APP Guidance on the Management of Police Information (ara n-nota 26 f'qiegħ il-paġna).

([82]) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, organizzazzjonijiet oħrajn huma liberi li jsegwu l-prinċipji tal-MoPI Code of Practice jekk jixtiequ, pereżempju, li l-Her Majesty's Revenue and Customs u n-National Crime Agency jadottaw ħafna mill-prinċipji tal-MoPI Code of Practice sabiex jiżguraw konsistenza fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi. B'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet jipprovdu lill-persunal tagħhom b'politiki u bi gwida speċifiċi għall-persunal kollu dwar kif għandu jittratta d-*data* personali bħala parti mir-rwol tiegħu u dawn ikunu mfassla għall-organizzazzjoni speċifika. Dan normalment jinkludi wkoll taħriġ obbligatorju.

([83]) Il-MoPI Code of Practice nħareġ bl-użu tas-setgħat ipprovduti skont il-Police Act 1996, li jippermetti lill-College of Policing joħroġ kodiċijiet ta' prattika, relatati mal-funzjonament effettiv tal-pulizija. Kwalunkwe kodiċi ta' prattika magħmul skont l-Att irid ikollu l-approvazzjoni tas-Segretarju tal-Istat u jkun soġġett għal konsultazzjoni man-National Crime Agency qabel ma jitressaq quddiem il-Parlament. It-Taqsima 39 A(7) tal-Police Act 1996 tirrikjedi li l-pulizija tqis kif xieraq il-Kodiċijiet maħruġa skont il-Police Act 1996.

([84]) PSNI MoPI Handbook, il-Kapitoli 1-6.

(49) Fl-Iskozja, il-forzi tal-Pulizija jiddependu fuq ir-Record Retention Standard Operating Procedure (SOP) ([85]) li tappoġġa l-Politika ta' Ġestjoni tar-Rekords tal-Police Service of Scotland ([86]). L-SOP jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' żamma għar-rekords miżmuma mill-Police Scotland.

(50) Minbarra r-rekwiżit prevalenti għar-rieżami tar-rekords li japplika fir -Renju Unit kollu, aktar dettalji huma pprovduti f'regoli lokalizzati. Bħala ftit eżempji, fir-rigward tal-Ingilterra u ta' Wales, il-Police and Criminal Evidence Act, kif emendat bil-Protection of Freedom Act 2012 (PoFA), jagħmel provvediment għaż-żamma tal-marki tas-swaba' u tal-profili tad-DNA kif ukoll reġim speċifiku għall-individwi li ma ġewx ikkundannati ([87]). Il-PoFA ħoloq ukoll il-pożizzjoni tal-Commissioner for the Retention and Use of Biometric Material ("il-Kummissarju tal-Bijometrija") ([88]). Ir-regoli speċifiċi dwar l-immaġnijiet ta' kustodja huma stabbiliti fit-2017 Custody Image Review ([89]). Fir-rigward tal-Iskozja, il-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995 jipprovdi r-regoli għall-kisba u għaż-żamma ta' marki tas-swaba' u ta' kampjuni bijoloġiċi ([90]). Bħal fil-każ tal-Ingilterra u ta' Wales, il-leġiżlazzjoni tirregola ż-żamma ta' *data* bijometrika f'każijiet differenti ([91]).

2.4.5. *Sigurtà tad-data*

(51) Id-*data* personali trid tiġi pproċessata b'mod li jiżgura s-sigurtà tagħha, inkluża l-protezzjoni kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra telf aċċidentali, qerda jew ħsara. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jieħdu miżuri tekniċi jew organizzazzjonali xierqa sabiex jipproteġu d-*data* personali minn theddidiet possibbli. Dawn il-miżuri jridu jiġu vvalutati billi jitqiesu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-kostijiet relatati.

(52) Dawn il-prinċipji huma riflessi fit-Taqsima 40 tad-DPA 2018 li skont din, b'mod simili għall-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva (UE) 2016/680, id-*data* personali pproċessata għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi trid tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà xierqa tad-*data* personali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzazzjonali

([85]) Record Retention Standard Operating Procedure (SOP), disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.scotland.police.uk/spa-media/nhobty5i/record-retention-sop.pdf

([86]) Għal aktar dettalji dwar il-ġestjoni tar-rekords, ara l-informazzjoni relatata man-National Records of Scotland, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.nrscotland.gov.uk/record-keeping/records-management.

([87]) Il-perjodi ta' żamma jvarjaw skont jekk individwu jkunx ġie kkundannat jew le (it-Taqsimiet 63I – 63KI tal-PACE 1984). Pereżempju, fil-każ ta' adult ikkundannat b'reat li jista' jiġi rrekordjat, il-marki tas-swaba' u l-profil tad-DNA tiegħu jistgħu jinżammu b'mod indefinit (it-Taqsima 63I(2) tal-PACE 1984), filwaqt li ż-żamma tkun limitata fiż-żmien jekk il-persuna kkundannata tkun taħt it-18-il sena, ir-reat ikun reat "minuri" li jista' jiġi rrekordjat u l-persuna ma tkunx ġiet ikkundannata qabel (it-Taqsima 63K tal-PACE 1984). Iż-żamma fil-każ ta' persuna arrestata jew akkużata iżda mhux ikkundannata hija limitata fiż-żmien għal tliet snin (it-Taqsima 63F tal-PACE 1984). L-estensjoni ta' dan il-perjodu ta' żamma trid tiġi approvata mill-awtorità ġudizzjarja (it-Taqsima 63F(7) tal-PACE 1984). Fil-każ ta' persuni arrestati jew akkużati iżda mhux ikkundannati għal reat minuri, iż-żamma ma tkunx possibbli (it-Taqsima 63D u t-Taqsima 63H tal-PACE 1984).

([88]) It-Taqsima 20 tal-PoFA 2012 toħloq il-kariga ta' Kummissarju tal-Bijometrija. Fost funzjonijiet oħrajn, il-Kummissarju tal-Bijometrija jiddeċiedi jekk il-pulizija tistax iżżomm rekords tal-profil tad-DNA u l-marki tas-swaba' miksuba minn individwi arrestati iżda mhux akkużati b'reat li jikkwalifika (it-Taqsima 63G tal-PACE 1984). Barra minn hekk, il-Kummissarju tal-Bijometrija għandu responsabbiltà ġenerali li jżomm taħt rieżami ż-żamma u l-użu tad-DNA u tal-marki tas-swaba', u ż-żamma għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali (it-Taqsima 20(2) tal-POFA 2012). Il-Kummissarju Bijometriku jinħatar skont il-Code for public Appointments (il-Kodiċi huwa disponibbli fuq il-link segwenti: Governance Code for Public Appointments - GOV.UK (www.gov.uk)) u t-termini tal-ħatra tiegħu jagħmluha ċara li jista' jitneħħa biss mill-kariga tiegħu mis-Segretarju tal-Istat f'ċirkostanzi strettament definiti; dawn jinkludu n-nuqqas li jwettaq id-doveri għal perjodu ta' tliet xhur, kundanna għal reat kriminali jew nuqqas ta' konformità mat-termini tal-ħatra tiegħu.

([89]) Review of the Use and Retention of Custody Images, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.gov.uk/government/publications/custody-images-review-of-their-use-and-retention

([90]) It-Taqsima 18 u dawk segwenti tal-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995.

([91]) Il-perjodi ta' żamma jvarjaw skont jekk il-persuna ġietx ikkundannata (it-Taqsima 18(3) tal-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995) jew jekk hijiex taħt l-età. F'dan l-aħħar każ, il-perjodu ta' żamma huwa ta' tliet snin mill-kundanna fis-smigħ tat-tfal (it-Taqsima 18E(8) tal-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995). Id-*data* ta' persuni arrestati iżda mhux ikkundannati ma tistax tinżamm (it-Taqsima 18(3) tal-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995) ħlief f'każijiet speċifiċi u skont il-gravità tad-delitt (it-Taqsima 18 A tal-Criminal Procedure (Scotland) Act 1995). L-iScottish Biometrics Commissioner Act 2020 (ara https://www.legislation.gov.uk/asp/2020/8/contents) joħloq il-kariga tal-Kummissarju Skoċċiż għall-Bijometrija li jeħtieġlu jħejji u jirrevedi l-kodiċijiet ta' prattika (approvati mill-Parlament Skoċċiż) rigward il-kisba, iż-żamma, l-użu u l-qerda ta' *data* bijometrika għall-finijiet ta' ġustizzja kriminali u tal-pulizija (it-Taqsima 7 tal-iScottish Biometrics Commissioner Act 2020).

xierqa. Dan jinkludi l-protezzjoni tad-*data* kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra telf aċċidentali, qerda jew ħsara ([92]). It-Taqsima 66 tad-DPA 2018 tispeċifika wkoll li kull kontrollur u kull proċessur jeħtiġilhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskji li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' *data* personali. Skont in-noti ta' spjegazzjoni, il-kontrollur jeħtieġlu jevalwa r-riskji u jimplimenta miżuri ta' sigurtà xierqa fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, pereżempju, kriptaġġ jew livelli speċifiċi ta' approvazzjoni tas-sigurtà għall-persunal li jipproċessa d-*data* ([93]). L-evalwazzjoni trid tqis ukoll, pereżempju, in-natura tad-*data* pproċessata u kwalunkwe fattur jew ċirkostanza rilevanti oħra li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-ipproċessar.

(53) Ir-reġim li jirregola l-konformità mal-prinċipji tas-sigurtà tad-*data* huwa simili ħafna għal dak stabbilit mill-Artikoli 29 sa 31 tad-Direttiva (UE) 2016/680. B'mod partikolari, fil-każ ta' ksur ta' *data* personali fir-rigward ta' *data* personali li għaliha jkun responsabbli l-kontrollur, skont it-Taqsima 67(1) tad-DPA 2018, il-kontrollur, mingħajr dewmien żejjed, u fejn ikun fattibbli fi żmien 72 siegħa wara li jsir jaf bil-ksur, jeħtieġlu jinnotifika l-ksur ta' *data* personali lill-Kummissarju tal-Informazzjoni ([94]). L-obbligu ta' notifika ma japplikax meta l-ksur ta' *data* personali x'aktarx li ma jkunx se jirriżulta f'riskju għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi ([95]). Il-kontrollur jeħtieġlu jiddokumenta l-fatti relatati ma' kwalunkwe ksur ta' *data* personali, mal-effetti tiegħu u mal-azzjoni ta' rimedju meħuda b'mod li jippermetti lill-Kummissarju tal-Informazzjoni jivverifika l-konformità mad-DPA ([96]). Jekk proċessur isir jaf bi ksur tas-sigurtà, dan jeħtieġlu jinnotifika lill-kontrollur mingħajr dewmien żejjed ([97]).

(54) Skont it-Taqsima 68(1) tad-DPA 2018, jekk ksur ta' *data* personali x'aktarx joħloq riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi, il-kontrollur jeħtieġlu jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar il-ksur mingħajr dewmien żejjed ([98]). L-avviż irid jinkludi l-istess informazzjoni bħan-notifika lill-Kummissarju tal-Informazzjoni deskritta fil-premessa (53). Dan l-obbligu ma japplikax jekk il-kontrollur ikun implimenta miżuri ta' protezzjoni tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li ġew applikati għad-*data* personali affettwata mill-ksur. Lanqas ma japplika jekk il-kontrollur ikun ħa miżuri sussegwenti, li jiżguraw li r-riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* ma jibqax probabbli li jimmaterjalizza. Fl-aħħar nett, il-kontrollur ma huwiex meħtieġ jinnotifika lis-suġġett tad-*data* jekk dan ikun jinvolvi sforz sproporzjonat ([99]). F'dak il-każ, l-informazzjoni trid tkun disponibbli għas-suġġett tad-*data* b'mod ieħor ugwalment effettiv, pereżempju, permezz ta' komunikazzjoni pubblika ([100]). Jekk il-kontrollur ma jkunx informa lis-suġġett tad-*data* dwar il-ksur, l-Kummissarju tal-Informazzjoni, wara li jkun ġie nnotifikat skont it-Taqsima 67 tad-DPA u wara li jqis il-probabbiltà tal-ksur li jirriżulta f' riskju għoli, jista' jesiġi li l-kontrollur jinnotifika lis-suġġett tad-*data* dwar il-ksur ([101]).

([92]) Skont in-Noti ta' Spjegazzjoni għad-DPA 2018 (ara n-nota 45 f'qiegħ il-paġna), il-kontrollur jeħtieġlu, b'mod partikolari: ifassal u jorganizza s-sigurtà tiegħu sabiex din tkun adattata għan-natura tad-*data* personali li jkollu u għall-ħsara li tista' tirriżulta minn ksur tas-sigurtà; ikun ċar dwar min fl-organizzazzjoni tiegħu jkun responsabbli sabiex jiżgura s-sigurtà tal-informazzjoni; jiżgura li jkollu s-sigurtà fiżika u teknika t-tajba, sostnuta minn politiki u minn proċeduri robusti u minn persunal affidabbli u mħarreġ sew; u jkun lest li jwieġeb għal kwalunkwe ksur tas-sigurtà malajr u b'mod effettiv.

([93]) Il-paragrafu 221 tan-Noti ta' Spjegazzjoni għad-DPA 2018 (ara n-nota 45 f'qiegħ il-paġna).

([94]) It-Taqsima 67(4) tad-DPA 2018 tipprovdi li n-notifika trid tinkludi deskrizzjoni tan-natura tal-ksur ta' *data* personali (inklużi, fejn possibbli, il-kategoriji u n-numru approssimattiv tas-suġġetti tad-*data* kkonċernati u l-kategoriji u n-numru approssimattiv tar-rekords ta' *data* personali kkonċernati), l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' punt ta' kuntatt, deskrizzjoni tal-konsegwenzi probabbli tal-ksur ta' *data* personali, u deskrizzjoni tal-miżuri meħudin jew proposti li għandhom jittieħdu mill-kontrollur sabiex jiġi indirizzat il-ksur ta' *data* personali (inklużi, fejn xieraq, miżuri sabiex jittaffew l-effetti avversi possibbli tiegħu).

([95]) It-Taqsima 67(2) tad-DPA 2018.

([96]) It-Taqsima 67(6) tad-DPA 2018.

([97]) It-Taqsima 67(9) tad-DPA 2018.

([98]) Skont it-Taqsima 68(7) tad-DPA 2018 il-kontrollur jista' jirrestrinġi, kompletament jew parzjalment, l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġett tad-*data* sa fejn u sakemm ir-restrizzjoni tkun, b'kunsiderazzjoni għad-drittijiet fundamentali u għall-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*, miżura neċessarja u proporzjonata sabiex (a) jiġi evitat it-tfixkil ta' inkjesta, ta' investigazzjoni jew ta' proċedura uffiċjali jew legali; (b) jiġi evitat l-ippreġudikar tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni, tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali; (c) tiġi protetta s-sigurtà pubblika; (d) tiġi protetta s-sigurtà nazzjonali; (e) jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

([99]) It-Taqsima 68(3) tad-DPA 2018.

([100]) It-Taqsima 68(5) tad-DPA 2018.

([101]) It-Taqsima 68(6) tad-DPA 2018, soġġetta għal-limitazzjoni prevista fit-taqsima 68(8) tad-DPA 2018.

2.4.6. *Trasparenza*

(55) Is-suġġetti tad-*data* jeħtiġilhom jiġu informati dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-ipproċessar ta' *data* personali tagħhom. Dan il-prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* huwa rifless fit-Taqsima 44 tad-DPA 2018 li, b'mod simili għall-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680, tipprevedi li l-kontrollur għandu dmir ġenerali li jagħmel disponibbli informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* dwar l-ipproċessar ta' *data* personali tagħhom (sew jekk billi jagħmel l-informazzjoni ġeneralment disponibbli għall-pubbliku jew b'xi mod ieħor) ([102]). L-informazzjoni li hija meħtieġa ssir disponibbli tinkludi (a) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-kontrollur; (b) fejn applikabbli, id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*; (c) l-għanijiet li għalihom il-kontrollur jipproċessa *data* personali; (d) l-eżistenza tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li jitolbu mingħand il-kontrollur aċċess għad-*data* personali, rettifika tad-*data* personali, u tħassir tad-*data* personali jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar tagħha; u (e) l-eżistenza tad-dritt li jitressaq ilment quddiem il-Kummissarju tal-Informazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-Kummissarju ([103]).

(56) Il-kontrollur jeħtieġlu wkoll, f'każijiet speċifiċi sabiex jippermetti l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' suġġett tad-*data* skont id-DPA 2018 (pereżempju meta d-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata tkun inġabret mingħajr l-għarfien tas-suġġett tad-*data*), jagħti lis-suġġett tad-*data* informazzjoni dwar (a) il-bażi ġuridika għall-ipproċessar; (b) informazzjoni dwar il-perjodu li għalih se tinħażen id-*data* personali jew, fejn dan ma jkunx possibbli, dwar il-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat dak il-perjodu; (c) fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-kategoriji ta' riċevituri tad-*data* personali (inklużi riċevituri f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali); (d) tali informazzjoni ulterjuri kif meħtieġ sabiex tippermetti l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont il-Parti 3 tad-DPA 2018 ([104]).

2.4.7. *Drittijiet individwali*

(57) Is-suġġetti tad-*data* jeħtiġilhom jingħataw numru ta' drittijiet eżekwibbli. Il-Kapitolu 3 tal-Parti 3 tad-DPA 2018 jipprovdi lill-individwi bid-drittijiet ta' aċċess, ta' rettifika u ta' tħassir u ta' restrizzjoni ([105]), li huma komparabbli ma' dawk ipprovduti fil-Kapitolu 3 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(58) Id-dritt ta' aċċess huwa stabbilit fit-Taqsima 45 tad-DPA 2018. L-ewwel, individwu jkun intitolat li jikseb konferma mill-kontrollur dwar jekk id-*data* personali tiegħu hijiex qed tiġi pproċessata jew le ([106]). It-tieni, meta tkun qed tiġi pproċessata d-*data* personali, is-suġġett tad-*data* jkollu dritt li jaċċessa dik id-*data* u jirċievi l-informazzjoni li ġejja dwar l-ipproċessar: (a) il-finijiet u l-bażijiet ġuridiċi tal-ipproċessar; (b) il-kategoriji tad-*data* kkonċernati; (c) ir-riċevitur li lilu ġiet żvelata d-*data*; (d) il-perjodu li għalih għandha tinħażen id-*data* personali; (e) l-eżistenza tad-dritt tas-suġġett tad-*data* għar-rettifika u għat-tħassir ta' *data* personali; (f) id-dritt li jitressaq ilment; u (g) kwalunkwe informazzjoni dwar l-oriġini tad-*data* personali kkonċernata ([107]).

(59) Skont it-Taqsima 46 tad-DPA 2018, is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jitlob lill-kontrollur jirrettifika *data* personali mhux akkurata relatata miegħu. Il-kontrollur jeħtieġlu jirrettifika (jew fejn id-*data* ma tkunx akkurata minħabba li ma tkunx kompluta, jikkompleta) id-*data* mingħajr dewmien żejjed. Jekk id-*data* personali trid tinżamm għall-finijiet ta' evidenza, il-kontrollur (minflok ma jirrettifika d-*data* personali) jeħtieġlu jirrestrinġi l-ipproċessar tagħha ([108]).

([102]) The Guide to Law Enforcement Processing tagħti l-eżempju li ġej: "Għandek avviż ġeneriku dwar il-privatezza fuq is-sit web tiegħek li jkopri informazzjoni bażika dwar l-organizzazzjoni, il-fini li għalih tipproċessa d-*data* personali, id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u d-dritt tiegħu li jressaq ilment quddiem il-Kummissarju tal-Informazzjoni. Inti rċivejt intelligence li individwu kien preżenti meta seħħ delitt. Meta tinterroga għall-ewwel darba lil dan l-individwu, jeħtieġ li tipprovdi l-informazzjoni ġenerika, kif ukoll l-informazzjoni ta' appoġġ ulterjuri, sabiex ikunu jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet tiegħu. Tista' tillimita biss l-informazzjoni dwar l-ipproċessar ġust li int tkun qed tipprovdi jekk din tkun taffettwa ħażin l-investigazzjoni li int tkun qed twettaq" (Guide to Law Enforcement Processing, "What information should we supply to an individual?", disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/individual-rights/the-right-to-be-informed/#ib3).

([103]) Il-Guide to Law Enforcement Processing tiddikjara li l-informazzjoni pprovduta dwar l-ipproċessar ta' *data* personali trid tkun konċiża, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli; miktuba b'lingwaġġ ċar u sempliċi, billi tiġi adattata għall-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli, bħat-tfal; u mingħajr ħlas (Guide to Law Enforcement Processing, "How should we provide this information?", disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/individual-rights/the-right-to-be-informed/#ib1).

([104]) It-Taqsima 44(2° tad-DPA 2018.

([105]) Għal analiżi dettaljata tad-drittijiet tas-suġġetti, ara: Guide to Law Enforcement Processing on individual rights, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/individual-rights/

([106]) It-Taqsima 45(1) tad-DPA 2018.

([107]) It-Taqsima 45(2) tad-DPA 2018.

([108]) It-Taqsima 46(4) tad-DPA 2018.

(60) It-Taqsima 47 tad-DPA 2018 tipprovdi lill-individwi bi dritt għat-tħassir u għar-restrizzjoni tal-ipproċessar. Il-kontrollur jeħtieġlu ([109]) jħassar id-*data* personali mingħajr dewmien żejjed meta l-ipproċessar tad-*data* personali jkun jikser kwalunkwe wieħed mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data*, ir-raġunijiet legali tal-ipproċessar, jew is-salvagwardji relatati mal-arkivjar u mal-ipproċessar sensittiv. Il-kontrollur jeħtieġlu wkoll iħassar id-*data* jekk ikollu obbligu legali li jagħmel dan. Jekk id-*data* personali trid tinżamm għall-finijiet ta' evidenza, il-kontrollur (minflok ma jħassar id-*data* personali) jeħtieġlu jirrestrinġi l-ipproċessar tagħha ([110]). Il-kontrollur jeħtieġlu jirrestrinġi l-ipproċessar ta' *data* personali jekk suġġett tad-*data* jikkontesta l-akkuratezza tad-*data* personali, iżda ma jkunx possibbli li jiġi aċċertat jekk din hijiex preċiża jew le ([111]).

(61) Meta suġġett tad-*data* jitlob ir-rettifika jew it-tħassir ta' *data* personali jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar tagħha, il-kontrollur jeħtieġlu jinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub jekk tkunx ingħatat it-talba, u jekk tkun ġiet irrifjutata, jinforma lis-suġġett tad-*data* bir-raġunijiet għar-rifjut u bil-mezzi ta' rimedju disponibbli (id-dritt tas-suġġett tad-*data* li jagħmel talba lill-Kummissarju tal-Informazzjoni sabiex jinvestiga jekk ir-restrizzjoni ġietx applikata legalment, id-dritt li jippreżenta lment lill-Kummissarju tal-Informazzjoni, u d-dritt li japplika għal ordni ta' konformità quddiem qorti) ([112]).

(62) Meta l-kontrollur jirrettifika d-*data* personali riċevuta minn awtorità kompetenti oħra, dan jeħtieġlu jinnotifika lill-awtorità l-oħra ([113]). Meta l-kontrollur jirrettifika, iħassar jew jirrestrinġi l-ipproċessar ta' *data* personali li tkun ġiet żvelata mill-kontrollur, il-kontrollur jeħtieġlu jinnotifika lir-riċevituri, u r-riċevituri bl-istess mod jeħtiġilhom jirrettifikaw, iħassru jew jirrestrinġu l-ipproċessar tad-*data* personali (sa fejn iżommu r-responsabbiltà għaliha) ([114]).

(63) Barra minn hekk, is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jiġi informat mingħajr dewmien żejjed mill-kontrollur dwar ksur ta' *data* personali meta dan x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi ([115]).

(64) Fir-rigward ta' dawk id-drittijiet kollha tas-suġġett tad-*data* u b'mod simili għal dak li huwa pprovdut skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-kontrollur għandu obbligu li jiżgura li kwalunkwe informazzjoni tiġi pprovduta lis-suġġett tad-*data* f'forma konċiża, li tinftiehem u faċilment aċċessibbli ([116]) u, fejn possibbli, din jenħtieġ li tiġi pprovduta fl-istess forma bħat-talba ([117]). Il-kontrollur jeħtieġlu jikkonforma ma' talba tas-suġġett tad-*data* mingħajr dewmien żejjed jew fi kwalunkwe każ qabel, fil-prinċipju, it-tmiem ta' perjodu ta' xahar mit-talba ([118]). Meta l-kontrollur ikollu dubji raġonevoli dwar l-identità ta' individwu, huwa jista' jitlob informazzjoni addizzjonali u jdewwem it-trattament tat-talba sakemm tiġi aċċertata l-identità. Il-kontrollur jista' jitlob tariffa raġonevoli jew jirrifjuta milli jaġixxi meta jqis li t-talba tkun manifestament infondata ([119]). L-ICO pprovda gwida dwar meta talba titqies li tkun manifestament infondata jew eċċessiva u meta tista' tintalab tariffa ([120]).

(65) Barra minn hekk, skont it-Taqsima 53(4) tad-DPA 2018, is-Segretarju tal-Istat jista', permezz ta' regolamenti, jispeċifika l-ammont massimu ta' tariffa.

([109]) Suġġett tad-*data* jista' jitlob lill-kontrollur iħassar *data* personali jew jirrestrinġi l-ipproċessar tagħha (iżda d-dmirijiet tal-kontrollur li jħassar id-*data* jew jirrestrinġi l-ipproċessar tagħha japplikaw kemm jekk issir talba bħal din kif ukoll jekk le).

([110]) It-Taqsimiet 46(4) u 47(2) tad-DPA 2018.

([111]) It-Taqsima 47(3) tad-DPA 2018.

([112]) It-Taqsima 48(1) tad-DPA 2018.

([113]) It-Taqsima 48(7) tad-DPA 2018.

([114]) It-Taqsima 48(9) tad-DPA 2018.

([115]) It-Taqsima 68 tad-DPA 2018.

([116]) It-Taqsima 52(1) tad-DPA 2018.

([117]) It-Taqsima 52(3) tad-DPA 2018.

([118]) It-Taqsima 54 tad-DPA 2018 tiddefinixxi t-tifsira ta' "perjodu ta' żmien applikabbli" li tfisser il-perjodu ta' xahar, jew tali perjodu itwal kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti, li jibda maż-żmien rilevanti (meta l-kontrollur jirċievi t-talba inkwistjoni; meta l-kontrollur jirċievi l-informazzjoni (jekk ikun hemm) mitluba b'rabta ma' talba skont it-Taqsima 52(4) tad-DPA; jew meta tithallas it-tariffa (jekk ikun hemm) mitluba b'rabta mat-talba skont it-Taqsima 53 tad-DPA.

([119]) It-Taqsima 53(1) tad-DPA 2018.

([120]) Skont il-gwida tal-ICO, kontrollur jista' jiddeċiedi li jitlob ħlas lil suġġett tad-*data* jekk it-talba tiegħu tkun manifestament infondata jew eċċessiva, iżda xorta jagħżel li jweġibha. It-tariffa trid tkun raġonevoli u kapaċi tiġġustifika l-kost. Guide to Law Enforcement Processing "Manifestly unfounded and excessive requests", disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organisations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/individual-rights/manifestly-unfounded-and-excessive-requests/

2.4.7.1. Restrizzjonijiet tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u l-obbligi ta' trasparenza

(66) Awtorità kompetenti tista', f'ċerti ċirkostanzi, tirrestrinġi ċerti drittijiet tas-suġġett tad-*data*: id-dritt ta' aċċess ([121]), li s-suġġett jiġi informat ([122]), li jkun jaf dwar ksur ta' *data* personali ([123]), u li jiġi informat dwar ir-raġuni għar-rifjut ta' talba ta' rettifika jew ta' ħassir ([124]). B'mod simili għar-reġim li jinsab fil-Kapitolu III tad-Direttiva (UE) 2016/680, l-awtorità kompetenti tista' tapplika biss ir-restrizzjoni meta, b'kunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*, din tkun meħtieġa u proporzjonata sabiex: (a) jiġi evitat xkiel għal inkjesta, għal investigazzjoni jew għal proċedura uffiċjali jew legali; (b) jiġi evitat l-ippreġudikar tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni, tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali; (c) tiġi protetta s-sigurtà pubblika; (d) tiġi protetta s-sigurtà nazzjonali; (e) jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

(67) L-ICO pprovda gwida dwar l-applikazzjoni ta' dawk ir-restrizzjonijiet. Skont din il-gwida, il-kontrolluri jeħtiġilhom iwettqu analiżi każ b'każ sabiex jibbilanċjaw id-drittijiet tal-individwu mal-ħsara li jikkawża l-iżvelar. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġġustifikaw kwalunkwe restrizzjoni applikata kif meħtieġ u b'mod proporzjonat u jistgħu jillimitaw biss dak li jiġi pprovdut jekk dan ikun ta' ħsara għall-finijiet imsemmija hawn fuq ([125]).

(68) Hemm ukoll numru ta' biċċiet oħra ta' gwida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, inkluż dwar l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* ([126]). Pereżempju, fir-rigward tat-Taqsima 45(4), id-Data Protection Manual tan-National Police Chiefs Counsel jiddikjara: "Huwa importanti li wieħed jinnota li r-restrizzjonijiet jistgħu jiġu applikati biss sa fejn ikunu meħtieġa u jistgħu jiġu applikati biss għal sakemm ikunu meħtieġa. Konsegwentement, applikazzjoni ġenerali tar-restrizzjoni għad-*data* personali kollha ta' applikant jew l-applikazzjoni permanenti tar-restrizzjoni ma humiex permessi. Dwar dan l-aħħar punt, ta' spiss ikun il-każ li *data* personali miġbura mingħajr l-għarfien tas-suġġett tad-*data* li jkun suspettat f'investigazzjoni jeħtieġ li tiġi protetta inizjalment mill-iżvelar lilu, sabiex jiġi evitat preġudizzju tal-investigazzjoni filwaqt li l-investigazzjoni tkun qed tipproċedi, iżda f'data aktar tard ma jkun hemm l-ebda ħsara fl-iżvelar jekk id-*data* personali tkun ġiet żvelata lill-individwu matul l-interrogazzjoni. Il-forzi tal-pulizija jeħtiġilhom jadottaw proċessi li jiżguraw li l-applikazzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet tkun biss sal-punt meħtieġ u tkun biss għad-durata meħtieġa" ([127]). Din il-gwida tipprovdi wkoll eżempji ta' meta kull waħda mir-restrizzjonijiet x'aktarx tkun involuta ([128]).

(69) Barra minn hekk, fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi ristrett kwalunkwe wieħed mid-drittijiet imsemmija hawn fuq għall-protezzjoni tas-"sigurtà nazzjonali", kontrollur jista' japplika għal ċertifikat iffirmat minn Ministru tal-Kabinett jew mill-Avukat Ġenerali (anki fl-Iskozja) li jiċċertifika li restrizzjoni ta' dawn id-drittijiet tkun miżura neċessarja u proporzjonata għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali ([129]). Il-gvern tar-Renju Unit ħareġ gwida dwar iċ-ċertifikati tas-sigurtà nazzjonaliskont id-DPA 2018 li tenfasizza b'mod partikolari li kwalunkwe limitazzjoni għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali trid tkun proporzjonata u meħtieġa ([130]) (għal aktar dettalji dwar iċ-ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali, ara l-premessi (131) sa (134)).

([121]) It-Taqsima 45(4) tad-DPA 2018.
([122]) It-Taqsima 44(4) tad-DPA 2018.
([123]) It-Taqsima 68(7) tad-DPA 2018.
([124]) It-Taqsima 48(3) tad-DPA 2018.
([125]) Ara, pereżempju, il-Guide to Law Enforcement Processing on the right of access, disponibbli fuq il-link li ġejja:https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/individual-rights/the-right-of-access/#ib8
([126]) Ara, pereżempju, id-Data Protection Manual for Police Data Protection Professional maħruġ min-National Police Chief Counsel (ara n-nota 27 f'qiegħ il-paġna) jew il-gwida pprovduta mis-Serious Fraud Office, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.sfo.gov.uk/publications/guidance-policy-and-protocols/sfo-operational-handbook/data-protection/
([127]) Il-Manwal għall-protezzjoni tad-*Data* tan-National Police Chief Counsel, il-paġna 140 (ara n-nota 27 f'qiegħ il-paġna).
([128]) Il-Manwal għall-protezzjoni tad-*Data* tan-National Police Chief Counsel jipprovdi li, "l-evitar ta' xkiel għal inkjesta, għal investigazzjoni jew għal proċedura uffiċjali jew legali" x'aktarx li jkun rilevanti għal *data* personali pproċessata għal inkjesti, għal proċedimenti tal-qorti tal-familja, għal inkjesti interni mhux kriminali dwar id-dixxiplina, u inkjesti bħall-Inkjesta Indipendenti dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal; filwaqt li "l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-oħrajn" hija rilevanti għad-data personali li tkun relatata wkoll ma' individwi oħrajn kif ukoll mal-applikant" (il-Manwal għall-protezzjoni tad-*Data* tan-National Police Chief Counsel, il-paġna 140, ara n-nota 27 f'qiegħ il-paġna).
([129]) It-Taqsima 79 tad-DPA 2018.
([130]) UK Government Guidance on National Security Certificates, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/910279/Data_Protection_Act_2018_-_National_Security_Certificates_Guidance.pdf

(70) Barra minn hekk, fejn tapplika restrizzjoni għad-dritt ta' suġġett tad-*data*, l-awtorità kompetenti jeħtiġilha tinforma lis-suġġett tad-*data* mingħajr dewmien żejjed li d-drittijiet tiegħu ġew ristretti, bir-raġunijiet għar-restrizzjoni, u bil-mezzi ta' rimedju disponibbli, ħlief jekk dik l-informazzjoni tkun tista' ddgħajjef ir-raġuni għall-applikazzjoni tar-restrizzjoni ([131]). Bħala salvagwardja ulterjuri kontra l-użu ħażin tar-restrizzjonijiet, il-kontrollur jeħtieġlu jirreġistra r-raġunijiet għar-restrizzjoni tal-informazzjoni u jagħmel ir-rekord disponibbli għall-Kummissarju tal-Informazzjoni jekk jintalab ([132]).

(71) Jekk il-kontrollur jirrifjuta milli jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar it-trasparenza, jew aċċess, jew jirrifjuta talba għal rettifika, għal tħassir jew għal restrizzjoni tal-ipproċessar, l-individwu jista' jitlob lill-Kummissarju tal-Informazzjoni jinvestiga jekk il-kontrollur jkunx uża r-restrizzjoni b'mod legali ([133]). L-individwu kkonċernat jista' wkoll jagħmel ilment lill-Kummissarju tal-Informazzjoni jew jagħmel talba quddiem qorti sabiex tordna lill-kontrollur jikkonforma mar-rikjesta ([134]).

2.4.7.2. Teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet

(72) It-Taqsimiet 49 u 50 tad-DPA 2018 ikopru rispettivament id-drittijiet relatati mat-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet u mas-salvagwardji li għandhom jiġu applikati ([135]). B'mod simili għall-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-kontrollur jista' jieħu biss deċiżjoni sinifikanti bbażata biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali jekk ikun meħtieġ jew awtorizzat bil-liġi ([136]). Deċiżjoni tkun sinifikanti jekk tipproduċi effett legali negattiv rigward is-suġġett tad-*data* jew taffettwa b'mod sinifikanti lis-suġġett tad-*data* ([137]).

(73) Meta l-kontrollur ikun meħtieġ jew awtorizzat bil-liġi jieħu deċiżjoni sinifikanti, it-Taqsima 50 tad-DPA 2018 tistabbilixxi s-salvagwardji li se japplikaw għal tali deċiżjoni (li hija ddefinita bħala "deċiżjoni sinifikanti kwalifikanti"). Il-kontrollur jeħtieġlu, malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikabbli, jinnotifika lis-suġġett tad-*data* li tkun ittieħdet tali deċiżjoni. Imbagħad, fi żmien xahar, is-suġġett tad-*data* jkun jista' jitlob lill-kontrollur jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni jew jieħu deċiżjoni ġdida li ma tkunx ibbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat. Il-kontrollur jeħtieġlu jikkunsidra t-talba u jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar l-eżitu ta' dik il-kunsiderazzjoni. Id-DPA 2018 jagħti lis-Segretarju tal-Istat is-setgħa li jadotta regolamenti għal salvagwardji addizzjonali ([138]). S'issa għadhom ma ġewx adottati regolamenti bħal dawn.

2.4.8. *Trasferimenti ulterjuri*

(74) Il-livell ta' protezzjoni mogħti lil *data* personali ttrasferita minn awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru lil awtorità tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit ma jistax jiġi mfixkel mit-trasferiment ulterjuri ta' tali *data* lil riċevituri f'pajjiż terz. Tali "trasferimenti ulterjuri", li mill-perspettiva awtorità tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit jikkostitwixxu trasferimenti internazzjonali mir-Renju Unit, jenħtieġ li jkunu permessi biss meta r-riċevitur ulterjuri barra mir-Renju Unit ikun huwa stess soġġett għal regoli li jiżguraw livell simili ta' protezzjoni għal dak iggarantit fl-ordinament ġuridiku tar-Renju Unit.

([131]) It-Taqsima 44(5) u (6): It-Taqsima 45(5) u (6); It-Taqsima 48(4) tad-DPA 2018.
([132]) It-Taqsima 44 (7); It-Taqsima 45(7); it-Taqsima 48(6) tad-DPA 2018.
([133]) It-Taqsima 51 tad-DPA 2018.
([134]) It-Taqsima 167 tad-DPA 2018.
([135]) Fir-rigward tal-ambitu tal-ipproċessar awtomatizzat, in-Noti ta' Spjegazzjoni għad-DPA 2018 jiddikjaraw li: "dawn id-dispożizzjonijiet huma relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzat u mhux mal-ipproċessar awtomatizzat. L-ipproċessar awtomatizzat (inkluż it-tfassil ta' profili) huwa meta operazzjoni titwettaq fuq *data* mingħajr il-ħtieġa ta' intervent mill-bniedem. Dan jintuża regolarment fl-infurzar tal-liġi sabiex jiġu ffiltrati settijiet kbar ta' *data* għal ammonti maniġevoli li mbagħad ikunu jistgħu jintużaw minn operatur uman. It-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet huwa forma ta' pproċessar awtomatizzat u jeħtieġ li d-deċiżjoni finali tittieħed mingħajr interferenza mill-bniedem". (In-Noti ta' Spjegazzjoni għad-DPA, il-paragrafu 204, ara n-nota 45 f'qiegħ il-paġna).
([136]) Barra mill-protezzjoni prevista fid-DPA, hemm restrizzjonijiet leġiżlattivi oħra fil-qafas legali tar-Renju Unit, li japplikaw għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u jipprevjenu l-ipproċessar awtoamtiku (inkluż it-tfassil ta' profil) li jirriżulta f'diskriminazzjoni illegali. L-Att dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-1998 jinkorpora d-drittijiet mill-KEDB fid-dritt tar-Renju Unit, inkluż id-dritt fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-projbizzjoni dwar id-diskriminazzjoni. B'mod simili, l-Att dwar l-Ugwaljanza tal-2010 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni kontra n-nies b'karatteristiċi protetti (li tinkludi sess, razza, id-diżabilità eċċ.).
([137]) It-Taqsima 49(2) tad-DPA 2018.
([138]) It-Taqsima 50(4) tad-DPA 2018.

(75) Ir-reġim tar-Renju Unit dwar it-trasferimenti internazzjonali huwa rregolat bil-Kapitolu 5 tal-Parti 3 tad-DPA 2018 ([139]) u jirrifletti l-approċċ meħud fil-Kapitolu V tad-Direttiva (UE) 2016/680. B'mod partikolari, sabiex tittrasferixxi *data* personali lil pajjiż terz, awtorità kompetenti jeħtiġilha tissodisfa tliet kundizzjonijiet: (a) it-trasferiment irid ikun meħtieġ għal skop ta' infurzar tal-liġi; (b) it-trasferiment irid ikun ibbażat fuq: (i) regolament ta' adegwatezza fir-rigward tal-pajjiż terz, (ii) jekk ma jkunx ibbażat fuq regolament ta' adegwatezza, fuq l-eżistenza ta' salvagwardji xierqa, jew (iii) jekk ma jkunx ibbażat fuq deċiżjoni ta' adegwatezza jew fuq salvagwardji xierqa, dan irid ikun ibbażat fuq ċirkostanzi speċjali; u (c) ir-riċevitur tat-trasferiment jeħtieġlu jkun: (i) awtorità rilevanti (jigifieri l-ekwivalenti ta' awtorità kompetenti) fil-pajjiż terz; (ii) "organizzazzjoni internazzjonali rilevanti" eż. korp internazzjonali li jwettaq funzjonijiet li jikkorrispondu għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet tal-infurzar tal-liġi; jew (iii) persuna li ma hijiex awtorità rilevanti, iżda biss meta t-trasferiment ikun strettament meħtieġ għat-twettiq ta' wieħed mill-finijiet tal-infurzar tal-liġi; ma jkunx hemm drittijiet u libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* kkonċernat li jipprevalu fuq l-interess pubbliku li jeħtieġ it-trasferiment; trasferiment tad-*data* personali lil awtorità rilevanti fil-pajjiż terz ikun ineffettiv jew mhux xieraq; u r-riċevitur jiġi informat bil-finijiet li għalihom tista' tiġi pproċessata d-*data* ([140]).

(76) Ir-regolamenti ta' adegwatezza fir-rigward ta' pajjiż terz, ta' territorju jew ta' settur f'pajjiż terz, ta' organizzazzjoni internazzjonali, jew deskrizzjoni ([141]) ta' tali pajjiż, territorju, settur jew organizzazzjoni jiġu adottati mis-Segretarju tal-Istat. Fir-rigward tal-istandard li jrid jintlaħaq, is-Segretarju tal-Istat irid jivvaluta jekk tali territorju/settur/organizzazzjoni tiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* personali. It-Taqsima 74 A(4) tad-DPA 2018 tispeċifika li, għal dan l-għan, is-Segretarju tal-Istat jeħtieġlu jqis numru ta' elementi li jirriflettu dawk elenkati fl-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680 ([142]). F'dan ir-rigward, mit-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Parti 3 tad-DPA 2018 tikkostitwixxi "leġiżlazzjoni domestika dderivata mill-UE" li, kif spjegat, se tiġi interpretata mill-qrati tar-Renju Unit f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tmur lura minn qabel it-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, peress li kellhom effett immedjatament qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan jinkludi l-istandard tal-"ekwivalenza essenzjali" li, għalhekk, se japplika għall-valutazzjonijiet tal-adegwatezza mwettqa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit.

(77) Fir-rigward tal-proċedura, ir-regolamenti huma soġġetti għar-rekwiżiti proċedurali "ġenerali" previsti fit-Taqsima 182 tad-DPA 2018. Skont din il-proċedura, is-Segretarju tal-Istat jeħtieġlu jikkonsulta lill-Kummissarju tal-Informazzjoni

([139]) Dan il-qafas il-ġdid sar fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, inkluża s-setgħa għas-Segretarju tal-Istat li jfassal regolamenti ta' adegwatezza. Madankollu, ir-Regolamenti dwar id-DPPEC (b'mod partikolari, il-paragrafi 10-12 tal-Iskeda 21 li dawn ir-Regolamenti jdaħħlu fid-DPA 2018) jipprovdu li ċerti trasferimenti ta' *data* personali fil-perjodu ta' tranżizzjoni u wara tmiemu jiġu ttrattati daqslikieku huma bbażati fuq regolamenti ta' adegwatezza. Dawn it-trasferimenti jinkludu trasferimenti lejn pajjiżi terzi li jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tal-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u lejn l-Istati Membri tal-UE, l-istati tal-EFTA u t-territorju ta' Ġibiltà permezz tal-applikazzjoni minnhom tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi għall-ipproċessar tad-*data* dwar l-infurzar tal-liġi (l-Istati tal-EFTA japplikaw id-Direttiva (UE) 2016/680 bħala riżultat tal-obbligi tagħhom skont l-*acquis* ta' Schengen). Dan ifisser li fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, it-trasferimenti lejn dawn il-pajjiżi jistgħu jkomplu bħal qabel il-ħruġ mill-UE. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, is-Segretarju tal-Istat jeħtieġlu jwettaq rieżami tas-sejbiet tal-adegwatezza fi żmien erba' snin.

([140]) It-Taqsimiet 73 u 77 tad-DPA 2018.

([141]) L-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li d-deskrizzjoni ta' pajjiż jew ta' organizzazzjoni internazzjonali tirreferi għal sitwazzjoni li fiha jkun meħtieġ li ssir determinazzjoni speċifika u parzjali tal-adegwatezza b'restrizzjonijiet iffokati (pereżempju regolament ta' adegwatezza fir-rigward ta' ċertu tip ta' trasferimenti ta' *data* biss).

([142]) Ara t-Taqsima 74 A(4) tad-DPA 2018 li tipprovdi li, meta jivvaluta l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni, "is-Segretarju tal-Istat jeħtieġlu, b'mod partikolari, iqis (a) l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, il-leġiżlazzjoni rilevanti, kemm ġenerali kif ukoll settorjali, inkluż rigward is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali u d-dritt penali u l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-*data* personali, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, ir-regoli professjonali u l-miżuri ta' sigurtà, inklużi regoli għat-trasferiment ulterjuri ta' *data* personali lejn pajjiż terz ieħor jew lejn organizzazzjoni internazzjonali, li huma rrispettati f'dak il-pajjiż jew f'dik l-organizzazzjoni internazzjonali, il-ġurisprudenza, kif ukoll id-drittijiet effettivi u eżekwibbli tas-suġġetti tad-*data* u rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv għas-suġġetti tad-*data* li d-*data* personali tagħhom tiġi ttrasferita, (b) l-eżistenza u l-funzjonament effettiv ta' awtorità superviżorja indipendenti waħda jew aktar fil-pajjiż terz jew li għaliha tkun soġġetta organizzazzjoni internazzjonali, b'responsabbiltà għall-iżgurar u għall-infurzar tal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi setgħat ta' infurzar adegwati, għall-assistenza u għall-għoti ta' pariri lis-suġġetti tad-*data* fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom u għall-kooperazzjoni mal-Kummissarju, u (c) l-impenji internazzjonali li l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata tkun daħlet għalihom, jew obbligi oħrajn li jirriżultaw minn konvenzjonijiet jew minn strumenti legalment vinkolanti kif ukoll mill-parteċipazzjoni tagħha f'sistemi multilaterali jew reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni ta' *data* personali".

meta jipproponi li jagħmel regolamenti ta' adegwatezza futuri tar-Renju Unit ([143]). Ladarba jiġu adottati mis-Segretarju tal-Istat, dawk ir-regolamenti jitressqu quddiem il-Parlament u jiġu soġġetti għall-proċedura ta' "riżoluzzjoni negattiva" li skontha ż-żewġt Ikmamar tal-Parlament jistgħu jiskrutinizzaw ir-regolament u jkollhom il-kapaċità li jgħaddu mozzjoni li tannulla r-regolament f'perjodu ta' 40 jum ([144]).

(78) Skont it-Taqsima 74B(1) tad-DPA 2018, ir-regolamenti ta' adegwatezza jridu jiġu rrieżaminati f'intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin u s-Segretarju tal-Istat, fuq bażi kontinwa, jeħtieġlu jimmonitorja l-iżviluppi f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjonijiet li jfassal regolamenti ta' adegwatezza, jew li jħassar jew jirrevoka tali regolamenti. Meta s-Segretarju tal-Istat isir jaf li pajjiż jew organizzazzjoni partikolari ma jibqgħux jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni ta' *data* personali, huwa jeħtieġlu, sa fejn ikun meħtieġ, jemenda jew jirrevoka r-regolamenti u jidħol f'konsultazzjonijiet mal-pajjiż terz jew mal-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata sabiex tirrimedja n-nuqqas ta' livell adegwat ta' protezzjoni.

(79) B'mod simili għal dak previst fl-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2016/680, fin-nuqqas ta' regolament ta' adegwatezza, trasferiment ta' *data* personali fil-kuntest tas-settur tal-infurzar tal-liġi jkun possibbli meta jkunu fis-seħħ salvagwardji xierqa. Dawn is-salvagwardji huma żgurati permezz ta' (a) strument legali vinkolanti li jkun fih salvagwardji xierqa għall-protezzjoni ta' *data* personali; jew (b) valutazzjoni mwettqa mill-kontrollur li, wara li jkun ivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha li jikkonċernaw it-trasferiment, jikkonkludi li jeżistu salvagwardji xierqa sabiex jipproteġu d-*data* ([145]). Barra minn hekk, meta t-trasferimenti jkunu bbażati fuq salvagwardji xierqa, id-DPA 2018 jipprovdi li, minbarra r-rwol ta' sorveljanza normali tal-ICO, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jipprovdu informazzjoni speċifika dwar it-trasferimenti lill-ICO ([146]).

(80) Jekk trasferiment ma jkunx ibbażat fuq deċiżjoni ta' adegwatezza jew salvagwardji xierqa, dan jista' jsir biss f'ċerti ċirkostanzi speċifikati, imsemmija bħala "ċirkostanzi speċjali" ([147]). Dan huwa l-każ meta t-trasferiment jkun meħtieġ: (a) sabiex jiġu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna oħra; (b) sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-*data*; (c) għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' pajjiż terz; (d) f'każijiet individwali għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet ta' infurzar tal-liġi; jew (e) f'każijiet individwali għal fini legali (bħal fir-rigward ta' proċedimenti ġudizzjarji jew sabiex jinkiseb parir legali) ([148]). Jista' jiġi nnotat li l-punti (d) u (e) ma japplikawx jekk id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jisbqu l-interess pubbliku fit-trasferiment ([149]). Dan is-sett ta' ċirkostanzi jikkorrispondi għas-sitwazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet speċifiċi li jikkwalifikaw bħala "derogi" skont l-Artikolu 38 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(81) F'dawk iċ-ċirkostanzi, id-data, il-ħin u l-ġustifikazzjoni tat-trasferiment, l-isem u kwalunkwe informazzjoni pertinenti oħra dwar ir-riċevitur, u deskrizzjoni tad-*data* personali ttrasferita jridu jiġu ddokumentati, u pprovduti lill-Kummissarju tal-Informazzjoni fuq talba ([150]).

(82) It-Taqsima 78 tad-DPA 2018 tirregola x-xenarju ta' "trasferimenti sussegwenti", jiġifieri meta *data* personali li tkun ġiet ittrasferita mir-Renju Unit lejn pajjiż terz, tiġi sussegwentement ittrasferita lejn pajjiż terz ieħor jew lejn organizzazzjoni internazzjonali. Skont it-Taqsima 78(1), il-kontrollur tar-Renju Unit li jittrasferixxi jeħtieġlu jagħmilha kundizzjoni tat-trasferiment li d-data ma għandhiex tiġi ttrasferita b'mod ulterjuri lejn pajjiż terz mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-kontrollur li jittrasferixxi. Addizzjonalment, f'konformità mat-Taqsima 78(3) u similarment għal dak li huwa pprovdut skont l-Artikolu 35(1)(e) tad-Direttiva (UE) 2016/680, għadd ta' rekwiżiti sostantivi japplikaw f'każijiet bħall-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni. B'mod aktar speċifiku, meta tiddeċiedi jekk

([143]) Ara l-Memorandum ta' Qbil bejn is-Segreatrju tal-Istat għad-Department for Digital, Culture, Media and Sport u l-Information's Commissioner's Office dwar ir-rwol tal-ICO fir-rigward tal-valutazzjoni tal-adegwatezza l-ġdida tar-Renju Unit, disponibbli fuq il-link segwenti https://www.gov.uk/government/publications/memorandum-of-understanding-mou-on-the-role-of-the-ico-in-relation-to-new-uk-adequacy-assessments.

([144]) Matul dan il-perjodu ta' 40 jum, iż-żewġt Ikmamar tal-Parlament jista' jkollhom opportunità, jekk jixtiequ, li jivvotaw kontra r-regolamenti; jekk tali votazzjoni tgħaddi, ir-regolamenti fl-aħħar mill-aħħar ma jibqax ikollhom effett legali ulterjuri.

([145]) It-Taqsima 75 tad-DPA 2018.

([146]) Skont it-Taqsima 75(3) tad-DPA 2018, fejn isir trasferiment ta' *data* b'dipendenza fuq salvagwardji xierqa: (a) it-trasferiment irid jiġi ddokumentat, (b) id-dokumentazzjoni trid tiġi pprovduta lill-Kummissarju fuq talba u (c) id-dokumentazzjoni trid tinkludi, b'mod partikolari (i) id-data u l-ħin tat-trasferiment, (ii) l-isem u kwalunkwe informazzjoni pertinenti oħra dwar ir-riċevitur, (iii) il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment, u (iv) deskrizzjoni tad-*data* personali ttrasferita.

([147]) Guide to Law Enforcement Processing, "Are there any special circumstances?", disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/for-organizations/guide-to-data-protection/guide-to-law-enforcement-processing/international-transfers/#ib3).

([148]) It-Taqsima 76 tad-DPA 2018.

([149]) It-Taqsima 76 tad-DPA 2018.

([150]) It-Taqsima 76(3) tad-DPA 2018.

tawtorizzax it-trasferiment, awtorità kompetenti trid tiżgura li t-trasferiment ulterjuri jkun meħtieġ għal fini ta' infurzar tal-liġi u jenħtieġ li tikkunsidra, fost fatturi oħrajn, (a) is-serjetà taċ-ċirkostanzi li jwasslu għat-talba għal awtorizzazzjoni, (b) il-fini li għalih kienet oriġinarjament ittrasferita d-data personali, u (c) l-istandards għall-protezzjoni ta' data personali li japplikaw fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali li għalihom id-data personali tkun se tiġi ttrasferita.

(83) Barra minn hekk, meta s-suġġett tad-*data* għal trasferiment ulterjuri mir-Renju Unit kien oriġinarjament mill-Unjoni Ewropea, japplikaw salvagwardji addizzjonali.

(84) L-ewwel, it-Taqsima 73(1)(b) tad-DPA 2018 – b'mod simili għall-Artikolu 35(1)(c) tad-Direttiva (UE) 2016/680 – tipprovdi li f'każ fejn id-*data* personali kienet oriġinarjament trażmessa jew magħmula disponibbli b'xi mod ieħor lill-kontrollur jew lil awtorità kompetenti oħra minn Stat Membru, dak l-Istat Membru, jew kwalunkwe persuna bbażata f'dak l-Istat Membru li hija awtorità kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2016/680, jrid ikun awtorizza it-trasferiment f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru.

(85) Madankollu, b'mod simili għall-Artikolu 35(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680, tali awtorizzazzjoni ma hijiex meħtieġa meta (a) it-trasferiment ikun meħtieġ għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja jew għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz jew għall-interessi essenzjali ta' Stat membru, u (b) l-awtorizzazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb fi żmien xieraq. F'dan il-każ, l-awtorità fl-Istat Membru li kienet tkun responsabbli sabiex tiddeċiedi jekk tawtorizzax it-trasferiment jeħtiġilha tiġi informata mingħajr dewmien ([151]).

(86) It-tieni, l-istess approċċ japplika fil-każ ta' *data* oriġinali trasferita mill-Unjoni Ewropea lir-Renju Unit, li mbagħad tkun trasferita ulterjorment mir-Renju Unit lill-pajjiż terz li sussegwentement jerġa jittrasferixxiha lill-pajjiż terz. F'dan il-każ, skont it-Taqsima 78(4), l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ma tistax tawtorizza l-aħħar trasferiment, skont it-Taqsima 78(1), sakemm l-"Istat Membru [li jkun oriġinarjament trasferixxa d-*data* inkwistjoni], jew kwalunkwe persuna bbażata f'dak l-Istat Membru li hija awtorità kompetenti għall-iskop tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, tkun awtorizzat it-trasferiment f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru". Dawn is-salvagwardji huma importanti għax jabilitaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jiżguraw kontinwità ta' protezzjoni, f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, permezz ta' "katina ta' trasferiment".

(87) Dan il-qafas ġdid għat-trasferimenti internazzjonali sar applikabbli fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ([152]). Madankollu, il-paragrafi 10-12 tal-Iskeda 21 (introdotta mir-Regolamenti dwar id-DPPC) jipprovdu li sa mit-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ċerti trasferimenti ta' *data* personali jiġu ttrattati daqslikieku huma bbażati fuq regolamenti ta' adegwatezza. Dawn it-trasferimenti jinkludu trasferimenti lejn Stat Membru, Stat tal-EFTA, pajjiż terz li jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tal-UE fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni u t-territorju ta' Ġibiltà. Konsegwentement, it-trasferimenti lejn dawn il-pajjiżi jistgħu jkomplu bħal qabel ma r-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, is-Segretarju tal-Istat jeħtieġlu jwettaq rieżami ta' dawn is-sejbiet ta' adegwatezza fuq perjodu ta' erba' snin, jiġifieri sal-aħħar ta' Diċembru 2024. Skont l-ispjegazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, għalkemm is-Segretarju tal-Istat jeħtieġ li jwettaq tali rieżami sal-aħħar ta' Diċembru 2024, id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ma jinkludux dispożizzjoni "sunset" u d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali rilevanti mhux se jieqfu awtomatikament milli jkollhom effett jekk rieżami ma jkunx tlesta sal-aħħar ta' Diċembru 2024.

2.4.9. *Responsabbiltà*

(88) Skont il-prinċipju tar-responsabbiltà, l-awtoritajiet pubbliċi li jipproċessaw id-*data* huma meħtieġa jistabbilixxu miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex jikkonformaw b'mod effettiv mal-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-*data* u jkunu jistgħu juru tali konformità, b'mod partikolari lill-awtorità superviżorja kompetenti.

(89) Dan il-prinċipju huwa rifless fit-Taqsima 56 tad-DPA 2018, li tintroduċi obbligu ta' responsabbiltà ġenerali għall-kontrollur, jiġifieri obbligu li jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa sabiex jiżgura, u sabiex ikun jista' juri, li l-ipproċessar ta' *data* personali jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Parti 3 tad-DPA 2018. Il-miżuri implimentati jridu jiġu rrieżaminati u aġġornati fejn meħtieġ u, fejn ikun proporzjonat fir-rigward tal-ipproċessar, għandhom jinkludu politiki xierqa dwar il-protezzjoni tad-*data*.

([151]) It-Taqsima 73(5) tad-DPA 2018.

([152]) L-applikabbiltà ta' dan il-qafas il-ġdid trid tinqara fid-dawl tal-Artikolu 782 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14) ("TCA UE-UK"), disponibbli fuq il-link li ġejja: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:22020A1231(01)&from=MT

(90) F'konformità mal-Kapitolu IV tad-Direttiva (UE) 2016/680, it-Taqsimiet 55-71 tad-DPA 2018 jipprevedu mekkaniżmi differenti sabiex jiżguraw ir-responsabbiltà u jippermettu lill-kontrolluri u lill-proċessuri juru konformità. B'mod partikolari, il-kontrolluri huma meħtieġa jimplimentaw miżuri ta' protezzjoni tad-*data* skont id-disinn u b'mod awtomatiku, jiġifieri sabiex jiżguraw li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* jkunu implimentati b'mod effettiv u huma meħtieġa jżommu rekords tal-kategoriji kollha ta' attivitajiet ta' pproċessar li għalihom il-kontrollur ikun responsabbli (inkluża informazzjoni dwar l-identità tal-kontrollur, id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*, il-finijiet tal-ipproċessar, il-kategoriji ta' riċevituri tal-iżvelar, u deskrizzjoni tal-kategoriji ta' suġġetti tad-*data*, u *data* personali) u jżommu dawn ir-rekords disponibbli għall-Kummissarju tal-Informazzjoni fuq talba. Il-kontrollur u l-proċessur jeħtiġilhom ukoll iżommu reġistri għal ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar u jagħmluhom disponibbli għall-Kummissarju tal-Informazzjoni ([153]). Il-kontrolluri huma meħtieġa speċifikament ukoll jikkooperaw mal-Kummissarju tal-Informazzjoni fit-twettiq tal-kompiti tal-Kummissarju.

(91) Id-DPA 2018 jistabbilixxi wkoll rekwiżiti addizzjonali għall-ipproċessar li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi. Dawn jinkludu obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u li l-Kummissarju tal-Informazzjoni jiġi kkonsultat qabel l-ipproċessar jekk tali valutazzjoni tindika li l-ipproċessar ikun jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-individwi (fin-nuqqas ta' miżuri sabiex jittaffa r-riskju).

(92) Barra minn hekk, il-kontrolluri jeħtiġilhom jaħtru uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*, sakemm il-kontrollur ma jkunx qorti, jew awtorità ġudizzjarja oħra, li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha ([154]). Il-kontrollur jeħtieġlu jiżgura li l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* jkun involut fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni ta' *data* personali, ikollu r-riżorsi meħtieġa u aċċess għad-*data* personali u operazzjonijiet ta' pproċessar u jkun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod indipendenti. Il-kompiti tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* huma stabbiliti fit-Taqsima 71 tad-DPA 2018, inklużi l-għoti ta' informazzjoni u ta' pariri, il-monitoraġġ tal-konformità kif ukoll il-kooperazzjoni mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-aġir bħala punt ta' kuntatt għalih. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* jeħtieġlu jqis ir-riskji assoċjati mal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, filwaqt li jqis in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar.

2.5. **Sorveljanza u infurzar**

2.5.1. *Sorveljanza indipendenti*

(93) Sabiex jiġi żgurat li livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* jkun iggarantit fil-prattika wkoll, trid tkun fis-seħħ awtorità superviżorja indipendenti inkarigata bis-setgħat li timmonitorja u tinforza l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Din l-awtorità għandha taġixxi b'indipendenza u b'imparzjalità sħiħa fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha.

(94) Fir-Renju Unit, is-sorveljanza u l-infurzar tal-konformità mal-GDPR tar-Renju Unit u mad-DPA 2018 jitwettqu mill-Kummissarju tal-Informazzjoni ([155]). Il-Kummissarju tal-Informazzjoni jissorvelja wkoll l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 3 tad-DPA 2018 ([156]). Il-Kummissarju tal-Informazzjoni huwa "Corporation Sole": entità ġuridika separata kkostitwita f'persuna unika. Il-Kummissarju tal-Informazzjoni huwa appoġġat f'ħidmietu minn uffiċċju. Fil-31 ta' Marzu 2020, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni kellu 768 membru tal-persunal permanenti ([157]). Id-dipartiment sponsor tal-Kummissarju tal-Informazzjoni huwa d-Department for Digital, Culture, Media and Sport ([158]).

([153]) It-Taqsima 62 tad-DPA 2018.

([154]) It-Taqsima 69 tad-DPA 2018.

([155]) L-Artikolu 36(2)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/680.

([156]) It-Taqsima 116 tad-DPA 2018.

([157]) Information Commissioner's Annual Report and Financial Statements 2019-2020, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/media/about-the-ico/documents/2618021/annual-report-2019-20-v83-certified.pdf

([158]) Ftehim ta' Ġestjoni jirregola r-relazzjoni bejn dawn it-tnejn. B'mod partikolari, ir-responsabbiltajiet ewlenin tad-DCMS, bħala dipartiment li jisponsorja, jinkludu: l-iżgurar li l-ICO jkun iffinanzjat u mgħammar bir-riżorsi b'mod adegwat; ir-rappreżentazzjoni tal-interessi tal-ICO quddiem il-Parlament u dipartimenti oħrajn tal-Gvern; l-iżgurar li jkun hemm qafas nazzjonali robust għall-protezzjoni tad-*data* fis-seħħ; u l-għoti ta' gwida u ta' appoġġ lill-ICO dwar kwistjonijiet korporattivi bħal kwistjonijiet ta' proprjetà, ta' kirjiet u ta' akkwist (il-Ftehim ta' Ġestjoni 2018-2021 disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/media/about-the-ico/documents/2259800/management-agreement-2018-2021.pdf).

(95) L-indipendenza tal-Kummissarju hija stabbilita b'mod espliċitu fl-Artikolu 52 tal-GDPR tar-Renju Unit li jirrifletti r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) sa (3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([159]). Il-Kummissarju jeħtieġlu jaġixxi b'indipendenza sħiħa fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u fl-eżerċitar tas-setgħat tiegħu f'konformità mal-GDPR tar-Renju Unit, jibqa' ħieles minn influwenza esterna, kemm jekk diretta kif ukoll indiretta, fir-rigward ta' dawk il-kompiti u s-setgħat, u la jfittex u lanqas ma jieħu struzzjonijiet mingħand xi ħadd. Il-Kummissarju jeħtieġlu jżomm ukoll lura minn kwalunkwe azzjoni inkompatibbli mad-dmirijiet tiegħu u ma għandux, waqt li jżomm il-kariga, jinvolvi ruħu f'xi okkupazzjoni inkompatibbli, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le.

(96) Il-kundizzjonijiet għall-ħatra u għat-tneħħija tal-Kummissarju tal-Informazzjoni huma stabbiliti fl-Iskeda 12 tad-DPA 2018. Il-Kummissarju tal-Informazzjoni jinħatar mir-Reġina fuq rakkomandazzjoni mill-Gvern wara konkors ġust u miftuħ. Il-kandidat jeħtieġlu jkollu l-kwalifiki, il-ħiliet u l-kompetenza xierqa. F'konformità mal-Kodiċi ta' Governanza dwar il-Ħatriet Pubbliċi ([160]), lista ta' kandidati magħżula ssir minn bord ta' valutazzjoni konsultattiv. Qabel ma s-Segretarju tal-Istat fid-Department for Digital, Culture, Media and Sport jiffinalizza d-deċiżjoni tiegħu, il-Kumitat Magħżul rilevanti tal-Parlament jeħtieġlu jwettaq skrutinju ta' qabel il-ħatra. Il-pożizzjoni tal-Kumitat tiġi ppubblikata ([161]).

(97) Il-Kummissarju tal-Informazzjoni jżomm il-kariga għal perjodu ta' mhux aktar minn seba' snin. Il-Kummissarju tal-Informazzjoni jista' jitneħħa mill-kariga mill-Maestà Tagħha wara Indirizz miż-żewġt Ikmamar tal-Parlament ([162]). L-ebda talba għat-tneħħija tal-Kummissarju tal-Informazzjoni ma tista' tiġi ppreżentata lil xi waħda mill-Kmamar tal-Parlament sakemm Ministru ma jkunx ippreżenta rapport lil dik il-Kamra li jiddikjara li huwa jkun aċċerta li l-Kummissarju tal-Informazzjoni jkun ħati ta' mġiba ħażina serja u/jew li l-Kummissarju ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet ta' Kummissarju ([163]).

(98) Il-finanzjament tal-Kummissarju tal-Informazzjoni jiġi minn tliet sorsi: (i) l-imposti tal-protezzjoni tad-*data* mħallsa mill-kontrolluri li huma stabbiliti minn Segretarju tar-regolamenti tal-Istat ([164]) u jammontaw għal 85 sa 90 % tal-baġit annwali tal-Uffiċċju ([165]); (ii) għotja f'għajnuna li tista' titħallas mill-Gvern lill-Kummissarju tal-Informazzjoni u tintuża prinċipalment sabiex tiffinanzja l-kostijiet operatorji tal-Kummissarju tal-Informazzjoni fir-rigward ta' kompiti relatati mal-protezzjoni tad-*data*; ([166]) (iii) tariffi mitluba għal servizzi ([167]). Bħalissa, ma tintalab l-ebda tariffa bħal din.

(99) Il-funzjonijiet ġenerali tal-Kummissarju tal-Informazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 3 tad-DPA 2018, huma stabbiliti fl-Iskeda 13 tad-DPA 2018. Il-kompiti jinkludu l-monitoraġġ u l-infurzar tal-Parti 3 tad-DPA 2018, il-promozzjoni tal-għarfien pubbliku, l-għoti ta' pariri lill-Parlament, lill-gvern u lil istituzzjonijiet oħrajn dwar miżuri leġiżlattivi u amministrattivi, il-promozzjoni tal-għarfien tal-kontrolluri u tal-proċessuri dwar l-obbligi tagħhom, l-għoti ta' informazzjoni lil suġġett tad-*data* dwar

([159]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([160]) Governance Code on Public Appointments, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.gov.uk/government/publications/governance-code-for-public-appointments.

([161]) Second Report of Session 2015-2016 tal-Culture, Media and Sports Committee fil-House of Commons, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://publications.parliament.uk/pa/cm201516/cmselect/cmcumeds/990/990.pdf

([162]) "Indirizz" hija mozzjoni mressqa quddiem il-Parlament li jfittex li jagħmel lill-Monark konxju tal-opinjonijiet tal-Parlament dwar kwistjoni partikolari.

([163]) L-Iskeda 12, il-paragrafu 3 tad-DPA 2018.

([164]) It-Taqsima 137 tad-DPA 2018.

([165]) It-Taqsimiet 137 u 138 tad-DPA 2018 fihom numru ta' salvagwardji sabiex jiġi żgurat li l-imposti jiġu stabbiliti f'livell xieraq. B'mod partikolari, it-Taqsima 137(4) tad-DPA 2018 telenka l-kwistjonijiet li s-Segretarju tal-Istat jeħtieġlu jqis meta jagħmel regolamenti li jispeċifikaw l-ammont li jeħtiġilhom iħallsu organizzazzjonijiet differenti. It-Taqsima 138(1) u t-Taqsima 182 tad-DPA 2018 jinkludu wkoll rekwiżit legali għas-Segretarju tal-Istat sabiex jikkonsulta mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u ma' rappreżentanti oħrajn ta' persuni li x'aktarx ikunu affettwati mir-regolamenti, qabel ma jsiru, sabiex il-fehmiet tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu. Barra minn hekk, skont it-Taqsima 138(2) tad-DPA 2018, il-Kummissarju tal-Informazzjoni huwa meħtieġ iżomm il-ħidma tar-Regolamenti dwar l-Imposti taħt rieżami u jista' jippreżenta proposti lis-Segretarju tal-Istat għal emendi li għandhom isiru fir-Regolamenti. Fl-aħħar nett, ħlief meta r-regolamenti jsiru sempliċiment sabiex titqies żieda fl-indiċi tal-prezz bl-imnut (f'liema każ dawn ikunu soġġetti għall-proċedura ta' riżoluzzjoni negattiva), ir-regolamenti huma soġġetti għall-proċedura ta' riżoluzzjoni affermattiva u ma jistgħux isiru qabel ma jkunu ġew approvati b'riżoluzzjoni ta' kull Kamra tal-Parlament.

([166]) Il-Ftehim ta' Ġestjoni ċċara li "Is-Segretarju tal-Istat jista' jagħmel pagamenti lill-IC minn flus ipprovduti mill-Parlament skont il-paragrafu 9 tal-Iskeda 12 tad-DPA 2018. Wara konsultazzjoni mal-IC, id-DCMS iħallas lill-IC is-somom xierqa (l-għotja f'għajnuna) għall-kostijiet amministrattivi tal-ICO u għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-IC fir-rigward ta' numru ta' funzjonijiet speċifiċi, inkluża l-libertà tal-informazzjoni" (Ftehim ta' Ġestjoni 2018-2021, il-paragrafu 1.12, ara n-nota 158 f'qiegħ il-paġna).

([167]) It-Taqsima 134 tad-DPA 2018.

l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, u t-twettiq ta' investigazzjonijiet. Sabiex iżomm l-indipendenza tal-ġudikatura, il-Kummissarju tal-Informazzjoni ma huwiex awtorizzat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali minn individwu li jaġixxi f'kapaċità ġudizzjarja, jew minn qorti jew minn tribunal li jaġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tiegħu. Madankollu, is-sorveljanza fuq il-ġudikatura hija żgurata minn korpi speċjalizzati, diskussi hawn taħt.

2.5.1.1 Infurzar, li jinkludi sanzjonijiet

(100) Il-Kummissarju għandu setgħat investigattivi, korrettivi, ta' awtorizzazzjoni u konsultattivi ġenerali fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali li għaliha tapplika l-Parti 3 tad-DPA 2018. Il-Kummissarju għandu s-setgħat li jinnotifika lill-kontrollur jew lill-proċessur dwar ksur allegat tal-Parti 3, li joħroġ twissijiet lil kontrollur jew lil proċessur li l-operazzjonijiet ta' pproċessar maħsuba x'aktarx jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Parti 3, u li joħroġ ċanfiriet lil kontrollur jew lil proċessur meta l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu kisru d-dispożizzjonijiet tal-Parti 3. Barra minn hekk, fuq inizjattiva proprja jew fuq talba, il-Kummissarju jista' joħroġ opinjonijiet lill-Parlament tar-Renju Unit, lill-gvern jew lil istituzzjonijiet u lil korpi oħrajn kif ukoll lill-pubbliku dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni ta' *data* personali ([168]).

(101) Barra minn hekk, il-Kummissarju għandu s-setgħat li:

— jordna lill-kontrollur u lill-proċessur (u f'ċerti ċirkustanzi lil kwalunkwe persuna oħra) sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa billi jagħti avviż ta' informazzjoni ("avviż ta' informazzjoni") ([169]);

— iwettaq investigazzjonijiet u awditi billi jagħti avviż ta' valutazzjoni, li jista' jirrikjedi li l-kontrollur jew il-proċessur jippermetti lill-Kummissarju jidħol f'bini speċifikat, jispezzjona jew jeżamina dokumenti jew tagħmir, jintervista persuni li jipproċessaw *data* personali f'isem il-kontrollur ("avviż ta' valutazzjoni") ([170]);

— jikseb aċċess b'mod ieħor għad-dokumenti tal-kontrolluri u tal-proċessuri u aċċess għall-bini tagħhom f'konformità mat-taqsima 154 tad-DPA 2018 ("setgħat ta' dħul u ta' spezzjoni");

— jeżerċita setgħat korrettivi inkluż permezz ta' twissijiet u ta' ċanfiriet jew jagħti ordnijiet permezz ta' avviż ta' infurzar, li jirrikjedi li l-kontrolluri/il-proċessuri jieħdu jew joqogħdu lura milli jieħdu passi speċifiċi, ("avviż ta' infurzar") ([171]); u

— joħroġ multi amministrattivi fil-forma ta' avviż ta' penali ("avviż ta' penali") ([172]).

(102) Il-Politika ta' Azzjoni Regolatorja tal-ICO tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li fihom il-Kummissarju joħroġ rispettivament avviż ta' informazzjoni, ta' valutazzjoni, ta' infurzar u ta' penali ([173]). Avviż ta' infurzar jista' jimponi rekwiżiti li l-Kummissarju jqis xierqa għall-fini ta' rimedju għan-nuqqas. Avviż ta' penali jirrikjedi li l-persuna tħallas lill-Kummissarju tal-Informazzjoni ammont speċifikat fl-avviż. Jista' jingħata avviż ta' penali meta jkun hemm nuqqas ta' konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-DPA 2018 ([174]) jew jista' jingħata lil kontrollur jew proċessur li ma jkunx ikkonforma ma' avviż ta' informazzjoni, ma' avviż ta' valutazzjoni jew ma' avviż ta' infurzar.

(103) B'mod aktar speċifiku, fid-determinazzjoni ta' jekk jagħtix avviż ta' penali lil lil kontrollur jew proċessur u fid-determinazzjoni tal-ammont tal-penali, il-Kummissarju tal-Informazzjoni jeħtieġlu jqis il-kwistjonijiet elenkati fit-Taqsima 155(3) tad-DPA 2018, inklużi n-natura u l-gravità tan-nuqqas, il-karattru intenzjonali jew negliġenti tan-nuqqas, kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kontrollur jew mill-proċessur sabiex jittaffa d-dannu mġarrab mis-suġġetti

([168]) Il-paragrafu 2 tal-Iskeda 13 tad-DPA 2018.
([169]) It-Taqsima 142 tad-DPA 2018 (soġġetta għar-restrizzjonijiet fit-taqsima 143 tad-DPA 2018).
([170]) It-Taqsima 146 tad-DPA 2018 (soġġetta għar-restrizzjonijiet fit-taqsima 147 tad-DPA 2018).
([171]) It-Taqsimiet 149 sa 151 tad-DPA 2018 (soġġetti għar-restrizzjonijiet fit-taqsima 152 tad-DPA 2018).
([172]) It-Taqsima 155 tad-DPA 2018 (soġġetta għar-restrizzjonijiet fit-taqsima 156 tad-DPA 2018).
([173]) Regulatory Action Policy, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/media/about-the-ico/documents/2259467/regulatory-action-policy.pdf
([174]) B'mod partikolari, l-ICO jista' joħroġ avviż ta' penali għal nuqqas ta' konformità stabbilit fit-Taqsima 149(2), (3), (4), jew (5) tad-DPA 2018.

tad-*data*, il-grad ta' responsabbiltà tal-kontrollur jew tal-proċessur (filwaqt li jitqiesu l-miżuri tekniċi u organizzazzjonali implimentati mill-kontrollur jew mill-proċessur), kwalunkwe nuqqas preċedenti rilevanti mill-kontrollur jew mill-proċessur; il-kategoriji ta' *data* personali affettwati min-nuqqas u jekk il-penali tkunx effettiva, proporzjonata u dissważiva.

(104) L-ammont massimu tal-penali li jista' jiġi impost minn avviż ta' penali huwa ta' (a) £17 500 000 fir-rigward ta' nuqqas ta' konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* (it-taqsimiet 35, 36, 37, 38(1), 39(1) u 40 tad-DPA 2018), mal-obbligi ta' trasparenza u mad-drittijiet individwali (it-taqsimiet 44, 45, 46, 47, 48, 49, 52 u 53 tad-DPA 2018), u mal-prinċipji għat-trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali (it-taqsimiet 73, 75, 76, 77 jew 78 tad-DPA 2018); u ta' (b) £ 8 700 000 f'każijiet oħrajn ([175]). Fir-rigward ta' nuqqas ta' konformità ma' avviż ta' informazzjoni, ma' avviż ta' valutazzjoni jew ma' avviż ta' infurzar, l-ammont massimu tal-penali li jista' jiġi impost minn avviż ta' penali huwa ta' £17 500 000.

(105) Skont l-aħħar rapporti annwali tiegħu (2018-2019 ([176]), 2019-2020 ([177])), il-Kummissarju tal-Informazzjoni wettaq numru ta' investigazzjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-infurzar tal-liġi kriminali. Pereżempju, il-Kummissarju wettaq investigazzjoni u ppubblika opinjoni f'Ottubru 2019 dwar l-użu għall-infurzar tal-liġi tat-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ f'postijiet pubbliċi. L-investigazzjoni ffokat b'mod partikolari fuq l-użu ta' kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-wiċċ minn filmati diretti fil-Pulizija ta' South Wales u fil-Metropolitan Police Service (MPS). Barra minn hekk, il-Kummissarju investiga l-MPS "Gangs matrix" ([178]) u sab firxa ta' ksur serju tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* li x'aktarx kien se jdgħajjef il-fiduċja pubblika fil-matriċi u fl-użu tad-*data*.

(106) F'Novembru 2018, il-Kummissarju tal-Informazzjoni ħareġ avviż ta' infurzar u sussegwentement l-MPS ħa l-passi meħtieġa sabiex iżid is-sigurtà u r-responsabbiltà u bl-għan li jiżgura li d-*data* kienet qed tintuża b'mod proporzjonat.

(107) Eżempju ieħor ta' azzjoni ta' infurzar riċenti huwa l-multa ta' £325 000 maħruġa mill-Kummissarju f'Mejju 2018 kontra l-Crown Prosecution Service, għat-telf ta' DVDs mhux kriptati li fihom reġistrazzjonijiet ta' interrogazzjonijiet tal-pulizija. Barra minn hekk, il-Kummissarju tal-Informazzjoni wettaq investigazzjonijiet dwar suġġetti usa', pereżempju fl-ewwel nofs tal-2020 dwar l-użu tal-Estrazzjoni mit-Telefowns Ċellulari għal Finijiet tal-Pulizija u l-ipproċessar ta' *data* tal-vittmi mill-pulizija.

(108) Minbarra dawk is-setgħat ta' infurzar tal-Kummissarju tal-Informazzjoni, ċerti tipi ta' ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* jikkostitwixxu reati u, għalhekk, jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet kriminali (it-Taqsima 196 tad-DPA 2018). Dan, pereżempju, japplika għall-kisba jew għall-iżvelar ta' *data* personali mingħajr il-kunsens tal-kontrollur u għall-akkwist tal-iżvelar ta' *data* personali lil persuna oħra mingħajr il-kunsens tal-kontrollur ([179]); l-identifikazzjoni mill-ġdid ta' informazzjoni li tkun *data* personali deidentifikata mingħajr il-kunsens tal-kontrollur responsabbli għad-deidentifikazzjoni tad-*data* personali ([180]); l-ostakolar b'mod intenzjonali lill-Kummissarju mill-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu fir-rigward tal-ispezzjoni ta' *data* personali f'konformità mal-obbligi internazzjonali ([181]), il-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet foloz dwar ir-rispons għal avviż ta' informazzjoni, jew il-qerda ta' informazzjoni b'rabta ma' avviżi ta' informazzjoni u ta' valutazzjoni ([182]).

(109) Il-Kummissarju tal-Informazzjoni għandu wkoll dmir skont it-Taqsima 139 tad-DPA 2018 li jippreżenta quddiem kull Kamra tal-Parlament rapport ġenerali dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont l-Att ([183]).

([175]) It-Taqsima 157 tad-DPA 2018.

([176]) Information Commissioner's Annual Report and Financial Statements 2018-2019, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/media/about-the-ico/documents/2615262/annual-report-201819.pdf

([177]) Information Commissioner's Annual Report 2019-2020 (ara n-nota 157 f'qiegħ il-paġna).

([178]) Bażi ta' *data* li rreġistrat intelligence relatata mal-allegati membri tal-għaqdiet kriminali u mal-vittmi ta' reati relatati mal-għaqdiet kriminali.

([179]) It-Taqsima 170 tad-DPA 2018.

([180]) It-Taqsima 171 tad-DPA 2018.

([181]) It-Taqsima 119 tad-DPA 2018.

([182]) It-Taqsimiet 144 u 148 tad-DPA 2018.

([183]) Kif stabbilit fil-Ftehim ta' Ġestjoni, ir-rapport annwali jrid: (i) ikopri kwalunkwe impriża korporattiva, sussidjarja jew konġunta taħt il-kontroll tal-ICO; (ii) jikkonforma mal-Financial Reporting Manual (FReM) tat-Teżor; (iii) ikun fih dikjarazzjoni ta' governanza, li tistabbilixxi l-modi li bihom l-Uffiċjal tal-Kontabilità jkun immaniġġja u kkontrolla r-riżorsi użati fl-organizzazzjoni matul is-sena, li turi kemm l-organizzazzjoni qed tiġġestixxi tajjeb ir-riskji għall-kisba tal-għanijiet u tal-objettivi tagħha; u (iv) jiddeskrivu l-attivitajiet ewlenin u l-prestazzjoni matul is-sena finanzjarja preċedenti u jistabbilixxi f'forma sommarja l-pjanijiet għall-futur (Management Agreement 2018-2021, il-paragrafu 3.26, ara n-nota 158 f'qiegħ il-paġna).

2.5.2. *Sorveljanza fuq il-ġudikatura*

(110) Is-sorveljanza tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-qrati u mill-ġudikatura hija maqsuma f'żewġ livelli. Meta detentur ta' uffiċċju ġudizzjarju jew qorti ma tkunx qed taġixxi f'kapaċità ġudizzjarja, is-sorveljanza tiġi pprovduta mill-Kummissarju tal-Informazzjoni. Meta l-kontrollur ikun qed jopera f'kapaċità ġudizzjarja, l-ICO ma jistax jeżerċita l-funzjonijiet ta' sorveljanza tiegħu ([184]) u s-sorveljanza titwettaq minn korpi speċjali. Dan jirrifletti l-approċċ meħud fl-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(111) B'mod partikolari, fit-tieni xenarju, għall-qrati tal-Ingilterra u ta' Wales u għat-tribunali tal-Prim'Istanza u Superjuri tal-Ingilterra u ta' Wales, tali sorveljanza tiġi pprovduta mill-Judicial Data Protection Panel ([185]). Barra minn hekk, il-Lord Chief Justice u s-Senior President of Tribunals ħarġu Avviż dwar il-Privatezza ([186]) li jistabbilixxi kif il-qrati fl-Ingilterra u f'Wales jipproċessaw *data* personali għal funzjoni ġudizzjarja. Inħareġ avviż simili mill-ġudikaturi tal-Irlanda ta' Fuq ([187]) u tal-Iskozja ([188]).

(112) Barra minn hekk, fl-Irlanda ta' Fuq, il-Lord Chief Justice of Northern Ireland ħatar imħallef tal-High Court bħala Data Supervisory Judge (DSJ) ([189]). Huwa ħareġ ukoll gwida għall-Ġudikatura tal-Irlanda ta' Fuq dwar x'għandu jsir fil-każ ta' telf jew ta' telf potenzjali ta' *data* u l-proċess sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta minn dan ([190]).

(113) Fl-Iskozja, il-Lord President ħatar Data Supervisory Judge sabiex jinvestiga kwalunkwe lment fuq il-bażi tal-protezzjoni tad-*data*. Dan huwa stabbilit skont ir-regoli dwar l-ilmenti ġudizzjarji li jirriflettu dawk stabbiliti għall-Ingilterra u għal Wales ([191]).

(114) Fl-aħħar nett, fis-Supreme Court, wieħed mis-Supreme Court Justices huwa nnominat sabiex jissorvelja l-protezzjoni tad-*data*.

([184]) It-Taqsima 117 tad-DPA 2018.

([185]) Il-Bord huwa responsabbli sabiex jipprovdi gwida u taħriġ lill-ġudikatura. Dan jittratta wkoll ilmenti minn suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-qrati, mit-tribunali u mill-individwi li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja. Il-Bord għandu l-għan li jipprovdi l-mezzi li permezz tagħhom ikun jista' jiġi solvut kwalunkwe lment. Jekk ilmentatur ma jkunx sodisfatt b'deċiżjoni tal-Bord, u jkun ipprovda evidenza addizzjonali, il-Bord jista' jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu. Filwaqt li l-Bord innifsu ma jimponix sanzjonijiet finanzjarji, jekk il-Bord iqis li jkun hemm ksur serju biżżejjed tad-DPA 2018, jista' jirreferih lill-Judicial Conduct Investigation Office (JCIO), li jinvestiga l-ilment. Jekk l-ilment jiġi sostnut, ikun f'idejn il-Lord Chancellor u l-Lord Chief Justice (jew imħallef anzjan delegat sabiex jaġixxi f'ismu) li jiddeċiedi liema azzjoni jenħtieġ li tittieħed kontra d-detentur ta' kariga. Din tista' tinkludi, skont is-severità: avviż formali, twissija formali, u ċanfira u, fl-aħħar mill-aħħar, tneħħija mill-kariga. Jekk individwu ma jkunx sodisfatt bil-mod li bih l-ilment ikun ġie investigat mill-JCIO, dan jista' jressaq ilment ulterjuri quddiem il-Judicial Appointments and Conduct Ombudsman (ara https://www.gov.uk/government/organizations/judicial-appointments-and-conduct-ombudsman). L-Ombudsman għandu s-setgħa li jitlob lill-JCIO sabiex jinvestiga lment mill-ġdid u jista' jipproponi li l-ilmentatur jitħallas kumpens meta jemmen li jkun ġarrab dannu bħala riżultat ta' amministrazzjoni ħażina.

([186]) L-avviż ta' privatezza mil-Lord Chief Justice u mis-Senior President of Tribunals huwa disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.judiciary.uk/about-the-judiciary/judiciary-and-data-protection-privacy-notice

([187]) L-avviż ta' privatezza maħruġ mil-Lord Chief Justice tal-Irlanda ta' Fuq huwa disponibbli fuq il-link li ġejja: https://judiciaryni.uk/data-privacy

([188]) L-Avviż ta' Privatezza għall-Qrati u għat-Tribunali Skoċċiżi huwa disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.judiciary.uk/about-the-judiciary/judiciary-and-data-protection-privacy-notice

([189]) Id-DSJ jipprovdi gwida lill-ġudikatura u jinvestiga ksur u/jew ilmenti fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali minn qrati jew minn individwi li jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja.

([190]) Meta l-ilment jew il-ksur jitqies bħala serju, dan jiġi rriferut lill-Uffiċjal tal-Ilmenti Ġudizzjarji għal investigazzjoni ulterjuri f'konformità mal-Code of practice on Complaints tal-Lord Chief Justice in Northern Ireland. L-eżitu ta' tali lment jista' jinkludi: l-ebda azzjoni ulterjuri, avviż, taħriġ jew mentoraġġ, twissija informali, twissija formali, twissija finali, restrizzjoni tal-prattika jew riferiment lil tribunal statutorju. Il-kodiċi ta' prattika dwar l-ilmenti maħruġa mil-Lord Chief Justice in Northern Ireland huwa disponibbli fuq il-link li ġejja:https://judiciaryni.uk/sites/judiciary/files/media-files/14G.%20CODE%20OF%20PRACTICE%20Judicial%20~%2028%20Feb%2013%20%28Final%29%20updated%20with%20new%20comp..__1.pdf

([191]) Kull ilment li jitressaq jiġi investigat mid-Data Supervisory Judge u rriferit lil-Lord President li għandu s-setgħa li joħroġ avviż, twissija formali jew ċanfira jekk iqis li jkun meħtieġ (Jeżistu regoli ekwivalenti għall-membri tat-tribunal u huma disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.judiciary.scot/docs/librariesprovider3/judiciarydocuments/complaints/complaintsaboutthejudiciaryscotlandrules2017_1d392ab6e14f6425aa0c7f48d062f5cc5.pdf?sfvrsn=5d3eb9a1_2).

2.5.3. *Rimedju*

(115) Sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni adegwata u b'mod partikolari l-infurzar tad-drittijiet individwali, is-suġġett tad-*data* jenħtieġ li jingħata rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv, inkluż indennizz.

(116) L-ewwel, suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jippreżenta lment lill-Kummissarju tal-Informazzjoni, jekk is-suġġett tad-*data* jqis li, b'rabta mad-*data* personali relatata miegħu, ikun seħħ ksur tal-Parti 3 tad-DPA 2018 ([192]). Kif deskritt fil-premessi (100) u (109), il-Kummissarju tal-Informazzjoni għandu s-setgħa li jivvaluta l-konformità tal-kontrollur u tal-proċessur mad-DPA 2018, jeħtieġu jieħu jew iżomm lura milli jieħu l-passi meħtieġa f'każ ta' nuqqas ta' konformità u jimponi multi.

(117) It-tieni, id-DPA 2018 jipprovdi dritt għal rimedju kontra l-Kummissarju tal-Informazzjoni. Jekk il-Kummissarju jonqos milli "jagħmel progress" ([193]) f'ilment magħmul mis-suġġett tad-*data*, l-ilmentatur ikollu aċċess għal rimedju ġudizzjarju, peress li jista' jitlob lil Tribunal tal-Prim'Istanza ([194]) jordna lill-Kummissarju jieħu l-passi xierqa sabiex iwieġeb għall-ilment, jew jinforma lill-ilmentatur bil-progress fl-ilment ([195]). Barra minn hekk, kwalunkwe persuna li tingħata xi wieħed mill-avviżi ta' hawn fuq (avviż ta' informazzjoni, ta' valutazzjoni, ta' infurzar jew ta' penali) mill-Kummissarju tista' tappella quddiem Tribunal tal-Prim'Istanza. Jekk it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma hijiex konformi mal-liġi jew li l-Kummissarju tal-Informazzjoni missu eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod differenti, it-Tribunal jeħtieġlu jippermetti l-appell, jew jissostitwixxi avviż jew deċiżjoni oħra li l-Kummissarju tal-Informazzjoni seta' ta jew għamel ([196]).

(118) It-tielet, l-individwi jistgħu jiksbu rimedju ġudizzjarju kontra kontrolluri u proċessuri direttament quddiem il-qrati skont it-Taqsima 167 tad-DPA 2018. Jekk, fuq applikazzjoni minn suġġett tad-data, qorti tkun sodisfatta li seħħ ksur tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-qorti tista' tordna lill-kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar, jew lil proċessur li jaġixxi f'isem dak il-kontrollur, sabiex jieħu passi speċifikati fl-ordni jew li jżomm lura milli jieħu passi speċifikati fl-ordni. Barra minn hekk, skont it-Taqsima 169 tad-DPA 2018, kwalunkwe persuna li ssofri dannu minħabba ksur ta' rekwiżit tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* (inkluża l-Parti 3 tad-DPA 2018), minbarra l-GDPR tar-Renju Unit, hija intitolata għal kumpens għal dak id-dannu mill-kontrollur jew mill-proċessur, ħlief jekk il-kontrollur jew il-proċessur jagħti prova li l-kontrollur jew il-proċessur bl-ebda mod ma jkun responsabbli għall-avveniment li jwassal għad-dannu. Id-dannu jinkludi kemm telf finanzjarju kif ukoll dannu li ma jinvolvux telf finanzjarju, bħal tbatija.

(119) Ir-raba', sa fejn kwalunkwe persuna tqis li d-drittijiet tagħha, li jinkludu d-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*, inkisru mill-awtoritajiet pubbliċi, hija tkun tista' tikseb rimedju quddiem il-qrati tar-Renju Unit skont l-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-1998. Il-kontrolluri skont il-Parti 3 tad-DPA 2018, jiġifieri l-awtoritajiet kompetenti, dejjem ikunu awtoritajiet pubbliċi skont it-tifsira tal-Human Rights Act 1998. Individwu li jiddikjara li awtorità pubblika aġixxiet (jew tipproponi li taġixxi) b'mod li ma jkunx kompatibbli ma' dritt tal-Konvenzjoni, u konsegwentement illegali skont it-Taqsima 6(1) tal-Human Rights Act 1998, jista' jiftaħ proċedimenti kontra l-awtorità quddiem il-qorti jew it-tribunal xieraq, jew jibbaża fuq id-drittijiet ikkonċernati fi kwalunkwe proċediment legali, meta jkun vittma tal-att illegali ([197]).

([192]) It-Taqsima 165 tad-DPA 2018.

([193]) It-Taqsima 166 tad-DPA 2018 tirreferi speċifikament għas-sitwazzjonijiet li ġejjin: (a) il-Kummissarju jonqos milli jieħu l-passi xierqa sabiex iwieġeb għall-ilment, (b) il-Kummissarju jonqos milli jipprovdi lill-ilmentatur informazzjoni dwar il-progress fl-ilment, jew dwar l-eżitu tal-ilment, qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet xhur li jibda minn meta l-Kummissarju jkun irċieva l-ilment, jew (c) jekk il-kunsiderazzjoni mill-Kummissarju tal-ilment ma tiġix konkluża matul dak il-perjodu, il-Kummissarju jonqos milli jipprovdi lill-ilmentatur b'tali informazzjoni matul perjodu sussegwenti ta' tliet xhur.

([194]) It-Tribunal tal-Prim'Istanza huwa l-qorti kompetenti sabiex tittratta appelli kontra deċiżjonijiet meħudin minn korpi regolatorji tal-gvern. Fil-każ tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Informazzjoni, il-kamra kompetenti hija l-"Kamra Regolatorja Ġenerali" li għandha ġurisdizzjoni fuq ir-Renju Unit kollu.

([195]) It-Taqsima 166 tad-DPA 2018.

([196]) It-Taqsimiet 161 u 162 tad-DPA 2018.

([197]) Ara l-Kawża *Brown vs Commissioner* tal-Met 2016 fejn il-qorti pprovdiet rimedju għar-rikorrent fil-kuntest tal-protezzjoni tad-*data* f'kawża ppreżentata kontra l-pulizija. Il-qorti kkonstatat favur ir-rikorrent, filwaqt li kkonfermat it-talbiet tiegħu ta' ksur tal-obbligi tal-HRA1998, il-ksur tal-HRA 1998 (u d-dritt relatat fl-Artikolu 8 tal-KEDB) u d-delitt ta' użu ħażin ta' informazzjoni privata (fl-aħħar mill-aħħar, il-konvenut ikkonċeda li kien qed jikser id-DPA u l-KEDB, u għalhekk is-sentenza kienet iffokata fuq liema rimedju kien xieraq). Bħala riżultat ta' dan il-ksur, il-qorti tat kumpens monetarju għad-danni lir-rikorrent.

(120) Jekk il-qorti ssib li xi att ta' awtorità pubblika jkun illegali, hija tista' tagħti tali kumpens jew rimedju, jew tagħmel tali ordni, fis-setgħat tagħha kif tqis li jkun ġust u xieraq ([198]). Il-qorti tista' tiddikjara wkoll li dispożizzjoni ta' leġiżlazzjoni primarja tkun inkompatibbli ma' dritt garantit skont il-KEDB.

(121) Fl-aħħar nett, wara li jeżawrixxi r-rimedji nazzjonali, individwu jista' jikseb rimedju quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għal ksur tad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB.

2.6. **Kondiviżjoni ulterjuri**

(122) Il-liġi tar-Renju Unit tawtorizza l-kondiviżjoni tad-*data* minn awtorità tal-infurzar tal-liġi ma' awtoritajiet oħrajn tar-Renju Unit għal finijiet oħrajn minbarra dawk li għalihom tkun inġabret oriġinarjament (l-hekk imsejħa "kondiviżjoni ulterjuri") soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

(123) B'mod simili għal dak li huwa pprovdut fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680, it-Taqsima 36(3) tad-DPA 2018 tippermetti li *data* personali miġbura minn awtorità kompetenti għal fini ta' infurzar tal-liġi tista' tiġi proċessata b'mod ulterjuri (kemm jekk mill-kontrollur oriġinali kif ukoll minn kontrollur ieħor) għal kwalunkwe fini ieħor ta' infurzar tal-liġi, dment li l-kontrollur ikun awtorizzat bil-liġi sabiex jipproċessa d-*data* għall-fini l-ieħor u l-ipproċessar ikun meħtieġ u proporzjonat ([199]). F'dan il-każ, is-salvagwardji kollha pprovduti mill-Parti 3 tad-DPA 2018 u analizzati hawn fuq japplikaw għall-ipproċessar imwettaq mill-awtorità riċeventi.

(124) Fl-ordinament ġuridiku tar-Renju Unit, liġijiet differenti jippermettu b'mod espliċitu l-kondiviżjoni ulterjuri. B'mod partikolari, (i) id-Digital Economy Act 2017 jippermetti l-kondiviżjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi għal diversi finijiet, pereżempju fil-każ ta' kwalunkwe frodi kontra s-settur pubbliku li jinvolvi telf jew riskju ta' telf għal awtorità pubblika ([200]) jew f'każ ta' dejn dovut lil awtorità pubblika jew lill-Kuruna ([201]); (ii) il-Crime and Courts Act 2013 jippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni man-National Crime Agency (NCA) ([202]) għall-ġlieda, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u organizzata; (iii) is-Serious Crime Act 2007 jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jiżvelaw informazzjoni lill-organizzazzjonijiet ta' kontra l-frodi għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-frodi ([203]).

(125) Dawn il-liġijiet jipprevedu b'mod espliċitu li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni jenħtieġ li tkun f'konformità mar-regoli stabbiliti fid-DPA 2018. Barra minn hekk, il-College of Policing ħareġ Prattika Professjonali Awtorizzata dwar il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni ([204]) sabiex jgħin lill-pulizija tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data* skont il-GDPR tar-Renju Unit, id-DPA u l-Human Rights Act 1998. Il-konformità tal-kondiviżjoni mal-qafas legali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* tista', naturalment, tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju ([205]).

(126) Barra minn hekk, b'mod simili għal dak li huwa stabbilit fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2016/680, id-DPA 2018 tipprovdi li d-*data* personali miġbura għal kwalunkwe fini ta' infurzar tal-liġi tista' tiġi proċessata għal fini li ma jkunx wieħed ta' infurzar tal-liġi meta l-ipproċessar ikun awtorizzat bil-liġi ([206]). Dan it-tip ta' kondiviżjoni jkopri żewġ xenarji: 1) meta awtorità tal-infurzar tad-dritt penali taqsam *data* ma' awtorità tal-infurzar mhux tad-dritt

([198]) It-Taqsima 8(1) tal-Human Rights Act 1998.
([199]) It-Taqsima 36(3) tad-DPA 2018.
([200]) It-Taqsima 56 tad-Digital Economy Act 2017, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2017/30/contents
([201]) It-Taqsima 48 tad-Digital Economy Act 2017.
([202]) It-Taqsima 7 tal-Crime and Courts Act 2013, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2013/22/contents
([203]) It-Taqsima 68 tas-Serious Crime Act 2007, disponibbli fuq il-link li ġejja https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2007/27/contents
([204]) Il-Prattika Professjonali Awtorizzata dwar il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni hija disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.app.college.police.uk/app-content/information-management/sharing-police-information
([205]) Ara pereż. il-Kawża *M vs the Chief Constable of Sussex Police* [2019] EWHC 975 (Admin) fejn il-High Court intalbet tikkunsidra l-kondiviżjoni tad-*data* bejn il-pulizija u Business Crime Reduction Partnership (BCRP), organizzazzjoni mogħtija s-setgħa li timmaniġġja skema ta' avviż ta' esklużjoni, li tipprojbixxi lil persuni milli jidħlu fil-bini kummerċjali tal-membri tagħha. Il-qorti stħarriġet il-kondiviżjoni tad-*data*, li kienet qed issir fuq il-bażi ta' ftehim li kellu l-għan li jipproteġi lill-pubbliku u jipprevjeni l-kriminalità u finalment ikkonkludiet li l-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-kondiviżjoni tad-*data* kienu legali, ħlief fir-rigward ta' xi informazzjoni sensittiva kondiviża bejn il-pulizija u BCRP. Eżempju ieħor huwa l-Kawża *Cooper vs NCA* [2019] EWCA Civ 16 fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-kondiviżjoni tad-*data* bejn il-pulizija u l-Aġenzija tal-Kriminalità Organizzata Serja (Serious Organised Crime Agency, SOCA), aġenzija tal-infurzar tal-liġi li bħalissa hija parti mill-NCA.
([206]) It-Taqsima 36(4) tad-DPA 2018.

penali minbarra aġenzija tal-intelligence (bħal eż. awtorità finanzjarja jew tat-taxxa, awtorità tal-kompetizzjoni, uffiċċju tal-benessri taż-żgħażagħ,); 2) meta awtorità tal-infurzar tad-dritt penali taqsam *data* ma' aġenzija tal-intelligence. Fl-ewwel xenarju, l-ipproċessar ta' *data* personali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR tar-Renju Unit kif ukoll fil-Parti 2 tad-DPA 2018. Kif speċifikat fid-Deċiżjoni XXX adottata skont ir-Regolament (UE) 2016/679, is-salvagwardji pprovduti mill-GDPR tar-Renju Unit u mill-Parti 2 tad-DPA 2018 jipprovdu livell ta' protezzjoni li huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni ([207]).

(127) Fit-tieni xenarju, fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-*data* miġbura minn awtorità tal-infurzar tad-dritt penali ma' aġenzija tal-intelligence għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali, il-bażi ġuridika li tawtorizza tali kondiviżjoni hija l-Counter Terrorism Act 2008 (CTA 2008) ([208]). Skont is-CTA 2008, kwalunkwe persuna tista' tagħti informazzjoni lil kwalunkwe wieħed mis-servizzi tal-intelligence għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet ta' dak is-servizz, inkluża s-"sigurtà nazzjonali".

(128) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li fihom id-*data* tista' tiġi kondiviża għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, l-Intelligence Services Act u s-Security Services Act jillimitaw il-kapaċità tas-servizzi tal-intelligence li jiksbu *data* għal dak li jkun meħtieġ sabiex jeżegwixxu l-funzjonijiet statutorji tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 3 tad-DPA 2018, li jfittxu li jaqsmu *data* mas-servizzi tal-intelligence se jkollhom iqisu numru ta' fatturi/limitazzjonijiet, minbarra l-funzjonijiet statutorji tal-aġenziji li huma stabbiliti fl-Intelligence Services Act u fis-Security Services Act ([209]). It-Taqsima 20 tas-CTA 2008 tagħmilha ċara li kwalunkwe kondiviżjoni tad-*data* skont it-Taqsima 19 tas-CTA 2008 xorta trid tikkonforma mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*; li jfisser li japplikaw il-limitazzjonijiet u r-rekwiżiti kollha tad-DPA 2018. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-intelligence huma awtoritajiet pubbliċi għall-fini tal-Human Rights Act 1998, u għalhekk jeħtiġilhom jiżguraw li jaġixxu f'konformità mad-drittijiet iggarantiti skont il-KEDB, inkluż l-Artikolu 8 tiegħu. Fi kliem ieħor, dawn ir-rekwiżiti jfissru li l-kondiviżjoni tad-*data* kollha bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-intelligence għandha tikkonforma mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u mal-KEDB.

(129) L-ipproċessar mis-servizzi tal-intelligence ta' *data* personali riċevuta jew miksuba mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali huwa soġġett għal numru ta' kundizzjonijiet u ta' salvagwardji ([210]). Il-Parti 4 tad-DPA 2018 tapplika għall-ipproċessar kollu mis-servizzi tal-intelligence jew f'isimhom. Tistabbilixxi

([207]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' *data* personali mir-Renju Unit C(2021)4800.

([208]) It-Taqsima 19 tal-Counter Terrorism Act 2008, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2008/28/section/19

([209]) It-Taqsima 2(2) tal-Intelligence Service Act 1994 (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1994/13/contents) tipprovdi li "l-Kap tas-Servizz tal-Intelligence għandu jkun responsabbli għall-effiċjenza ta' dak is-Servizz u għandu jkun id-dmir tiegħu li jiżgura— (a) li hemm arranġamenti sabiex jiġi żgurat li ma tinkiseb l-ebda informazzjoni mis-Servizz tal-Intelligence ħlief sa fejn tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni xierqa tal-funzjonijiet tiegħu u li l-ebda informazzjoni ma tiġi żvelata minnu ħlief sa fejn l-iżvelar ikun meħtieġ— (i) għal dak l-għan; (ii) fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali; (iii) għall-fini tal-prevenzjoni jew tad-detezzjoni ta' reati serji; jew (iv) għall-fini ta' kwalunkwe proċediment kriminali; u (b) li s-Servizz tal-Intelligence ma jieħu l-ebda azzjoni sabiex imexxi 'l quddiem l-interessi ta' kwalunkwe partit politiku tar-Renju Unit" filwaqt li t-Taqsima 2(2) tas-Security Service Act 1989 (ara https://www.legislation.gov.uk/ukpga/1989/5/contents) tipprovdi li "d-Direttur Ġenerali għandu jkun responsabbli għall-effiċjenza tas-Servizz u għandu jkun dmiru li jiżgura— (a) li jkun hemm arranġamenti sabiex jiġi żgurat li ma tinkiseb l-ebda informazzjoni mis-Servizz ħlief sa fejn tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni xierqa tal-funzjonijiet tiegħu jew li ma tiġi żvelata l-ebda informazzjoni minnu ħlief sa fejn ikun meħtieġ għal dak il-fini jew għall-fini tal-prevenzjoni jew tad-detezzjoni ta'] reat serju jew għall-fini ta' kwalunkwe proċediment kriminali]; u (b) li s-Servizz ma jieħu l-ebda azzjoni sabiex imexxi 'l quddiem l-interessi ta' xi partit politiku; u (c) li jkun hemm arranġamenti, miftiehma mad-Direttur Ġenerali tan-National Crime Agency, għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tas-Servizz skont it-Taqsima 1(4) ta' dan l-Att mal-attivitajiet tal-forzi tal-pulizija, in-National Crime Agency u aġenziji oħrajn tal-infurzar tal-liġi".

([210]) Is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet fuq is-setgħat tas-servizzi tal-intelligence huma rregolati wkoll bl-Investigatory Powers Act 2016, li, flimkien mar-Regulation of Investigatory Powers Act 2000 għall-Ingilterra, għal Wales u għall-Irlanda ta' Fuq u mar-Regulation of Investigatory Powers (Scotland) Act 2000 għall-Iskozja, jipprovdu l-bażi ġuridika għall-użu ta' tali setgħat. Madankollu, dawn is-setgħat ma humiex rilevanti fil-kuntest ta' "kondiviżjoni ulterjuri", peress li jkopru l-ġbir direct ta' *data* personali mill-aġenziji tal-intelligence. Għal valutazzjoni tas-setgħat mogħtija lill-aġenziji tal-intelligence skont l-Att dwar is-Setgħat Investigattivi, ara id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' *data* personali mir-Renju Unit C(2021)4800.

l-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-*data* (il-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza ([211]); il-limitazzjoni tal-iskop ([212]); il-minimizzazzjoni tad-*data* ([213]); l-akkuratezza ([214]); il-limitazzjoni ([215]) u s-sigurtà ([216]) tal-ħżin, timponi kundizzjonijiet fuq l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* ([217]), tipprovdi għal drittijiet tas-suġġett tad-*data* ([218]), teħtieġ protezzjoni tad-*data* mid-disinn ([219]) u tirregola t-trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali ([220]).

(130) Fl-istess ħin, it-Taqsima 110 tad-DPA 2018 tipprovdi għal eżenzjoni minn dispożizzjonijiet speċifikati fil-Parti 4 tad-DPA 2018, meta tali eżenzjoni tkun meħtieġa għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali. It-Taqsima 110(2) tad-DPA 2018 telenka d-dispożizzjonijiet li minnhom hija permessa eżenzjoni. Din tinkludi l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* (ħlief il-prinċipju tal-legalità), id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, l-obbligu li l-Kummissarju tal-Informazzjoni jiġi informat dwar ksur tad-*data*, is-setgħat ta' spezzjoni tal-Kummissarju tal-Informazzjoni f'konformità mal-obbligi internazzjonali, uħud mis-setgħat ta' infurzar tal-Kummissarju tal-Informazzjoni, id-dispożizzjonijiet li jagħmlu ċerti tipi ta' ksur tal-protezzjoni tad-*data* reat kriminali, u d-dispożizzjonijiet relatati ma' finijiet speċjali ta' pproċessar, bħal finijiet ġurnalistiċi, akkademiċi jew artistiċi. Din l-eżenzjoni tista' tiġi invokata fuq il-bażi ta' analiżi każ b'każ ([221]). Kif spjegat mill-awtoritajiet tar-Renju Unit u kkonfermat mill-ġurisprudenza tal-qrati tar-Renju Unit, "(a) il-kontrollur jeħtieġlu jqis il-konsegwenzi attwali għas-sigurtà jew għad-difiża nazzjonali li kieku jkollu jikkonforma mad-dispożizzjoni partikolari dwar il-protezzjoni tad-*data*, u jekk ikunx jista' jikkonforma b'mod raġonevoli mar-regola tas-soltu mingħajr ma jaffettwa s-sigurtà jew id-difiża nazzjonali" ([222]). Jekk l-eżenzjoni ntużatx kif xieraq jew le huwa soġġett għas-sorveljanza tal-ICO ([223]).

([211]) Skont it-Taqsima 86(6) tad-DPA 2018, sabiex jiġu ddeterminati l-ġustizzja u t-trasparenza tal-ipproċessar, għandu jiġi kkunsidrat il-metodu li bih tinkiseb id-*data*. F'dan is-sens, ir-rekwiżit ta' ġustizzja u ta' trasparenza jiġi ssodisfat jekk id-*data* tinkiseb minn persuna li tkun awtorizzata legalment jew meħtieġa li tipprovdiha.

([212]) Skont it-Taqsima 87 tad-DPA 2018, il-finijiet tal-ipproċessar iridu jkunu speċifikati, espliċiti u leġittimi. Id-*data* ma tistax tiġi pproċessata b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-finijiet li għalihom tinġabar. Skont it-Taqsima 87(3) ipproċessar ulterjuri kompatibbli tad-*data* personali jista' jkun permess biss jekk il-kontrollur ikun awtorizzat bil-liġi sabiex jipproċessa d-*data* għal dak il-fini u l-ipproċessar ikun meħtieġ u proporzjonat għal dak il-fini l-ieħor. L-ipproċessar jenħtieġ li jitqies bħala kompatibbli jekk l-ipproċessar ikun jikkonsisti minn ipproċessar għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għal finijiet statistiċi, u jkun soġġett għal salvagwardji xierqa (it-Taqsima 87(4) tad-DPA 2018).

([213]) Id-*data* personali trid tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva (it-Taqsima 88 tad-DPA 2018).

([214]) Id-*data* personali trid tkun preċiża u aġġornata (it-Taqsima 89 tad-DPA 2018).

([215]) Id-*data* personali ma tistax tinżamm aktar milli meħtieġ (it-Taqsima 90 tad-DPA 2018).

([216]) Is-sitt prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* huwa li d-*data* personali trid tiġi pproċessata b'mod li jinkludi t-teħid ta' miżuri ta' sigurtà xierqa fir-rigward tar-riskji li jirriżultaw mill-ipproċessar tad-*data* personali. Ir-riskji jinkludu (iżda ma humiex limitati għal) aċċess aċċidentali jew mhux awtorizzat għal *data* personali, jew qerda, telf, użu, modifika jew żvelar ta' tali *data* personali (it-Taqsima 91 tad-DPA 2018). It-Taqsima 107 teħtieġ ukoll li (1) kull kontrollur jeħtieġlu jimplimenta miżuri ta' sigurtà xierqa li jkunu xierqa għar-riskji li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' *data* personali u (2) fil-każ ta' pproċessar awtomatizzat, kull kontrollur u kull proċessur jimplimentaw miżuri preventivi jew mitiganti fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskju.

([217]) It-Taqsima 86(2)(b) u l-Iskeda 10 tad-DPA 2018.

([218]) Il-Kapitolu 3 tal-Parti 4 tad-DPA 2018, b'mod partikolari d-drittijiet: ta' aċċess, ta' rettifika u tħassir, ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar u li ma tkunx soġġetta għal teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, ta' intervent fit-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet u ta' informazzjoni dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet. Barra minn hekk, il-kontrollur jeħtieġlu jagħti lis-suġġett tad-*data* informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu.

([219]) It-Taqsima 103 tad-DPA 2018.

([220]) It-Taqsima 109 tad-DPA 2018. Trasferimenti ta' *data* personali lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew lil pajjiżi barra mir-Renju Unit ikunu possibbli jekk it-trasferiment ikun miżura neċessarja u proporzjonata mwettqa għall-finijiet tal-funzjonijiet statutorji tal-kontrollur, jew għal finijiet oħrajn previsti f'Taqsimiet speċifiċi tas-Security Service Act 1989 u tal-Intelligence Services Act 1994.

([221]) *Ara l-Kawża Baker vs Secretary of State for the Home Department* [2001] UKIT NSA2 ("*Baker vs Secretary of State*").

([222]) UK Explanatory Framework for Adequacy Discussions, it-taqsima H: National Security Data Protection and Investigatory Powers Framework, il-paġni 15 u 16, disponibbli fuq il-link li ġejja https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/872239/H_-_National_Security.pdf. Ara wkoll *Baker vs Secretary of State* (ara n-nota 220 f'qiegħ il-paġna aktar 'il fuq), li fiha t-Tribunal irrevoka ċertifikat tas-sigurtà nazzjonali maħruġ mill-Home Secretary u kkonferma l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni tas-sigurtà nazzjonali, filwaqt li qies li ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex tiġi prevista eċċezzjoni ġenerali fuq l-obbligu li jiġu indirizzati t-talbiet għall-aċċess u li l-permess ta' tali eċċezzjoni fiċ-ċirkostanzi kollha mingħajr analiżi każ b'każ kien imur lil hinn minn dak li kien meħtieġ u proporzjonat għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

([223]) Ara l-MtQ bejn l-ICO u l-UKIC li, skont dan, "Malli l-ICO jirċievi lment mingħand suġġett tad-*data*, l-ICO jkun irid jaċċerta lilu nnifsu li l-kwistjoni tkun ġiet ittrattata b'mod korrett, u, fejn applikabbli, li l-applikazzjoni ta' kwalunkwe eżenzjoni tkun intużat kif xieraq" (Memorandum of Understandings between Information Commission's Office and the United Kingdom Intelligence Community, il-paragrafu 16, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/media/about-the-ico/mou/2617438/uk-intelligence-community-ico-mou.pdf).

(131) Barra minn hekk, fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi ristrett kwalunkwe wieħed mid-drittijiet imsemmija hawn fuq għall-protezzjoni tas-"sigurtà nazzjonali", it-Taqsima 79 tad-DPA 2018 tipprevedi għall-possibilità li kontrollur jista' japplika għal ċertifikat iffirmat minn Ministru tal-Kabinett jew mill-Avukat Ġenerali li jiċċertifika li restrizzjoni ta' tali drittijiet hija, jew fi kwalunkwe waqt kienet, miżura neċessarja u proporzjonata għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali ([224]). Il-gvern tar-Renju Unit ħareġ gwida dwar iċ-ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali skont id-DPA 2018 li tenfasizza b'mod partikolari li kwalunkwe limitazzjoni għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali trid tkun proporzjonata u meħtieġa ([225]). Iċ-ċertifikati kollha tas-sigurtà nazzjonali jridu jkunu ppubblikati fuq is-sit web tal-ICO ([226]).

(132) Iċ-ċertifikat jenħtieġ li jkun għal durata fissa ta' mhux aktar minn ħames snin, b'tali mod li jiġi rrieżaminat regolarment mill-eżekuttiv ([227]). Ċertifikat għandu jidentifika d-*data* personali jew kategoriji ta' *data* personali soġġetti għall-eżenzjoni kif ukoll id-dispożizzjonijiet tad-DPA 2018 li għalihom tapplika l-eżenzjoni ([228]).

(133) Importanti li jkun innutat li ċ-ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali ma jipprovdix raġuni addizzjonali biex jirrestriġi d-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali. Fi kliem ieħor, il-kontrollur jew il-proċessur jista' jibbaża biss fuq ċertifikat meta jkun ikkonkluda li jkun meħtieġ li wieħed jibbaża fuq l-eżenzjoni tas-sigurtà nazzjonali, li trid tiġi applikata fuq bażi ta' każ b'każ. Anki jekk ċertifikat tas-sigurtà nazzjonali jkun japplika għall-kwistjoni inkwistjoni, l-ICO jista' jinvestiga jekk id-dipendenza fuq l-eżenzjoni mis-sigurtà nazzjonali kinitx iġġustifikata f'każ speċifiku ([229]).

(134) Kwalunkwe persuna affettwata direttament mill-ħruġ taċ-ċertifikat tista' tappella quddiem l-Upper Tribunal ([230]) kontra ċ-ċertifikat ([231]) jew, meta ċ-ċertifikat jidentifika *data* permezz ta' deskrizzjoni ġenerali, tikkontesta l-applikazzjoni taċ-ċertifikat għal *data* speċifika ([232]).

(135) It-tribunal jistħarreġ id-deċiżjoni li jinħareġ ċertifikat u jiddeċiedi jekk kienx hemm motivazzjonijiet raġonevoli għall-ħruġ taċ-ċertifikat ([233]). Jista' jikkunsidra firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi n-neċessità, il-proporzjonalità u l-legalità, filwaqt li jqis l-impatt fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u jibbilanċja l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà nazzjonali. B'riżultat ta' dan, it-tribunal jista' jiddetermina li ċ-ċertifikat ma japplikax għal *data* personali speċifika li hija s-suġġett tal-appell ([234]).

([224]) Id-DPA 2018 ħassret il-possibilità li jinħarġu ċertifikat skont it-Taqsima 28(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-1998. Madankollu, il-possibilità li jinħarġu "ċertifikati qodma" għadha teżisti sal-punt li hemm sfida storika skont l-Att tal-1998 (ara l-paragrfu 17 tal- Parti 5 tal-Iskeda 20 tad-DPA 2018). Madankollu, din il-possibilità tidher rari ħafna u se tapplika biex f'każijiet limitati ħafna, bħal pereżempju, fejn is-suġġett tad-*data* jġib sfidi dwar l-użu ta' eżenzjoni għal sigurtà nazzjonali fir-rigward tal-ipproċessar min awtorità pubblika li wettqet l-ipproċessar tagħha skont l-Att tal-1998. Għandu jkun innutat li dawn il-każijiet, it-Taqsima 28 tad-DPA 1998 se tapplika fl-intier tagħha, inkluż għalhekk il-possibilità għas-suġġett tad-*data* biex jisfida ċ-ċertifikat. Bħalissa ma hemm l-ebda ċertifikat tas-sigurtà nazzjonali skont id-DPA 1998.

([225]) United Kingdom Government Guidance on National Security Certificates under the Data Protection Act 2018, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/910279/Data_Protection_Act_2018_-_National_Security_Certificates_Guidance.pdf

([226]) Skont it-Taqsima 130 tad-DPA 2018, l-ICO jista' jiddeċiedi li ma jippubblikax it-test taċ-ċertifikat jew parti minnu, jekk ikun kontra l-interess tas-sigurtà nazzjonali jew ikun kontra l-interess pubbliku jew jista' jitfa' f'riskju is-sikurezza ta' xi persuna. Madankollu, f'dawn il-każijiet l-ICO jippubblika l-fatt li ċ-ċertifikat inħareġ.

([227]) United Kingdom Government Guidance on National Security Certificates, il-paragrafu 15, ara n-nota 224 f'qiegħ il-paġna.

([228]) United Kingdom Government Guidance on National Security Certificates, il-paragrafu 5, nota 224 f'qiegħ il-paġna.

([229]) It-Taqsima 102 tad-DPA 2018 teħtieġ li l-kontrollur ikun f'pożizzjoni li juri li huwa kkonforma mad-DPA 2018. Dan jimplika li servizz tal-intelligence jkun jeħtieġ juri lill-ICO li meta jkun qed jiddependi fuq l-eżenzjoni, ikun ikkunsidra ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ. L-ICO jippubblika wkoll rekord taċ-ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali, li huwa disponibbli fuq il-link li ġejja: hija disponibbli fuq il-link li ġejja: https://ico.org.uk/about-the-ico/our-information/national-security-certificates/.

([230]) L-Upper Tribunal huwa l-qorti kompetenti sabiex tisma' appelli kontra deċiżjonijiet meħuda minn tribunali amministrattivi inferjuri u għandu kompetenza speċifika għal appelli diretti kontra deċiżjonijiet ta' ċerti korpi tal-gvern.

([231]) It-Taqsima 111(3) tad-DPA 2018.

([232]) It-Taqsima 111(5) tad-DPA 2018.

([233]) Fil-kawża *Baker vs Secretary of State* (ara n-nota 220 f'qiegħ il-paġna), it-Tribunal tal-informazzjoni rrevoka ċertifikat tas-sigurtà nazzjonali maħruġ mill-Home Secretary, filwaqt li tqies li ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex tiġi prevista eċċezzjoni ġenerali fuq l-obbligu li jiġu indirizzati t-talbiet għall-aċċess u li l-permess ta' tali eċċezzjoni f'kull ċirkostanza mingħajr analiżi każ b'każ kien imur lil hinn minn dak li kien meħtieġ u proporzjonat għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

([234]) United Kingdom Government Guidance on National Security Certificates, il-paragrafu 25, nota 224 f'qiegħ il-paġna.

(136) Sett differenti ta' restrizzjonijiet possibbli jikkonċerna dawk li japplikaw, taħt l-Iskeda 11 tad-DPA 2018, għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Parti 4 tad-DPA 2018 ([235]) sabiex jissalvagwardjaw objettivi importanti oħrajn ta' interess pubbliku ġenerali jew interessi protetti bħal, pereżempju, il-privileġġ parlamentari, il-privileġġ professjonali legali, it-tmexxija ta' proċedimenti ġudizzjarji jew l-effettività tal-kombattiment tal-forzi armati. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija jew eżentata għal ċerti kategoriji ta' informazzjoni ("fuq il-bażi tal-klassi"), jew eżentata fejn l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet x'aktarx li tippreġudika l-interess protett ("fuq il-bażi tal-preġudizzju") ([236]). L-eżenzjonijiet ibbażati fuq il-preġudizzju jistgħu jiġu invokati biss sa fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* elenkata x'aktarx li tippreġudika l-interess speċifiku inkwistjoni. Għalhekk, l-użu ta' eżenzjoni dejjem irid ikun iġġustifikat billi ssir referenza għall-preġudizzju rilevanti li x'aktarx iseħħ fil-każ individwali. L-eżenzjonijiet fuq il-bażi tal-klassi jistgħu jiġu invokati biss fir-rigward tal-kategorija speċifika u ddefinita b'mod ristrett ta' informazzjoni li għaliha tingħata l-eżenzjoni. Dawn huma simili fl-iskop u fl-effett għal diversi eċċezzjonijiet għall-GDPR tar-Renju Unit (taħt l-Iskeda 2 tad-DPA 2018) li, min-naħa tagħhom, jirriflettu dawk previsti fl-Artikolu 23 tal-GDPR.

(137) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li l-limitazzjoni u l-kundizzjonijiet huma fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli tar-Renju Unit, kif interpretati wkoll mill-qrati u mill-Information Commission, sabiex jiġi żgurat li dawn l-eżenzjonijiet u r-restrizzjonijiet jibqgħu fil-limiti ta' dak li jkun meħtieġ u proporzjonat sabiex tiġi protetta s-sigurtà nazzjonali.

(138) L-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq mis-servizzi tal-intelligence skont il-Parti 4 tad-DPA 2018 huwa ssorveljat mill-Kummissarju tal-Informazzjoni ([237]).

(139) Il-funzjonijiet ġenerali tal-Kummissarju tal-Informazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mis-servizzi tal-intelligence skont il-Parti 4 tad-DPA 2018 huma stabbiliti fl-Iskeda 13 tad-DPA 2018. Il-kompiti jinkludu, b'mod partikolari, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-Parti 4 tad-DPA 2018, il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, l-għoti ta' pariri lill-Parlament, lill-gvern u lil istituzzjonijiet oħrajn dwar miżuri leġiżlattivi u amministrattivi, il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni tal-kontrolluri u tal-proċessuri dwar l-obbligi tagħhom, l-għoti ta' informazzjoni lil suġġett tad-*data* dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, u t-twettiq ta' investigazzjonijiet, iżda ma humiex limitati għal dawn

(140) Il-Kummissarju, bħal fil-Parti 3 tad-DPA 2018, għandu s-setgħa li jinnotifika lill-kontrolluri dwar ksur allegat u li joħroġ twissijiet li l-ipproċessar x'aktarx jikser ir-regoli, u li joħroġ ċanfiriet meta jiġi kkonfermat il-ksur. Jista' joħroġ ukoll avviżi ta' infurzar u ta' penali għall-ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-att ([238]). Madankollu, b'mod differenti minn kif jiġri għal partijiet oħra tad-DPA 2018, il-Kummissarju ma jistax jagħti avviż ta' valutazzjoni għas-sigurtà nazzjonali ([239]).

(141) Barra minn hekk, it-Taqsima 110 tad-DPA 2018 tipprovdi eċċezzjoni għall-użu ta' ċerti setgħat tal-Kummissarju meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet tas-salvagwardar tas-sigurtà nazzjonali. Dawn jinkludu s-setgħa tal-Kummissarju li joħroġ (kwalunkwe tip ta') avviżi skont id-DPA (avviżi ta' informazzjoni, ta' valutazzjoni, ta' infurzar

([235]) Din tinkludi: (i) il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* tal-Parti 4, ħlief għal-legalità tar-rekwiżit ta' pproċessar skont l-ewwel prinċipju u l-fatt li l-ipproċessar irid jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Iskedi 9 u 10; (ii) id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*; u (iii) id-dmirijiet relatati mar-rapportar ta' ksur lill-ICO.

([236]) Skont il-UK Explanatory Framework, l-eċċezzjonijiet li huma "fuq il-bażi tal-klassi" huma: (i) l-informazzjoni dwar l-għoti ta' unuri u ta' dinjitajiet tal-Kuruna; (ii) il-privileġġ professjonali legali; (iii) ir-referenzi kunfidenzjali għall-impjieg, għat-tahriġ jew għall-edukazzjoni; u (iv) il-karti u l-marki tal-eżamijiet. L-eċċezzjonijiet "fuq il-bażi tal-preġudizzju" jikkonċernaw il-kwistjonijiet li ġejjin: (i) il-prevenzjoni jew id-detezzjoni ta' delitti; il-qbid u l-prosekuzzjoni tal-awturi ta' reati; (ii) il-privileġġ parlamentari; (iii) il-proċedimenti ġudizzjarji; (iv) l-effettività tal-kombattiment tal-forzi armati tal-Kuruna; (v) il-benesseri ekonomiku tar-Renju Unit; (vi) in-negozjati mas-suġġett tad-*data*; (vii) ir-riċerka xjentifika jew storika, jew għal skopijiet statistiċi; (viii) l-arkivjar fl-interess pubbliku. UK Explanatory Framework for Adequacy Discussions, it-taqsima H: National Security, paġna 13, ara n-nota 222f'qiegħ il-paġna.

([237]) It-Taqsima 116 tad-DPA 2018.

([238]) Skont it-Taqsima 149(2) u t-Taqsima 155 tad-DPA 2018 moqrija flimkien, l-avviżi ta' infurzar u ta' penali jistgħu jinħarġu lil kontrollur jew lil proċessur fir-rigward ta' ksur tal-Kapitolu 2 tal-Parti 4 tad-DPA 2018 (prinċipji ta' pproċessar), ta' dispożizzjoni tal-Parti 4 tad-DPA 2018 li tagħti drittijiet lil suġġett tad-*data*, ta' rekwiżit li jiġi kkomunikat ksur ta' *data* personali lill-Kummissarju skont it-Taqsima 108 tad-DPA 2018, u tal-prinċipji għat-trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, lil pajjiżi mhux tal-Konvenzjoni u lil organizzazzjonijiet internazzjonali fit-Taqsima 109 tad-DPA 2018. (Għal aktar dettalji dwar l-avviż ta' infurzar u ta' penali, ara l-premessi (102) sa (103)).

([239]) Skont it-Taqsima 147(6) tad-DPA 2018, il-Kummissarju tal-Informazzjoni ma jistax jagħti avviż ta' valutazzjoni lil korp speċifikat fit-Taqsima 23(3) tal-Freedom of Information Act 2000. Dan jinkludi s-Security Service (MI5), is-Secret Intelligence Service (MI6) u l-Government Communications Headquarter.

u ta' penali), is-setgħa li jwettaq spezzjonijiet f'konformità mal-obbligi internazzjonali, is-setgħat ta' dħul u ta' spezzjoni, u r-regoli dwar ir-reati ([240]). Kif spjegat fil-premessa (136), dawn l-eċċezzjonijiet japplikaw biss jekk ikunu meħtieġa u proporzjonati u fuq bażi ta' każ b'każ. L-applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet titsa' tkun suġġetta għal rieżami ġudizzjarju ([241]).

(142) L-ICO u s-servizzi tal-intelligence tar-Renju Unit iffirmaw Memorandum ta' Qbil ([242]) li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni f'numru ta' oqsma, inklużi notifiki ta' ksur tad-*data* u l-immaniġġjar tal-ilmenti tas-suġġetti tad-*data*. B'mod partikolari, dan jipprovdi li malli jirċievi lment, l-ICO jivvaluta jekk ġietx invokata kif xieraq kwalunkwe eżenzjoni tas-sigurtà nazzjonali. It-tweġibiet għad-domandi magħmula mill-ICO fil-kuntest tal-eżaminazzjoni tal-ilmenti individwali jridu jingħataw fi żmien 20 jum ta' xogħol skont il-Guide on National Security Certificates under the Data Protection Act tal-Gvern tar-Renju Unit, bl-użu tal-kanali siguri xierqa jekk tkun involuta informazzjoni klassifikata. Minn April 2018 sal-lum, l-ICO rċieva 21 ilment mingħand individwi dwar is-servizzi tal-intelligence. Kull ilment ġie vvalutat u l-eżitu ġie kkomunikat lis-suġġett tad-*data* ([243]).

(143) Barra minn hekk, l-Intelligence and Security Committee (ISC) iwettaq sorveljanza parlamentari fuq l-ipproċessar tad-*data* minn aġenziji tal-intelligence. Dan il-Kumitat għandu l-bażi statutorja tiegħu fil-Justice and Security Act 2013 (JSA 2013) ([244]). L-Att jistabbilixxi l-ISC bħala kumitat tal-Parlament tar-Renju Unit. L-ISC jikkonsisti f'membri li jappartjenu għal waħda mill-Kmamar tal-Parlament u maħtura mill-Prim Ministru wara li jikkonsulta lill-kap tal-oppożizzjoni ([245]). L-ISC huwa meħtieġ jagħmel rapport annwali lill-Parlament dwar l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha u rapporti oħra li huwa jqis xierqa ([246]).

(144) Mill-2013, l-ISC ingħata setgħat akbar inkluża s-sorveljanza ta' attivitajiet operazzjonali tas-servizzi tas-sigurtà. Skont it-Taqsima 2 tal-JSA 2013, l-ISC għandu l-kompitu li jissorvelja n-nefqa, l-amministrazzjoni, il-politika u l-operazzjonijiet tal-aġenziji tas-sigurtà nazzjonali. Il-JSA 2013 jispeċifika li l-ISC jista' jwettaq investigazzjonijiet

([240]) Id-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu eżentati huma: it-Taqsima 108 (komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lill-Kummissarju), it-Taqsima 119 (spezzjoni f'konformità mal-obbligi internazzjonali); it-Taqsimiet 142 sa 154 u l-Iskeda 15 (avviżi tal-Kummissarju u s-setgħat ta' dħul u ta' spezzjoni); u t-Taqsimiet 170 sa 173 (reati relatati mad-*data* personali). Barra minn hekk, fir-rigward tal-ipproċessar mis-servizzi tal-intelligence fl-Iskeda 13 (funzjonijiet ġenerali oħrajn tal-Kummissarju), il-paragrafi 1(a) u (g) u 2.

([241]) Ara pereżempju il-Kawża *Baker v Secretary of State for the Home Department* (ara n-nota 221 f'qiegħ il-paġna)

([242]) Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-ICO u l-Komunità tal-Intelligence tar-Renju Unit, ara n-nota 231 f'qiegħ il-paġna.

([243]) F'sebgħa minn dawn il-każijiet, l-ICO ta parir lill-ilmentatur sabiex iqajjem it-tħassib tiegħu mal-kontrollur tad-*data* (dan ikun il-każ meta individwu jkun qajjem it-tħassib ma-ICO, iżda l-ewwel ikun missu qajjem it-tħassib mal-kontrollur tad-*data*), f'wieħed minn dawn il-każijiet, l-ICO pprovda parir ġenerali lill-kontrollur tad-*data* (dan jintuża meta l-azzjonijiet tal-kontrollur ma jidhrux li kisru l-leġiżlazzjoni, iżda titjib tal-prattiki seta' jevita li jitqajjem tħassib mal-ICO), u fit-13-il każ l-oħrajn, ma kienet meħtieġa l-ebda azzjoni mill-kontrollur tad-*data* (dan jintuża meta t-tħassib imqajjem mill-individwu jaqa' taħt id-Data Protection Act 2018 minħabba li jikkonċerna l-ipproċessar ta' informazzjoni personali, iżda fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta, il-kontrollur ma jkunx deher li kiser il-leġiżlazzjoni).

([244]) Kif spjegat mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, il-JSA espanda l-mandat tal-ISC sabiex jinkludi rwol fis-sorveljanza tal-komunità tal-intelligence lil hinn mit-tliet aġenziji u jippermetti sorveljanza retrospettiva tal-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenziji fi kwistjonijiet ta' interess nazzjonali sinifikanti.

([245]) It-Taqsima 1 tal-JSA 2013. Il-Ministri ma humiex eliġibbli sabiex isiru membri. Il-membri jżommu l-kariga tagħhom fl-ISC għad-durata tal-mandat tal-Parlament li matulu jinħatru. Dawn jistgħu jitneħħew permezz ta' riżoluzzjoni tal-Kamra li permezz tagħha jkunu nħatru, jew jekk ma jibqgħux MP, jew jekk isiru Ministru. Membru jista' wkoll jirriżenja.

([246]) Ir-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-Kumitat huma disponibbli online fuq il-link li ġejja: http://isc.independent.gov.uk/committee-reports. Fl-2015 l-ISC ħareġ rapport dwar "Privacy and Security: A modern and transparent legal framework" (ara: https://b1cba9b3-a-5e6631fd-s-sites.googlegroups.com/a/independent.gov.uk/isc/files/20150312_ISC_P%2BS%2BRpt%28web%29.pdf) li fih qies il-qafas legali għat-tekniki ta' sorveljanza użati mill-aġenziji tal-intelligence u ħareġ serje ta' rakkomandazzjonijiet li mbagħad ġew ikkunsidrati u integrati fl-abbozz tal-Investigatory Powers Bill li ġie kkonvertit f'liġi, l-IPA 2016. It-tweġiba tal-gvern għar-rapport Privacy and Security hija disponibbli fuq il-link li ġejja: https://b1cba9b3-a-5e6631fd-s-sites.googlegroups.com/a/independent.gov.uk/isc/files/20151208_Privacy_and_Security_Government_Response.pdf

dwar kwistjonijiet operazzjonali meta dawn ma jkunux relatati ma' operazzjonijiet kontinwi ([247]). Il-Memorandum ta' Qbil miftiehem bejn il-Prim Ministru u l-ISC ([248]) jispeċifika fid-dettall l-elementi li għandhom jitqiesu meta jiġi kkunsidrat jekk attività tkunx parti minn xi operazzjoni li tkun għaddejja ([249]). L-ISC jista' jintalab ukoll jinvestiga operazzjonijiet li għadhom għaddejjin mill-Prim Ministru u jista' jirrieżamina l-informazzjoni pprovduta b'mod volontarju mill-aġenziji.

(145) Skont l-Iskeda 1 tal-JSA 2013, l-ISC jista' jitlob lill-kapijiet ta' kwalunkwe wieħed mit-tliet servizzi tal-intelligence sabiex jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni. L-aġenzija jeħtiġilha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli, sakemm is-Secretary of State ma jimponix il-veto tiegħu ([250]). L-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li fil-prattika ftit li xejn tinżamm informazzjoni mill-ISC ([251]).

(146) Fir-rigward tar-rimedju, l-ewwel nett, taħt it-taqsima 165 (2) tad-DPA 2018, suġġett tad-*data* jista' jressaq ilment quddiem l-ICO jekk huwa jemmen li, b'rabta mad-*data* personali relatata miegħu, ikun seħħ ksur tal-Parti 4 tad-DPA 2018, inkluż kwalunkwe użu abbużiv tad-derogi u tar-restrizzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali.

(147) Barra minn hekk, skont il-Parti 4 tad-DPA 2018, l-individwi huma intitolati jitolbu lill-High Court (jew lill-Court of Session fl-Iskozja) għal ordni li teħtieġ li l-kontrollur jikkonforma mad-drittijiet ta' aċċess għad-*data* ([252]), ta' oġġezzjonar għall-ipproċessar ([253]) u ta' rettifika jew ta' tħassir.

(148) L-individwi huma intitolati wkoll li jfittxu kumpens għal dannu mġarrab minħabba ksur ta' rekwiżit tal-Parti 4 tad-DPA 2018 mill-kontrollur jew minn proċessur ([254]). Id-dannu jinkludi kemm telf finanzjarju kif ukoll dannu li ma jinvolvux telf finanzjarju, bħal tbatija ([255]).

(149) Fl-aħħar nett, individwu jista' jippreżenta lment quddiem l-Investigatory Powers Tribunal għal kwalunkwe mġiba minn jew f'isem l-aġenziji tal-intelligence tar-Renju Unit ([256]). L-Investigatory Powers Tribunal (IPT) huwa stabbilit bir-Regulation of Investigatory Powers Act 2000 għall-Ingilterra, għal Wales u għall-Irlanda ta' Fuq u bir-Regulation of Investigatory Powers (Scotland) Act 2000 għall-Iskozja (RIPA 2000) u huwa indipendenti mill-eżekuttiv ([257]). F'konformità mat-Taqsima 65 tal-RIPA 2000, il-membri tal-IPT jinħatru mill-Maestà Tagħha għal perjodu ta' ħames snin.

(150) Membru tat-Tribunal jista' jitneħħa mill-kariga mill-Maestà Tagħha fuq Indirizz ([258]) miż-żewġt Ikmamar tal-Parlament ([259]).

(151) Sabiex jiftaħ kawża quddiem l-IPT ("rekwiżit ta' *locus standi*"), skont it-Taqsima 65 tal-RIPA 2000, individwu jrid jemmen (i) li l-imġiba ta' servizz tal-intelligence tkun saret fir-rigward tiegħu, ta' kwalunkwe proprjetà tiegħu, ta' kwalunkwe komunikazzjoni mibgħuta minnu jew lilu, jew maħsuba għalih, jew tal-użu tiegħu ta' kwalunkwe servizz postali, servizz ta' telekomunikazzjoni jew sistema ta' telekomunikazzjoni ([260]), u (ii) li l-imġiba saret

([247]) It-Taqsima 2 tal-JSA 2013.
([248]) Il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Prim Ministru u l-ISC, disponibbli fuq il-link li ġejja: http://data.parliament.uk/DepositedPapers/Files/DEP2013-0415/AnnexA-JSBill-summaryofISCMoU.pdf
([249]) Il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Prim Ministru u l-ISC, il-paragrafu 14, ara n-nota 248 f'qiegħ il-paġna.
([250]) Is-Secretary of State jista' juża veto għall-iżvelar ta' informazzjoni għal żewġ raġunijiet biss: l-informazzjoni tkun sensittiva u jenħtieġ li ma tiġix żvelata lill-ISC fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali; jew hija informazzjoni ta' tali natura li, jekk is-Secretary of State jkun intalab jipproduċiha quddiem Kumitat Magħżul Dipartimentali tal-House of Commons, is-Secretary of State jikkunsidra (għal raġunijiet mhux limitati għas-sigurtà nazzjonali) li jkun xieraq li ma jagħmilx dan. (Il-paragrafu 4(2) tal-Iskeda 1 tal-JSA 2013).
([251]) UK Explanatory Framework – it-Taqsima H: National Security, p. 43.
([252]) It-Taqsima 94(11) tad-DPA 2018.
([253]) It-Taqsima 99(4) tad-DPA 2018.
([254]) It-Taqsima 169 tad-DPA 2018, li tippermetti talbiet minn "Persuna li ssofri dannu minħabba ksur ta' rekwiżit tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*."
([255]) It-Taqsima 169(5) tad-DPA 2018.
([256]) Ara t-Taqsima 65(2)(b) tal-RIPA.
([257]) Skont l-Iskeda 3 tal-RIPA 2000, il-membri jeħtiġilhom ikollhom esperjenza ġudizzjarja speċifikata u huma eliġibbli li jerġgħu jinħatru.
([258]) Dwar il-kunċett ta' "Indirizz", ara n-nota 182 f'qiegħ il-paġna.
([259]) Il-Paragrafu 1(5) tal-Iskeda 3 tal-RIPA 2000.
([260]) It-Taqsima 65(4) tal-RIPA 2000.

f'"ċirkustanzi kontestabbli" ([261]) jew "twettqet minn jew f'isem is-servizzi tal-intelligence ([262]). Peress li, b'mod partikolari, dan l-istandard ta' "twemmin" ġie interpretat b'mod pjuttost wiesa' ([263]), il-ftuħ ta' kawża quddiem it-Tribunal huwa soġġett għal rekwiżiti relattivament baxxi ta' *locus standi*.

(152) Meta t-Tribunal jikkunsidra lment li jkun sarlu, huwa d-dmir tat-Tribunal li jinvestiga jekk il-persuni li kontrihom issir xi allegazzjoni fl-ilment kinux involuti b'rabta mal-ilmentatur kif ukoll li jinvestiga l-awtorità li allegatament kienet involuta fil-ksur u jekk l-allegata mġiba seħħitx jew le ([264]). Meta t-Tribunal jisma' kwalunkwe proċediment, huwa jrid japplika l-istess prinċipji sabiex jagħmel id-determinazzjoni tiegħu f'dawk il-proċedimenti kif ikunu applikati minn qorti f'talba għal stħarriġ ġudizzjarju ([265]).

(153) It-Tribunal jeħtieġlu jinnotifika lill-ilmentatur jekk saritx determinazzjoni favurih jew le ([266]). Skont it-Taqsima 67(6) u (7) tal-RIPA 2000, it-Tribunal għandu s-setgħa li joħroġ ordnijiet *interim* u li jipprovdi kwalunkwe tali għoti ta' kumpens jew ordni oħra kif iqis li jkun xieraq ([267]). Skont it-Taqsima 67 A tal-RIPA 2000, determinazzjoni tat-Tribunal tista' tiġi appellata, soġġetta għall-awtorizzazzjoni mogħtija mit-Tribunal jew mill-qorti tal-appell rilevanti.

(154) B'mod partikolari, l-individwi jistgħu jippreżentaw talba – u jiksbu rimedju – quddiem l-IPT f'każ li jqisu li awtorità pubblika tkun aġixxiet (jew tipproponi li taġixxi) b'mod li ma jkunx kompatibbli mad-drittijiet tal-KEDB, inkluż id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*, u konsegwentement ikun illegali skont it-Taqsima 6(1) tal-Human Rights Act 1998. L-IPT li ngħata ġurisdizzjoni esklużiva għat-talbiet kollha relatati mal-Human Rights Act fir-rigward tal-aġenziji tal-intelligence. Dan ifisser, kif ġie nnutat mill-High Court, "jekk kienx hemm ksur tal-HRA skont il-fatti ta' każ partikolari hija xi ħaġa li fil-prinċipju tista' titqajjem u tiġi aġġudikata minn tribunal indipendenti li jista' jkollu aċċess għall-materjal rilevanti kollu, inkluż materjal sigriet. […] F'dan il-kuntest, inqisu wkoll li l-IPT innifsu issa huwa soġġett għall-possibbiltà ta' appell quddiem qorti tal-appell xierqa (fl-Ingilterra u f'Wales, din tkun il-Qorti tal-Appell); u li s-Supreme Court riċentement iddeċidiet li l-IPT fil-prinċipju jista' jkun soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju: ara R (Privacy International) vs Investigatory Powers Tribunal [2019] UKSC 22; [2019] 2 WLR 1219" ([268]). Jekk l-IPT isib li xi att ta' awtorità pubblika jkun illegali, huwa jista' jagħti tali kumpens jew rimedju, jew jagħmel tali ordni, fis-setgħat tiegħu kif iqis li jkun ġust u xieraq ([269]).

([261]) Dawn iċ-ċirkustanzi jirreferu għall-imġiba tal-awtoritajiet pubbliċi li seħħ b'awtorità (eż. mandat, awtorizzazzjoni/avviż għall-akkwist ta' komunikazzjonijiet, eċċ.), jew jekk iċ-ċirkustanzi jkunu tali li (kemm jekk ikun hemm tali awtorità kif ukoll jekk le) ma kienx ikun xieraq li l-imġiba seħħ minħajrha, jew tal-anqas minħajr ma tkun ingħatat kunsiderazzjoni xierqa għal jekk jenħtieġx li titfittex din l-awtorità. L-imġiba awtorizzata minn Kummissarju Ġudizzjarju titqies li seħħet f'ċirkustanzi kontestabbli (it-Taqsima 65 (7ZA) tal-RIPA 2000) filwaqt li mġibiet oħrajn li jseħħu bil-permess ta' persuna li jkollha kariga ġudizzjarja titqies li ma saritx f'ċirkustanzi kontestabbli (it-Taqsima 65(7) u (8) tal-RIPA 2000).

([262]) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, il-limitu baxx sabiex isir ilment jiddetermina li ma huwiex rari li l-investigazzjoni tat-Tribunal tiddetermina li l-ilmentatur fil-fatt qatt ma kien soġġett għal investigazzjoni minn awtorità pubblika. L-aħħar Rapport Statistiku tal-IPT jispeċifika li fl-2016 it-Tribunal irċieva 209 ilmenti, 52 % ta' dawk tqiesu bħala frivoli jew vessatorji u 25 % irċivew eżitu ta' "ebda determinazzjoni". L-awtoritajiet tar-Renju Unit spjegaw li dan ifisser li ma ntużat l-ebda attività/setgħa moħbija fir-rigward tal-ilmentatur, jew li ntużaw tekniki moħbija u t-Tribunal iddetermina li l-attività kienet legali. Barra minn hekk, 11 % ġew esklużi mill-ġurisdizzjoni, irtirati jew ma kinux validi, 5 % ġew esklużi biż-żmien u 7 % ġew aġġudikati favur l-ilmentatur. Rapport Statistiku tal-Investigatory Powers Tribunal 2016, disponibbli fuq il-link li ġejja: https://www.ipt-uk.com/docs/IPT%20Statisical%20Report%202016.pdf

([263]) Ara l-Kawża *Human Rights Watch vs Secretary of State* [2016] UKIPTrib15_165-CH.F'din il-kawża, l-IPT, billi rrefera għall-ġurisprudenza tal-QEDB, iddikjara li t-test xieraq fir-rigward tat-twemmin li kwalunkwe mġiba li taqa' taħt is-Subtaqsima 68(5) tal-RIPA 2000 twettqet minn jew f'isem xi wieħed mis-servizzi tal-intelligence huwa jekk hemmx xi bażi għal tali twemmin, inkluż il-fatt li individwu jista' jitlob li jkun vittma ta' ksur ikkawżat mis-sempliċi eżistenza ta' miżuri sigrieti jew ta' leġiżlazzjoni li tippermetti miżuri sigrieti, biss jekk ikun jista' juri li minħabba s-sitwazzjoni personali tiegħu, huwa potenzjalment jinsab f'riskju li jkun soġġett għal tali miżuri (ara *Human Rights Watch vs Secretary of State*, il-punt 41).

([264]) It-Taqsima 67(3) tal-RIPA 2000.

([265]) It-Taqsima 67(2) tal-RIPA 2000.

([266]) It-Taqsima 68(4) tal-RIPA 2000.

([267]) Din tista' tinkludi ordni li teħtieġ il-qerda ta' kwalunkwe rekord ta' informazzjoni miżmuma minn kwalunkwe awtorità pubblika fir-rigward ta' kwalunkwe persuna.

([268]) High Court of Justice, *Liberty*, [2019] EWHC 2057 (Admin), il-punt 170.

([269]) It-Taqsima 8(1) tal-Human Rights Act 1998.

(155) Wara li jeżawrixxi r-rimedji nazzjonali, individwu jista' jikseb rimedju quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għal ksur tad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, inkluż id-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*.

(156) Minn dan ta' hawn fuq isegwi li l-kondiviżjoni ta' *data* ttrasferita skont din id-Deċiżjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tad-dritt penali tar-Renju Unit ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn, inklużi aġenziji tal-intelligence, tista' ssir fid-dawl tal-limitazzjonijiet u tal-kundizzjonijiet li jiżguraw li tali kondiviżjoni ulterjuri tkun meħtieġa u proporzjonata u soġġetta għal salvagwardji speċifiċi tal-protezzjoni tad-*data* skont id-DPA 2018. Barra minn hekk, l-ipproċessar tad-*data* mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati huwa ssorveljat minn korpi indipendenti u l-individwi affettwati għandhom aċċess għal rimedji ġudizzjarji effettivi.

3. **KONKLUŻJONI**

(157) Il-Kummissjoni tqis li l-Parti 3 tad-DPA 2018 tiżgura livell ta' protezzjoni għal *data* personali ttrasferita għall-finijiet ta' infurzar tad-dritt penali minn awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni lil awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit li huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit mid-Direttiva (UE) 2016/680.

(158) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, b'mod kumplessiv, il-mekkaniżmi ta' sorveljanza u l-mezzi ta' rimedju fid-dritt tar-Renju Unit jippermettu li l-ksur jiġi identifikat u ssanzjonat fil-prattika u joffru rimedji legali lis-suġġett tad-*data* sabiex jikseb aċċess għad-*data* personali relatata miegħu u, eventwalment, ir-rettifika jew it-tħassir tat-tali *data*.

(159) Fl-aħħar nett, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli dwar l-ordinament ġuridiku tar-Renju Unit, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe interferenza mad-drittijiet fundamentali tal-individwi li d-*data* personali tagħhom tiġi ttrasferita mill-Unjoni Ewropea lir-Renju Unit mill-awtoritajiet pubbliċi tar-Renju Unit għall-finijiet ta' interess pubbliku, inkluż fil-kuntest tal-kondiviżjoni ta' *data* personali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet pubbliċi oħrajn bħall-korpi tas-sigurtà nazzjonali, se tkun limitata għal dik li hija strettament meħtieġa sabiex jintlaħaq l-objettiv leġittimu inkwistjoni, u li teżisti protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenza.

(160) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi deċiż li r-Renju Unit jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 36(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680, interpretat fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

(161) Din il-konklużjoni hija bbażata kemm fuq ir-reġim domestiku rilevanti tar-Renju Unit kif ukoll fuq l-impenji internazzjonali tiegħu, b'mod partikolari fuq l-aderenza għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fuq is-sottomissjoni għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, l-aderenza kontinwa għat-tali obbligi internazzjonali hija element partikolarment importanti tal-valutazzjoni li fuqha hija bbażata din id-Deċiżjoni.

4. **EFFETTI TA' DIN ID-DEĊIŻJONI U AZZJONI TAL-AWTORITAJIET TAL-PROTEZZJONI TAD-*DATA***

(162) L-Istati Membri u l-organi tagħhom huma meħtieġa jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, peress li dawn tal-aħħar huma preżunti li huma legali u, għalhekk, jipproduċu effetti legali sakemm jiskadu, jiġu rtirati, annullati f'rikors għal annullament jew iddikjarati invalidi wara rinviju għal deċiżjoni preliminari jew għal eċċezzjoni ta' illeġittimità.

(163) Konsegwentement, deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni adottata skont l-Artikolu 36(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680 hija vinkolanti fuq l-organi kollha tal-Istati Membri li lilhom hija indirizzata, inklużi l-awtoritajiet superviżorji indipendenti tagħhom. B'mod partikolari, matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, it-trasferimenti minn kontrollur jew minn proċessur fl-Unjoni lil kontrolluri jew lil proċessuri fir-Renju Unit jistgħu jseħħu mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb xi awtorizzazzjoni ulterjuri.

(164) Fl-istess ħin, jenħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 47(5) tad-Direttiva (UE) 2016/680, u kif spjegat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Schrems*, meta awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* tiddubita, inkluż wara lment, mill-kompatibbiltà ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni mad-drittijiet fundamentali tal-individwu għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*, id-dritt nazzjonali jrid jipprovdiha b'rimedju legali sabiex tippreżenta dawk l-oġġezzjonijiet quddiem qorti nazzjonali, li tista' tkun meħtieġa tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ([270]).

([270]) *Schrems*, il-punt 65.

5. **MONITORAĠĠ, SOSPENSJONI, TĦASSIR JEW EMENDA TA' DIN ID-DEĊIŻJONI**

(165) Skont l-Artikolu 36(4) tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-Kummissjoni għandha timmonitorja, fuq bażi kontinwa, l-iżviluppi rilevanti fir-Renju Unit wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni sabiex tivvaluta jekk jibqax jiżgura livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti. Dan il-monitoraġġ huwa partikolarment importanti f'dan il-każ, peress li r-Renju Unit se jkun qed jamministra, japplika u jeżegwixxi reġim ġdid ta' protezzjoni tad-*data* li ma huwiex se jibqa' soġġett għad-dritt tal-Unjoni, li jista' jkun li jevolvi. F'dan ir-rigward, attenzjoni speċjali se tingħata lill-applikazzjoni fil-prattika tar-regoli tar-Renju Unit dwar it-trasferiment ta' data personali lill-pajjiżi terzi, anki permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, u l-impatt li jista' jkollu fuq il-livell ta' protezzjoni mogħtija lil data trasferita skont din id-Deċiżjoni; kif ukoll l-effettività tal-eżerċizzju tad-drittijiet individwali fil-qasam koerat minn din id-Deċiżjoni. Fost elementi oħra, żviluppi fil-ġurisprudenza u s-sorveljanza mill-ICO u korpi indipendenti oħra se jkunu ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-Kummissjoni.

(166) Sabiex ikun faċilitat dan il-monitoraġġ, l-awtoritajiet tar-Renju Unit jenħtieġ li b'mod regolari u fil-waqt jinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tibdil materjali fl-ordinament ġuridiku tar-Renju Unit li jkollu impatt fuq il-qafas legali li huwa l-oġġett ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll dwar kwalunkwe evoluzzjoni fil-prattiki relatati mal-ipproċessar tad-data personali vvalutati f'din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi msemmija fil-premessi (165).

(167) Barra minn hekk, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-funzjoni ta' monitoraġġ tagħha b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe azzjoni rilevanti meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari fir-rigward ta' domandi jew ta' lmenti minn suġġetti tad-*data* tal-UE dwar it-trasferiment ta' *data* personali mill-Unjoni lil awtoritajiet kompetenti fir-Renju Unit. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi informata wkoll dwar kwalunkwe indikazzjoni li l-azzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi tar-Renju Unit responsabbli għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għad-detezzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inkluż kwalunkwe korp ta' sorveljanza, ma jiżgurawx il-livell meħtieġ ta' protezzjoni.

(168) Meta l-informazzjoni disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni li tirriżulta mill-monitoraġġ ta' din id-Deċiżjoni jew ipprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit jew tal-Istati Membri, tiżvela li l-livell ta' protezzjoni mogħti mir-Renju Unit jaf ma jibqax adegwat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit dwar dan u titlob li jittieħdu l-miżuri xierqa fil-perjodu ta' żmien speċifiku, li ma jistax jeċċedi t-tliet xhur. Fejn neċessarju, dan il-perjodu jista' jkun estiż għal perjodu speċifiku ta' żmien, waqt li tkun ikkunsidrata n-natura tal-kwistjoni ikkonċernata u/jew il-miżura li għandha tittieħed.

(169) Jekk, mal-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien speċifikat, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jonqsu milli jieħdu dawk il-miżuri jew inkella juru b'mod sodisfaċenti li din id-Deċiżjoni tkun għadha bbażata fuq livell adegwat ta' protezzjoni, il-Kummissjoni tibda l-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680 bl-għan li tissospendi jew tħassar din id-Deċiżjoni parzjalment jew kompletament.

(170) Inkella, il-Kummissjoni tibda din il-proċedura bl-għan li temenda d-Deċiżjoni, b'mod partikolari billi tissoġġetta t-trasferimenti tad-*data* għal kundizzjonijiet addizzjonali jew billi tillimita l-ambitu tal-konstatazzjoni tal-adegwatezza biss għat-trasferimenti tad-*data* li għalihom jibqa' żgurat livell adegwat ta' protezzjoni.

(171) Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni tuża l-possibbiltà li tadotta, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680, atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament li jissospendu, iħassru jew jemendaw id-Deċiżjoni.

6. **DURATA U TIĠDID TA' DIN ID-DEĊIŻJONI**

(172) Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat li, hekk kif jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni previst mill-Ftehim dwar il-Ħruġ u malli ma tibqax tapplika d-dispożizzjoni *interim* skont l-Artikolu 782 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, ir-Renju Unit se jamministra, japplika u jinforza reġim ġdid ta' protezzjoni tad-*data* meta mqabbel ma' dak li kien fis-seħħ meta kien marbut bid-dritt tal-Unjoni Ewropea. Dan jista' jinvolvi b'mod partikolari emendi jew bidliet fil-qafas tal-protezzjoni tad-*data* vvalutat f'din id-Deċiżjoni, kif ukoll żviluppi rilevanti oħrajn.

(173) Għalhekk, huwa xieraq li jiġi previst li din id-Deċiżjoni se tapplika għal perjodu ta' erba' snin mid-dħul fis-seħħ tagħha.

(174) Meta b'mod partikolari l-informazzjoni li tirriżulta mill-monitoraġġ ta' din id-Deċiżjoni tiżvela li l-konstatazzjonijiet relatati mal-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni żgurat fir-Renju Unit għadhom fattwalment u legalment iġġustifikati, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel ma din id-Deċiżjoni ma tibqax tapplika, tibda l-proċedura sabiex temenda din id-Deċiżjoni billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni temporali tagħha, fil-prinċipju, għal perjodu addizzjonali ta' erba' snin. Kwalunkwe att ta' implimentazzjoni bħal dan li jemenda din id-Deċiżjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680.

7. **KUNSIDERAZZJONIJIET FINALI**

(175) Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ppubblika l-opinjoni tiegħu ([271]), li ġiet ikkunsidrata fit-tħejjija ta' din id-Deċiżjoni.

(176) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(177) F'konformità mal-Artikolu 6a tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda ma hijiex marbuta bir-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/680, u għalhekk lanqas b'din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, li hija relatata mal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE fejn l-Irlanda ma hijiex marbuta bir-regoli li jirregolaw il-forom ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jew f'kooperazzjoni tal-pulizija li jeħtieġu konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fuq il-bażi tal-Artikolu 16 TFUE. Barra minn hekk, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745 ([272]), id-Direttiva (UE) 2016/680 għandha tidħol fis-seħħ u tiġi applikata fuq bażi provviżorja fl-Irlanda mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, l-Irlanda hija marbuta b'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/680 fl-Irlanda kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1745, fir-rigward tal-*acquis* ta' Schengen li tipparteċipa fih.

(178) F'konformità mal-Artikoli 2 u 2a tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex marbuta bir-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/680, u għalhekk b'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Madankollu, minħabba li d-Direttiva (UE) 2016/680 tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, innotifikat fis-26 ta' Ottubru 2016 id-deċiżjoni tagħha li timplimenta d-Direttiva (UE) 2016/680. Għalhekk, id-Danimarka hija marbuta bid-dritt internazzjonali li timplimenta din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(179) Fir-rigward tal-Iżlanda u tan-Norveġja, din id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif previst mill-Ftehim milħuq bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([273]).

(180) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif previst mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([274]).

(181) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif previst mill-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([275]).

([271]) Opinion 15/2021 regarding the European Commission draft implementing decision pursuant to Directive (UE) 2016/680 on the adequate protection of personal data in the United Kingdom, disponibbli fuq il-link segwenti https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/opinion-led/opinion-152021-regarding-european-commission-draft_en.

([272]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745 tat-18 ta' Novembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-data u dwar l-implimentazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-Irlanda (ĠU L 393, 23.11.2020, p. 3).

([273]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([274]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([275]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680, ir-Renju Unit jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-*data* personali ttrasferita mill-Unjoni Ewropea lill-awtoritajiet pubbliċi tar-Renju Unit responsabbli għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għad-detezzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni tal-penali kriminali.

Artikolu 2

Kull meta l-awtoritajiet superviżorji kompetenti fl-Istati Membri, sabiex jipproteġu lill-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/680 fir-rigward tat-trasferimenti tad-*data* lil awtoritajiet pubbliċi fir-Renju Unit fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 1, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-applikazzjoni tal-qafas legali li fuqu hija bbażata din id-Deċiżjoni, inklużi l-kundizzjonijiet li fihom jitwettqu t-trasferimenti ulterjuri u jkunu eżerċitati d-drittijiet individwali, bl-għan li jiġi vvalutat jekk ir-Renju Unit għadux jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin dwar każijiet li fihom il-Kummissarju tal-Informazzjoni, jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tar-Renju Unit, tonqos milli tiżgura konformità mal-qafas legali li fuqu hija bbażata din id-Deċiżjoni.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin dwar kwalunkwe indikazzjoni li l-interferenzi mill-awtoritajiet pubbliċi tar-Renju Unit mad-dritt tal-individwi għall-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom imorru lil hinn minn dawk li jkunu strettament meħtieġa, jew li ma jkun hemm l-ebda protezzjoni legali effettiva kontra tali interferenzi.

4. Meta l-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet li ma jibqax żgurat livell adegwat ta' protezzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit u tista' tissospendi, tħassar jew temenda din id-Deċiżjoni.

5. Il-Kummissjoni tista' tissospendi, tħassar jew temenda din id-Deċiżjoni jekk in-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-gvern tar-Renju Unit jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddetermina jekk tkunx affettwata l-konstatazzjoni fl-Artikolu 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fis-27 ta' Ġunju 2025, sakemm ma tiġix estiża f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) tad-Direttiva (UE) 2016/680.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Didier REYNDERS
Membru tal-Kummissjoni